Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Settembru 2017
(OR. en)

12051/17

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0030 (COD)**

CODEC 1364
ENER 355
IA 134
PE 59

**NOTA TA' INFORMAZZJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 994/2010<br>– Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew<br>(Strasburgu, 11 sal-14 ta' Settembru 2017) |

## I. INTRODUZZJONI[1]

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni[2], saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Jerzy BUZEK (PPE, PL), ippreżenta emenda ta' kompromess waħda (l-emenda 179) għall-proposta għal Regolament, f'isem il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija. Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmijin hawn fuq. Il-Kumitat ippreżenta wkoll emenda waħda (l-emenda 178) għal dikjarazzjoni mill-Kummissjoni li għandha tiġi annessa għar-riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament.

[1] L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN
[2] ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5

## II. VOT

Meta vvotat fit-12 ta' Settembru 2017, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda 179) għall-proposta għal Regolament kif ukoll l-emenda 178 biex id-dikjarazzjoni tiġi annessa mar-riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament[3]. Il-proposta tal-Kummissjoni kif hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif indikat fl-Anness għal dan[4].

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li preċedentement kien intlaħaq qbil dwaru bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

[3] Jekk jogħġbok ara l-paġna 192 ta' dan id-dokument.

[4] Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet fit-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv.*** Is-simbolu " ▌ " jindika test imħassar.

**ANNESS**

**(12.9.2017)**

## Miżuri biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà tal-provvista tal-gass ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 994/2010 (COM(2016)0052 – C8-0035/2016 – 2016/0030(COD))

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0052),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0035/2016),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati mill-Kunsill Federali Awstrijak u l-Parlament Bulgaru, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta’ Settembru 2016[5],

– wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-10 ta' Mejju 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

– wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 39 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A8-0310/2016),

[5] ĠU C 487, 28.12.2016, p. 70.

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P8_TC1-COD(2016)0030**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-12 ta' Settembru 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament (UE) 2017/...dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194***(2)*** tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[6],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja[7],

6 ĠU C 487, 28.12.2016, p. 70.
7 Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta’ Settembru 2017.

Filwaqt li:

(1) Il-gass naturali (gass) jibqa' komponent essenzjali tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea. Proporzjon kbir ta' tali gass huwa importat fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

(2) Interruzzjoni gravi ta’ provvista tal-gass tista' taffettwa lill-Istati Membri kollha, lill-Unjoni u lill-Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija, iffirmat f'Ateni fil-25 ta' Ottubru 2005. Tista' tagħmel ukoll ħsara kbira lill-ekonomija tal-Unjoni u jista' jkollha impatt soċjali gravi, ***b'mod partikolari*** fuq gruppi vulnerabbli ta' klijenti.

(3) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi salvagwardata provvista ta' gass mingħajr interruzzjoni madwar l-Unjoni kollha, b'mod partikolari lill-klijenti protetti f'każ ta' kondizzjonijiet klimatiċi diffiċli jew ta' interruzzjonijiet tal-provvista tal-gass. Dawk l-objettivi jenħtieġ li jinkisbu permezz tal-aktar miżuri kosteffettivi u b'tali mod li ma jkunx hemm distorsjoni tas-swieq ***tal-gass***.

(4) ***Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8], id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10], ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] u*** r-Regolament (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13]***,*** ▌ diġà kellu impatt pożittiv sinifikanti fuq is-sigurtà tal-provvista tal-gass ***fl-Unjoni***, kemm f'termini ta' tħejjija kif ukoll ta' mitigazzjoni. L-Istati Membri huma ppreparati aħjar sabiex jiffaċċaw kriżi tal-provvista issa li huma meħtieġa jistabbilixxu pjanijiet ta' azzjoni preventiva u pjanijiet ta' emerġenza, u huma mħarsa aħjar issa li huma meħtieġa jissodisfaw għadd ta' obbligi dwar il-kapaċità tal-infrastruttura u l-provvista tal-gass. Madankollu, ir-rapport dwar l-implimentazzjoni ***tal-Kummissjoni*** tar-Regolament (UE) Nru 994/2010 ta' Ottubru 2014 enfasizza oqsma li fihom titjib lil dak ir-Regolament li jista' jkompli jsaħħaħ ***is-sigurtà ta'*** provvista ***tal-gass*** fl-Unjoni ▌.

(5) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ***tas-16 ta' Ottubru 2014*** dwar ir-reżiljenza fuq perijodu qasir ta' żmien tas-sistema tal-gass Ewropea ▌ analizzat l-effetti ta' interruzzjoni parzjali jew kompleta tal-provvisti tal-gass mir-Russja u kkonkludiet li l-approċċi purament nazzjonali mhumiex effettivi ħafna f'każ ta' interruzzjoni serja, minħabba l-ambitu tagħhom, li fin-natura tiegħu huwa limitat. It-test tal-istress wera kif approċċ aktar

---

8 Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

9 Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

10 Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1).

11 Regolament (KE) 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 15).

12 Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

*13* ***Regolament (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 1).***

kooperattiv fost l-Istati Membri jista' jnaqqas b'mod sinifikanti l-impatt tax-xenarji ta' interruzzjonijiet serji ħafna fl-aktar Stati Membri vulnerabbli.

(6) ***Is-sigurtà tal-enerġija tikkostitwixxi wieħed mill-objettivi tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija, kif deskritta fil-***komunikazzjoni tal-Kummissjoni ***tal-25 ta' Frar 2015 dwar*** "Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem" ***li enfasizzat ukoll il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" kif ukoll il-ħtieġa li l-atti legali eżistenti tal-Unjoni dwar l-enerġija jiġu implimentati b'mod sħiħ. Il-komunikazzjoni enfasizzat*** il-fatt li l-Unjoni tal-Enerġija hi msejsa fuq is-solidarjetà***, li hi mnaqqxa fl-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),*** u l-fiduċja, li huma karatteristiċi ewlenin tas-sigurtà tal-enerġija. Dan ***ir-Regolament hu maħsub*** biex isaħħaħ is-solidarjetà u l-fiduċja fost l-Istati Membri u jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-għanijiet***. Meta tivvaluta l-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza stabbiliti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun kapaċi wkoll tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri għall-objettivi tal-***Unjoni tal-Enerġija.

(7) Suq intern tal-gass li jaħdem tajjeb huwa l-aħjar garanzija sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-gass madwar l-Unjoni u sabiex titnaqqas l-espożizzjoni ta' Stati Membri individwali għall-effetti ta' ħsara tal-interruzzjonijiet tal-provvista tal-gass. Fejn is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stat Membru tkun mhedda, hemm riskju li miżuri żviluppati b'mod unilaterali minn dak l-Istat Membru jistgħu jipperikolaw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass u jagħmlu ħsara lill-provvista tal-gass għall-klijenti fi Stati Membri oħrajn. Sabiex is-suq intern tal-gass jitħalla jiffunzjona anke meta jkun hemm nuqqas ta' provvista, għandha ssir dispożizzjoni għas-solidarjetà u l-koordinazzjoni fit-tweġiba għall-kriżijiet tal-provvista, kemm fir-rigward ta' azzjoni preventiva kif ukoll fir-rigward tar-reazzjoni għal interruzzjonijiet attwali tal-provvista tal-gass.

(8) ***Suq intern tal-enerġija li jkun tassew interkonness u li jkollu punti ta' dħul multipli u flussi f'direzzjonijiet opposti jista' jinħoloq biss billi l-grilji tal-gass tiegħu jiġu interkonnessi kompletament, billi jinbnew ċentri tal-gass naturali likwifikat (LNG) fir-reġjuni tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Unjoni, billi jitlestew il-kurituri tal-Gass bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar u tan-Nofsinhar u billi tiġi żviluppata aktar il-produzzjoni domestika. Għaldaqstant, jeħtieġ li jkun hemm żvilupp aċċellerat ta' interkonnessjonijiet u proġetti li jkollhom l-għan li jiddiversifikaw is-sorsi ta' provvista, kif diġà ġew magħżula fl-Istrateġija għas-Sigurtà tal-Enerġija.***

(*9*) S'issa, il-potenzjal għal miżuri aktar effiċjenti u b'inqas spejjeż permezz ta' kooperazzjoni reġjonali ma ġiex sfruttat għal kollox. Dan għandu x'jaqsam mhux biss ma' koordinazzjoni aħjar ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni nazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, iżda wkoll ***ma'*** miżuri preventivi nazzjonali, bħall-ħażna nazzjonali jew il-politiki relatati mal-LNG, li jistgħu jkunu ta' importanza strateġika f'ċerti reġjuni ***tal-Unjoni***.

(***10***) Fi spirtu ta' solidarjetà, jenħtieġ li l-kooperazzjoni reġjonali, li tinvolvi kemm lill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll lill-impriżi tal-gass naturali, tkun il-prinċipju gwida ta' dan ir-Regolament, sabiex ***jittaffew*** ir-riskji ***identifikati*** ▌ u sabiex jiġu ottimizzati l-benefiċċji tal-miżuri kkoordinati u sabiex jiġu implimentati l-aktar miżuri kosteffettivi għall-konsumaturi tal-Unjoni. ***Jenħtieġ li l-kooperazzjoni reġjonali tkun ikkomplementata gradwalment minn perspettiva tal-Unjoni aktar b'saħħitha, li tippermetti l-użu tal-provvisti u l-għodod kollha disponibbli fis-suq intern tal-gass kollu. Il-valutazzjoni tal-kurituri tal-provvista ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-kooperazzjoni reġjonali.***

*(11)* Approċċ ***ibbażat fuq ir-riskju*** għall-***valutazzjoni tas-sigurtà tal-provvista u għall-istabbiliment*** ta' miżuri preventivi u ta' mitigazzjoni jippermetti l-koordinazzjoni tal-isforzi ***u jġib miegħu*** benefiċċji sinifikanti f'termini tal-effikaċja tal-miżuri u l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi. Dan japplika b'mod partikolari għal miżuri mfassla biex jiggarantixxu provvista kontinwa, taħt kondizzjonijiet ebsin ħafna, lill-klijenti protetti, u lil miżuri biex inaqqsu l-impatt ta' emerġenza. Il-valutazzjoni tar-riskji korrelatati ***b'mod konġunt fi gruppi ta' riskju***, li hija aktar komprensiva kif ukoll aktar preċiża, ser tiżgura li l-Istati Membri jkunu ppreparati aħjar għal kull kriżi. Barra minn hekk, f'emerġenza, approċċ ikkoordinat u miftiehem minn qabel għas-sigurtà tal-provvista jiżgura rispons konsistenti u jnaqqas ir-riskju ta' effetti sekondarji negattivi li jista' jkollhom miżuri purament nazzjonali fi Stati Membri ġirien.

*(12)* ***Għall-iskop tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, jenħtieġ li l-gruppi ta' riskju jiġu definiti abbażi tar-riskji transnazzjonali kbar għas-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni. Tali riskji ġew identifikati fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ottubru 2014 dwar ir-reżiljenza fuq perijodu qasir ta' żmien tas-sistema tal-gass Ewropea u l-valutazzjoni inkluża fil-Pjan l-aktar reċenti ta' Għaxar Snin għall-Iżvilupp tan-Netwerk (TYNDP) żviluppat min-Netwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trasmissjoni tal-Gass (ENTSOG). Sabiex ikun hemm valutazzjoni aktar preċiża li tkun iffukata aħjar għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-gruppi ta' riskju jissawru abbażi tas-sorsi u r-rotot ewlenin tal-provvista tal-gass.***

*(13)* Biex jiġi pprovdut l-input għall-valutazzjonijiet tar-riskji ***komuni u nazzjonali***, l-***ENTSOG***, f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass (GCG) u man-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trasmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E), jenħtieġ li jwettaq simulazzjoni fl-Unjoni kollha tax-xenarji ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass u tal-infrastruttura***. Jenħtieġ li tali simulazzjoni tiġi ripetuta tal-inqas kull sentejn. Bħala mezz ta' tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali billi tipprovdi informazzjoni dwar il-flussi tal-gass kif ukoll billi tipprovdi għarfien espert tekniku u operazzjonali, jenħtieġ li s-Sistema ta' Koordinazzjoni Reġjonali għall-Gass (Sistema ReCo għall-Gass), stabbilita mill-ENTSOG u magħmula minn gruppi permanenti ta' esperti, tkun involuta fit-twettiq ta' simulazzjonijiet. Jenħtieġ li l-ENTSOG jiżgura livell adatt ta' trasparenza u aċċess għall-preżunzjonijiet tal-mudell li jintużaw fix-xenarji tiegħu.***

***(14) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li taġġorna l-kompożizzjoni tal-gruppi ta' riskju permezz ta' att delegat abbażi tal-evoluzzjoni tar-riskji transnazzjonali kbar għas-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni u l-impatt tagħha fuq l-Istati Membri, b'kont meħud tar-riżultat tas-simulazzjoni fl-Unjoni kollha u tad-diskussjoni fil-GCG.***

*(15)* Biex il-kooperazzjoni reġjonali ssir fattibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jiftiehmu fuq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni fi ħdan kull ***grupp ta' riskju***. Jenħtieġ li tali mekkaniżmu jiġi żviluppat fil-ħin biżżejjed biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tar-riskju ***komuni*** u ***biex jiġu diskussi u jintlaħaq qbil dwar miżuri transkonfinali xierqa u effettivi, li ser jeħtieġu l-qbil ta' kull Stat Membru kkonċernat, li għandhom jiġu inklużi fil-kapitoli reġjonali tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza, wara li tiġi kkonsultata l-Kummissjoni.*** L-Istati Membri huma liberi li jiftiehmu fuq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li hu l-iktar addattat għal ***grupp ta' riskju*** partikolari. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista’ jkollha rwol ta' faċilitazzjoni fil-proċess globali u taqsam l-aħjar prattiki għall-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali bħal pereżempju rwol ta' koordinazzjoni b'rotazzjoni fi ħdan il-***gruppi ta' riskju*** għall-preparazzjoni tad-dokumenti differenti jew biex jiġu stabbiliti korpi dedikati. Jekk ma jkunx hemm qbil fuq il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni xieraq għal ***grupp ta' riskju*** partikolari.

*(16)* Meta jwettqu l-valutazzjoni tar-riskju ***komuni*** ▌, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-fatturi ta’ riskju rilevanti kollha li jistgħu jwasslu biex jimmaterjalizza ***r-riskju transnazzjonali kbir li għalih inħoloq il-grupp ta’ riskju, inkluż interruzzjoni tal-provvista tal-gass mill-akbar fornitur uniku. Jenħtieġ li dawk il-fatturi ta’ riskju jiġu indirizzati b'miżuri transkonfinali adatti miftiehma mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. Jenħtieġ li l-miżuri transkonfinali jiġu inklużi fil-kapitoli reġjonali tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu valutazzjoni tar-riskju nazzjonali komprensiva u jivvalutaw*** ir-riskji naturali, teknoloġiċi, kummerċjali, finanzjarji, soċjali, politiċi u dawk relatati mas-suq, kif ukoll kull riskju rilevanti ieħor ▌. Jenħtieġ li r-riskji kollha jiġu indirizzati b'miżuri effettivi, proporzjonati u nondiskriminatorji li għandhom jiġu żviluppati fil-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u fil-pjanijiet ta' emerġenza. Jenħtieġ li r-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju ***komuni u nazzjonali*** jikkontribwixxu wkoll għall-valutazzjonijiet tar-riskju tal-perikli kollha previsti fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[14] ***u jenħtieġ jittieħed kont tagħhom b'mod sħiħ fil-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali.***

[14] Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

*(17)* Sabiex jiġi żgurat stat ta' tħejjija massimu, biex tiġi evitata interruzzjoni tal-provvista tal-gass u biex jittaffew l-effetti tagħha jekk xorta waħda sseħħ, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti ta' ***grupp ta' riskju*** partikolari, ***wara li jikkonsultaw mal-partijiet kkonċernati***, jistabbilixxu pjanijiet ta' azzjoni preventiva u ***pjanijiet ta' emerġenza li jkollhom fihom il-kapitoli reġjonali***. Jenħtieġ li dawn jitfasslu b'tali mod li jindirizzaw ir-riskji nazzjonali b'mod li jisfrutta b'mod sħiħ l-opportunitajiet ipprovduti mill-kooperazzjoni reġjonali. Il-pjanijiet jenħtieġ li jkunu ta' natura teknika u operattiva, bil-funzjoni tagħhom tkun li jgħinu fil-prevenzjoni li tiġri jew tmur għall-agħar emerġenza jew sabiex jittaffew l-effetti tagħha. Il-pjanijiet jenħtieġ li jqisu s-sigurtà tas-sistemi tal-elettriku u jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-ippjanar strateġiku u l-għodod tar-rappurtar tal-Unjoni tal-Enerġija.

*(18)* Meta jistabbilixxu u jimplimentaw il-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu, f'kull ħin, l-operazzjoni sikura tas-sistema tal-gass fil-livelli reġjonali u nazzjonali. Jenħtieġ li huma jindirizzaw u jistabbilixxu f'dawk il-pjanijiet il-limitazzjonijiet tekniċi li jaffettwaw l-operazzjoni tan-netwerk, inkluża kwalunkwe raġuni teknika u ta' sigurtà għat-tnaqqis tal-flussi f'każ ta' emerġenza.

(19) ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza filwaqt li tqis debitament il-fehmiet espressi fil-GCG u tirrakkomanda li jiġu eżaminati, b'mod partikolari jekk il-pjanijiet ma jindirizzawx b'mod effettiv ir-riskji identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju, jekk joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni jew ixekklu l-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, jekk jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stati Membri oħrajn jew jekk ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew liġijiet oħrajn tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. Meta, wara l-pożizzjoni finali tal-awtorità kompetenti, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura kkonċernata tipperikola s-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stat Membru ieħor jew tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli d-djalogu mal-Istat Membru kkonċernat biex dan jaqbel li jemenda jew jirtira l-miżura.***

(20) Il-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza jenħtieġ li jiġu aġġornati b'mod regolari u jiġu ppubblikati. ▌ Sabiex jiġi żgurat li l-pjanijiet ta' emerġenza jkunu dejjem aġġornati u effettivi, jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu għallinqas test wieħed bejn l-aġġornamenti tal-pjanijiet billi jagħmlu simulazzjoni ta' xenarji ta' impatt għoli u medju u reazzjonijiet f'ħin reali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jippreżentaw ir-riżultati tat-testijiet fil-GCG.

*(21)* Il-mudelli komprensivi obbligatorji li jinkludu r-riskji kollha li għandhom jiġu koperti mill-valutazzjoni tar-riskju u l-komponenti kollha tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza huma meħtieġa biex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tar-riskju u t-tħejjija tal-pjanijiet u l-valutazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni.

*(22)* Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, ***jenħtieġ li*** l-valutazzjonijiet tar-riskju, il-pjanijiet ta' azzjoni preventiva, il-pjanijiet ta' emerġenza u d-dokumenti u l-iskambji ta' informazzjoni l-oħrajn kollha ***previsti f'***dan ir-Regolament jiġu nnotifikati permezz ta' sistema ta' notifika elettronika ***sikura u standardizzata***.

*(23)* Ċerti klijenti, li jinkludu unitajiet domestiċi u klijenti li jipprovdu servizzi soċjali essenzjali, huma partikolarment vulnerabbli u jistgħu jeħtieġu ▌ protezzjoni ***mill-effetti negattivi ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass***. Id-definizzjoni ta' tali klijenti protetti jenħtieġ li ma tkunx konfliġġenti mal-mekkaniżmi ta' solidarjetà tal-Unjoni.

(24) ***Huwa xieraq li ssir aktar speċifika d-definizzjoni ta' klijenti protetti mill-mekkaniżmu ta' solidarjetà. Dan hu meħtieġ mill-obbligu tal-Istati Membri li jagħtu solidarjetà f'każ ta' ċirkostanzi estremi u għal ħtiġijiet essenzjali. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' klijenti protetti mis-solidarjetà tkun limitata għal unitajiet domestiċi filwaqt li xorta tkun tista' tinkludi, f'kondizzjonijiet speċifiċi, ċerti servizzi soċjali essenzjali u installazzjonijiet tat-tisħin distrettwali. Għaldaqstant hu possibbli li l-Istati Membri, skont dak il-qafas, jittrattaw il-kura tas-saħħa, il-kura soċjali essenzjali, is-servizzi ta' emerġenza u dawk ta' sigurtà bħala klijenti protetti mis-solidarjetà, inkluż fejn dawk is-servizzi jingħataw minn amministrazzjoni pubblika.***

(*25*) Ir-responsabbiltà għas-sigurtà tal-provvista tal-gass jenħtieġ li tinqasam bejn l-impriżi tal-gass naturali, l-Istati Membri, li jaġixxu permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom**,** u l-Kummissjoni, fl-ambiti ta' kompetenza rispettivi tagħhom. Tali responsabbiltà maqsuma teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib ħafna bejn dawk il-partijiet. Madankollu, il-klijenti li jkunu qegħdin jużaw il-gass għall-ġenerazzjoni tal-elettriku jew għal skopijiet industrijali jistgħu wkoll ikollhom rwol importanti x'jaqdu fis-sigurtà tal-provvista tal-gass, peress li jistgħu jwieġbu għal kriżi billi jieħdu miżuri min-naħa tad-domanda, pereżempju kuntratti li jistgħu jiġu interrotti u bdil tal-karburant, li jkollhom impatt immedjat fuq il-bilanċ tal-provvista/domanda. ***Barra minn hekk, is-sigurtà tal-provvista tal-gass lil ċerti klijenti li jużaw il-gass għall-ġenerazzjoni tal-elettriku tista' titqies ukoll essenzjali f'xi każijiet. F'emerġenza, jenħtieġ li jkun possibbli għal Stat Membru li jagħti prijorità lill-provvista tal-gass lil tali klijenti taħt ċerti kondizzjonijiet anke qabel il-provvista tal-gass lill-klijenti protetti. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni l-provvista tal-gass lil xi wħud minn dawn il-klijenti mogħtija prijorità f'emerġenza qabel il-klijenti protetti tista' tkompli wkoll fi Stat Membru li jagħti solidarjetà biex jevita ħsara serja lill-funzjonament tas-sistema tal-elettriku jew tal-gass f'dak l-Istat Membru. Tali miżura speċifika jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15].***

---

[15] ***Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku u tal-investiment fl-infrastruttura (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 22).***

(*26*) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn, b'mod partikolari mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, meta jwettqu l-kompiti speċifikati f'dan ir-Regolament.

(*27*) L-istandard tal-infrastruttura jenħtieġ li jobbliga lill-Istati Membri jżommu livell minimu ta' infrastruttura bħal pereżempju biex jiżguraw ċertu allokazzjoni addizzjonali fis-sistema f'każ ta' interruzzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass. Minħabba li analiżi ***magħmula abbażi tal-formula*** N - 1 tikkostitwixxi approċċ purament ibbażat fuq il-kapaċità, ir-riżultati ***tal-formula*** N - 1 jenħtieġ li jkunu kkomplementati b'analiżi dettaljata li tittratta wkoll il-flussi tal-gass.

(*28*) Ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 jeħtieġ li l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni jippermettu kapaċità bidirezzjonali ***fiżika*** permanenti fuq l-interkonnessjonijiet transkonfinali kollha sakemm ma tkunx ingħatat eżenzjoni minn dak l-obbligu. Dan għandu l-għan li jiżgura li l-benefiċċji possibbli tal-kapaċità bidirezzjonali permanenti jitqiesu dejjem meta tkun qed tiġi ppjanata interkonnessjoni ġdida. Madankollu, il-kapaċità bidirezzjonali tista' tintuża biex tipprovdi gass kemm lill-Istat Membru ġar kif ukoll lil oħrajn tul il-kuritur tal-provvista tal-gass. Il-benefiċċji ***għas-***sigurtà tal-provvista ***tal-gass*** li jirriżultaw jekk tiġi permessa kapaċità bidirezzjonali ***fiżika*** permanenti ▌ jeħtieġ li jitqiesu ***minn*** perspettiva usa', fi spirtu ta' solidarjetà u kooperazzjoni msaħħa. Jenħtieġ li ▌ titwettaq analiżi ***komprensiva*** tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji li tqis il-kuritur kollu tat-trasport, meta jkun qiegħed jiġi kkunsidrat jekk tiġix implimentata kapaċità bi-direzzjonali. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jenħtieġ ▌ li jkunu obbligati jirrieżaminaw l-eżenzjonijiet mogħtija taħt ir-Regolament (UE) ***Nru*** 994/2010 abbażi tar-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju ***komuni***. ***Jenħtieġ li l-objettiv ġenerali jkun li jkun hemm kapaċità bidirezzjonali dejjem tikber u li l-kapaċità f'direzzjoni waħda fi proġetti transkonfinali futuri tinżamm f'livell l-aktar baxx possibbli.***

(29) ***Il-kapaċità f'punt ta' interkonnessjoni ma' Stat Membru tista' tikkompeti mal-kapaċità f'punti ta' ħruġ mill-grilja tal-gass għal faċilità ta' ħżin tal-gass. Bħala konsegwenza, tista' tirriżulta sitwazzjoni fejn ir-riżerva kostanti tal-kapaċità ta' ħruġ għall-ħżin tnaqqas il-kapaċità teknikament disponibbli li tiġi allokata f'punt ta' interkonnessjoni. Sabiex jiġi żgurat livell ogħla ta' sigurtà tal-enerġija f'emerġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi regola ċara ta' prijorità. Jenħtieġ li kwalunkwe kapaċità riżervata fil-punti ta' interkonnessjoni tingħata prijorità qabel kapaċità li tkun qed tikkompeti f'punt ta' ħruġ għal faċilità ta' ħżin, u b'hekk l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jkun jista' jalloka l-kapaċità teknika massima fil-punt ta' interkonnessjoni sabiex ikunu possibbli flussi akbar ta' gass fl-Istat Membru ġar li jkun iddikjara emerġenza. Dan jista' jkollu l-konsegwenza li l-injezzjonijiet ta' gass f'faċilitajiet ta' ħżin ma jkunux jistgħu jsiru jew ikunu jistgħu jsiru biss b'volumi mnaqqsa minkejja li jkunu ġew riżervati b'mod kostanti minn qabel. Biex jikkumpensa għat-telf finanzjarju li jirriżulta, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi kumpens ġust li jiġi applikat direttament u minnufih bejn l-utenti tas-sistema milqutin. Jenħtieġ li l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni kkonċernati jikkooperaw skont l-atti legali rilevanti sabiex tiġi applikata dik ir-regola ta' prijorità.***

*(30)* Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE[16] tistabbilixxi proċess li għandu l-għan li jtejjeb is-sigurtà ta' infrastrutturi kritiċi Ewropej speċifikati, inkluża ċerta infrastruttura tal-gass, fl-Unjoni. Id-Direttiva 2008/114/KE flimkien ma' dan ir-Regolament tikkontribwixxi biex jinħoloq approċċ komprensiv għas-sigurtà tal-Enerġija tal-Unjoni.

*(31)* Dan ir-Regolament jistabbilixxi standards għas-sigurtà tal-provvista li huma armonizzati biżżejjed u jkopru tal-inqas is-sitwazzjoni li seħħet f'Jannar 2009 meta l-provvista tal-gass mir-Russja ġiet interrotta. Dawk l-istandards iqisu d-differenza bejn l-Istati Membri, l-obbligi tas-servizz pubbliku u l-miżuri ta' protezzjoni tal-klijenti, kif jissemmew fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/73/KE. Jenħtieġ li l-istandards tas-sigurtà tal-provvista jkunu stabbli, sabiex jipprovdu ċ-ċertezza legali meħtieġa, jenħtieġ li jkunu definiti b'mod ċar u jenħtieġ li ma jimponux piż mhux raġonevoli u sproporzjonat fuq l-impriżi tal-gass naturali. Jenħtieġ li dawn jiggarantixxu wkoll aċċess ugwali għall-impriżi tal-gass naturali tal-Unjoni għall-konsumaturi nazzjonali. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu miżuri li, b'mod effettiv u proporzjonat, jiżguraw li l-impriżi tal-gass naturali jikkonformaw ma' tali standard, inkluża l-possibbiltà li jistabbilixxu multi fuq il-fornituri, fejn iqisu li dan ikun adatt.***

▌

[16] Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta’ Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75).

(*32*) Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-impriżi kollha tal-gass naturali u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu definiti preċiżament biex is-suq intern tal-gass jibqa' jaħdem tajjeb, b'mod partikolari f'każ ta' interruzzjonijiet tal-provvista u kriżijiet. Tali rwoli u responsabbiltajiet jenħtieġ li jkunu stabbiliti b'tali mod li jiżguraw li jiġi rrispettat approċċ fuq tliet livelli li jkun jinvolvi, l-ewwel, l-impriżi tal-gass naturali u l-industrija rilevanti, it-tieni, l-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew reġjonali, u t-tielet, l-Unjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jippermetti lill-impriżi tal-gass naturali u lill-klijenti jistrieħu fuq mekkaniżmi bbażati fuq is-suq għall-itwal żmien possibbli meta jindirizzaw l-interruzzjonijiet. Madankollu, jenħtieġ ukoll li jipprevedi mekkaniżmi li għandhom jintużaw meta s-swieq weħidhom ma jibqgħux f'pożizzjoni li jindirizzaw b'mod adegwat interruzzjoni tal-provvista tal-gass.

(*33*) F'każ ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass, il-parteċipanti fis-suq jenħtieġ li jingħataw opportunità suffiċjenti sabiex iwieġbu għas-sitwazzjoni b'miżuri bbażati fuq is-suq. Fejn miżuri tas-suq ikunu ġew eżawriti u xorta jkunu għadhom insuffiċjenti, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jenħtieġ li jieħdu miżuri sabiex jitneħħew jew jittaffew l-effetti ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass.

(*34*) Fejn l-Istati Membri jkollhom pjan li jintroduċu miżuri mhux ibbażati fuq is-suq, l-introduzzjoni ta' tali miżuri tenħtieġ li tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-impatt ekonomiku tagħhom. Dan jiżgura li l-klijenti jkollhom l-informazzjoni li jkollhom bżonn dwar l-ispejjeż ta' tali miżuri u jiżgura li l-miżuri jkunu trasparenti, b'mod speċjali fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq il-prezz tal-gass.

*(35)* ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa tiżgura li miżuri preventivi ġodda mhux ibbażati fuq is-suq ma jipperikolawx is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stati Membri oħrajn jew fl-Unjoni. Minħabba li miżuri bħal dawn jistgħu jkunu partikolarment ta' ħsara għas-sigurtà tal-provvista tal-gass, huwa xieraq li jidħlu fis-seħħ biss meta jiġu approvati mill-Kummissjoni jew meta jkunu ġew emendati skont deċiżjoni tal-Kummissjoni.***

*(36*) Miżuri min-naħa tad-domanda, bħall-bdil tal-karburant jew it-tnaqqis tal-provvista tal-gass lil klijenti industrijali kbar skont ordni ekonomikament effiċjenti, jista' jkollhom rwol siewi sabiex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-gass, jekk dawn ikunu jistgħu jiġu applikati malajr u jnaqqsu d-domanda b'mod sinifikanti b'reazzjoni għal interruzzjoni tal-provvista tal-gass. Jenħtieġ li jsir iktar biex jiġi promoss l-użu effiċjenti tal-enerġija, partikolarment fejn ikun hemm bżonn miżuri min-naħa tad-domanda. Jenħtieġ li jitqies l-impatt ambjentali ta' kwalunkwe miżura min-naħa tad-domanda u tal-provvista proposta, u tingħata kemm jista' jkun possibbli preferenza għall-miżuri li għandhom l-inqas impatt fuq l-ambjent. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati aspetti tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u l-kompetittività.

▌

(*37*) Huwa neċessarju li tiġi żgurata l-prevedibbiltà tal-azzjoni li għandha tittieħed f'każ ta' emerġenza, biex il-parteċipanti kollha tas-suq ikun jista' jkollhom opportunità suffiċjenti sabiex jirreaġixxu u jippreparaw għal ċirkostanzi bħal dawn. Bħala regola, għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jimxu skont il-pjan ta' emerġenza tagħhom. F'ċirkostanzi eċċezzjonali debitament ġustifikati, jenħtieġ li huma jkunu jistgħu jieħdu azzjoni li tiddevja minn dawk il-pjanijiet. Huwa importanti wkoll li l-mod li bih jiġu ddikjarati l-emerġenzi jkun iktar trasparenti u prevedibbli. L-informazzjoni dwar il-pożizzjoni ta' bbilanċjar tas-sistema (l-istatus ġenerali tan-netwerk ta' trasmissjoni), li l-qafas tagħha jinsab fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014[17], jista' jkollha rwol importanti f'dak ir-rigward. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti u, fejn dawn ma jkunux l-awtoritajiet kompetenti, għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, f'ħin reali.

[17] Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014 tas-26 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Netwerk dwar l-Ibbilanċjar tal-Gass tan-Netwerks ta' Trażmissjoni (ĠU L 91, 27.3.2014, p. 15).

*(38)* Kif muri fil-kuntest tal-***eżerċizzju*** ta' test tal-istress ta' Ottubru 2014, hija meħtieġa solidarjetà sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-gass madwar l-Unjoni***. Din tifrex l-effetti b'mod aktar ekwu u tnaqqas l-effetti ġenerali ta' interruzzjoni serja. Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà hu mfassal biex jindirizza sitwazzjonijiet estremi li fihom il-provvista għal klijenti protetti mis-solidarjetà, bħala bżonn essenzjali u prijorità meħtieġa, tkun mhedda fi Stat Membru. Is-solidarjetà tiżgura kooperazzjoni ma' Stati Membri aktar vulnerabbli. Fl-istess waqt, is-solidarjetà hi miżura li għandha tintuża bħala l-aħħar għażla li tapplika biss f'emerġenza u b'kondizzjonijiet restrittivi biss. Jekk*** tkun iddikjarata emerġenza fi Stat Membru, jenħtieġ għalhekk li jiġi applikat approċċ ***gradwali u proporzjonat*** biex ***tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-gass***. L-ewwel nett, ***jenħtieġ li l-Istat Membru li jkun iddikjara l-emerġenza jimplimenta, b'mod partikolari, l-miżuri ta' emerġenza kollha previsti fil-pjan ta' emerġenza tiegħu sabiex tiġi żgurata provvista tal-gass lill-klijenti tiegħu protetti mis-solidarjetà. Fl-istess ħin,*** l-Istati Membri kollha li jkunu introduċew standard ta' provvista ***ogħla*** jenħtieġ li jnaqqsuh ***temporanjament*** għall-***istandard ta' provvista normali*** sabiex is-suq tal-gass isir aktar likwidu***, fil-każ li l-Istat Membru li jiddikjara l-emerġenza jindika li hija meħtieġa azzjoni transkonfinali. Jekk*** dawk iż-***żewġ settijiet preċedenti ta' miżuri ma jipprovdux*** il-provvista neċessarja, ***jenħtieġ li jittieħdu*** miżuri ***ta' solidarjetà*** mill-Istati Membri ***konnessi direttament*** biex tiġi żgurata provvista ***tal-gass lill-klijenti protetti mis-solidarjetà*** fl-Istat Membru li jkun għaddej mill-emerġenza, fuq it-talba ta' dak l-Istat Membru***. Tali miżuri ta' solidarjetà jenħtieġ li jinvolvu l-iżgurar li l-provvista tal-gass lil klijenti li mhumiex klijenti protetti mis-solidarjetà fit-territorju tal-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà ma titnaqqasx jew ma tkomplix, sabiex isiru liberi volumi ta' gass, sa fejn ikun meħtieġ u sakemm il-provvista tal-gass għal klijenti protetti mis-solidarjetà fl-Istat Membru li jitlob is-solidarjetà ma tkunx sodisfatta. Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jinftiehem bħala li qed jitlob jew jippermetti li Stat Membru jeżerċita awtorità pubblika fi Stat Membru ieħor.***

*(39) Jenħtieġ li jittieħdu miżuri ta' solidarjetà bħala l-aħħar għażla wkoll fejn Stat Membru jkun konness ma' Stat Membru ieħor permezz ta' pajjiż terz sakemm il-flussi ma jkunux ristretti mill-pajjiż terz, u fejn ikun hemm qbil mill-Istati Membri rilevanti, li jenħtieġ li jinvolvu, kif xieraq, lill-pajjiż terz li huma konnessi permezz tiegħu.*

*(40) Fejn jittieħdu miżuri ta' solidarjetà bħala l-aħħar għażla, jenħtieġ li t-tnaqqis jew il-waqfien tal-provvista tal-gass fl-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà, fejn ikun meħtieġ biex l-Istat Membru jikkonforma mal-obbligi ta' solidarjetà tiegħu, u sabiex jiġi evitat trattament diskriminatorju, ikun applikabbli għall-klijenti kollha li mhumiex klijenti protetti mis-solidarjetà, irrispettivament minn jekk jirċevux gass direttament jew permezz ta' installazzjonijiet ta' tisħin distrettwali protetti mis-solidarjetà fl-għamla ta' sħana. Jenħtieġ li tiġi żgurata l-istess ħaġa viċe versa b'rabta mal-klijenti li mhumiex klijenti protetti mis-solidarjetà fl-Istat Membru li jirċievi l-gass fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà.*

(41) *Fejn jittieħdu miżuri ta' solidarjetà bħala l-aħħar għażla, ikun preferibbli li l-konsum tal-gass fl-Istat Membru li jipprovdi solidarjetà, bħala l-ewwel pass, jitnaqqas fuq bażi volontarja, permezz ta' miżuri bbażati fuq is-suq, bħall-miżuri volontarji min-naħa tad-domanda jew l-irkant invers, fejn ċerti klijenti bħall-klijenti industrijali jindikaw lill-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew awtorità oħra responsabbli l-prezz fejn huma jnaqqsu jew iwaqqfu l-konsum tal-gass tagħhom. Jekk jirriżulta li l-miżuri bbażati fuq is-suq ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw id-defiċit fil-provvista tal-gass meħtieġa, u minħabba l-importanza ta' miżuri ta' solidarjetà bħala l-aħħar għażla, jenħtieġ li l-Istat Membru li jipprovdi solidarjetà, bħala t-tieni pass, ikun jista' juża miżuri mhux ibbażati fuq is-suq, inkluża l-limitazzjoni ta' ċerti gruppi ta' klijenti, sabiex iħares l-obbligi ta' solidarjetà tiegħu.*

(42) *Il-miżuri ta' solidarjetà tal-aħħar għażla jenħtieġ li jiġu pprovduti abbażi ta' kumpens. Jenħtieġ li l-Istat Membru li jipprovdi solidarjetà jingħata kumpens ġust minnufih mill-Istat Membru li jirċievi solidarjetà, inkluż għall-gass ikkonsenjat fit-territorju tiegħu u l-ispejjeż l-oħrajn kollha rilevanti u raġonevoli li jiġġarrbu meta tiġi pprovduta solidarjetà. Il-miżuri ta' solidarjetà tal-aħħar għażla jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-kondizzjoni li l-Istat Membru li jitlob solidarjetà jieħu impenn li jagħti tali kumpens ġust u immedjat. Dan ir-Regolament ma jarmonizzax l-aspetti kollha tal-kumpens ġust. L-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jadottaw il-miżuri meħtieġa, b'mod partikolari arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji, biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet dwar kumpens immedjat u ġust bejniethom.*

(43) *Meta jieħdu miżuri ta' solidarjetà skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni u għaldaqstant ikunu marbutin li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali garantiti mid-dritt tal-Unjoni. Tali miżuri jistgħu għaldaqstant iwasslu għal obbligu li Stat Membru jħallas kumpens lil dawk milqutin mill-miżuri tiegħu. Għaldaqstant jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkunu fis-seħħ regoli nazzjonali dwar il-kumpens li jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mad-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-Istat Membru li jirċievi solidarjetà fl-aħħar mill-aħħar iġarrab l-ispejjeż raġonevoli kollha li jirriżultaw mill-obbligu msemmi lejn l-Istat Membru li jipprovdi solidarjetà, tal-għoti ta' kumpens u spejjeż raġonevoli oħrajn imġarrba mill-ħlas tal-kumpens skont ir-regoli nazzjonali dwar il-kumpens imsemmijin.*

(44) *Peress li jista' jkun hemm aktar minn Stat Membru wieħed li jipprovdi solidarjetà lil Stat Membru rikjedenti, jenħtieġ li jkun hemm mekkaniżmu ta' kondiviżjoni tal-piżijiet. Fil-qafas ta' dak il-mekkaniżmu, l-Istat Membru li jitlob solidarjetà jenħtieġ li, wara li jikkonsulta lill-Istati Membri kollha kkonċernati, ifittex l-aktar offerta vantaġġjuża fuq il-bażi tal-ispejjeż, il-veloċità tal-konsenja, l-affidabbiltà u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass minn Stati Membri differenti . L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu tali offerti fuq il-bażi ta' miżuri volontarji min-naħa tad-domanda kemm jista' jkun possibbli u għall-itwal żmien possibbli, qabel ma jduru għal miżuri mhux ibbażati fuq is-suq.*

(45) *Dan ir-Regolament jintroduċi, għall-ewwel darba, tali mekkaniżmu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri bħala strument biex jittaffew l-effetti ta' emerġenza serja fl-Unjoni inkluż mekkaniżmu ta' kondiviżjoni tal-piżijiet. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina l-mekkaniżmu ta' kondiviżjoni tal-piżijiet u l-mekkaniżmu ta' solidarjetà b'mod ġenerali fid-dawl tal-esperjenza futura fit-tħaddim tagħhom, u tipproponi, fejn ikun xieraq, modifiki għalihom.*

(46) *L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-mekkaniżmu ta' solidarjetà, inkluż bil-qbil bejn l-Istati Membri kkonċernati dwar arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeskrivu d-dettalji ta' dawk l-arranġamenti fil-pjanijiet ta' emerġenza tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji gwida legalment mhux vinkolanti rigward l-elementi ewlenin li jenħtieġ li jiġu inklużi f'tali arranġamenti.*

(47) *Sakemm Stat Membru jkun jista' jkopri l-konsum tal-gass tal-klijenti tiegħu protetti mis-solidarjetà mill-produzzjoni tiegħu stess u għalhekk ma jkollux bżonn jitlob solidarjetà, huwa għandu jkun eżenti mill-obbligu tal-konklużjoni ta' arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji ma' Stati Membri oħra bl-iskop li jirċievi solidarjetà. Jenħtieġ li dan ma jaffettwax l-obbligu tal-Istat Membru rilevanti li jipprovdi solidarjetà lil Stati Membri oħra.*

***(48)	Jenħtieġ li jkun hemm salvagwardja fil-każ li l-Unjoni tista' ġġarrab spejjeż minħabba responsabbiltà, għajr għal atti illegali jew kondotta illegali skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, fir-rigward ta' miżuri li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-mekkaniżmu ta' solidarjetà. Fir-rigward ta' tali każijiet, hu xieraq li l-Istat Membru li jirċievi solidarjetà jħallas lura l-ispejjeż tal-Unjoni.***

*(49*)	Jenħtieġ ukoll li s-solidarjetà, fejn meħtieġ, tieħu l-forma ta' assistenza tal-protezzjoni ċivili pprovduta mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Tali assistenza jenħtieġ li tiġi ffaċilitata u kkoordinata mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE li għandha l-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u biex tiffaċilita l-koordinazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili biex ittejjeb l-effikaċja tas-sistemi għall-prevenzjoni, il-preparamenti u r-rispons għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem.

*(50*) Sabiex tiġi evalwata s-sigurtà tal-provvista ***tal-gass*** ta' Stat Membru jew f'***parti mill-***Unjoni jew ***fl-***Unjoni ***kollha***, l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti huwa essenzjali. B'mod partikolari, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jeħtieġu aċċess regolari għall-informazzjoni mill-impriżi tal-gass naturali rigward il-parametri ewlenin tal-provvista tal-gass***, inkluż kejl preċiż tar-riżervi maħżuna disponibbli,*** bħala input fundamentali fit-tfassil ta' politiki ta' sigurtà tal-provvista ***tal-gass***. ***Għal raġunijiet raġonevoli***, irrispettivament minn dikjarazzjoni ta' emerġenza, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll l-aċċess għal informazzjoni addizzjonali meħtieġa għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ġenerali tal-provvista tal-gass. Dik l-informazzjoni addizzjonali normalment tkun informazzjoni dwar il-konsenja tal-gass li ma tkunx relatata mal-prezz, ***bħall-***volumi ta' gass minimi u massimi, il-punti ta' konsenja jew ***il-kondizzjonijiet għas-sospensjoni tal-konsenji tal-gass.***

(*51)* Jenħtieġ li mekkaniżmu effiċjenti u mmirat [redacted] għall-aċċess ***mill-Istati Membri u l-Kummissjoni*** għall-kuntratti ewlenin għal forniment tal-gass jiżgura valutazzjoni komprensiva tar-riskji rilevanti li jistgħu jwasslu għal interruzzjoni tal-provvista tal-gass jew jistgħu jinterferixxu mal-miżuri ta' mitigazzjoni neċessarji jekk xorta waħda jkun hemm kriżi. Fil-qafas ta' dak il-mekkaniżmu**,** jenħtieġ li tingħata notifika awtomatika dwar ċerti kuntratti ewlenin għal forniment tal-gass, ***irrispettivament mill-oriġini tal-gass, fl-Unjoni jew barra minnha, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-aktar affettwati. Jenħtieġ li kuntratti jew modifiki ġodda jiġu notifikati*** immedjatament wara l-konklużjoni tagħhom***. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-affidabilità, jenħtieġ li tingħata notifika wkoll dwar il-kuntratti eżistenti. L-obbligu ta' notifika jenħtieġ li jkopri wkoll il-ftehimiet kummerċjali kollha li huma rilevanti għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt għal forniment tal-gass, fosthom ftehimiet rilevanti li jistgħu jkunu marbutin mal-infrastruttura, il-ħżin u kwalunkwe aspett importanti ieħor għas-sigurtà tal-provvista tal-gass.***

*(52)* ***Kwalunkwe*** obbligu biex kuntratt jiġi nnotifikat b'mod awtomatiku ***lill-awtorità kompetenti*** jeħtieġ ikun proporzjonat. Bl-applikazzjoni ta' dak l-obbligu għal kuntratti bejn fornitur u xerrej li jkopru ***l-ekwivalenti ta' 28% jew aktar*** tal-konsum tal-gass fis-sena fis-suq nazzjonali jinħoloq il-bilanċ it-tajjeb f'termini ta' effiċjenza amministrattiva u ***trasparenza u*** jiġu stipulati obbligi ċari għall-parteċipanti tas-suq. ***Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tivvaluta l-kuntratt għall-finijiet ta' sigurtà tal-provvista tal-gass u tippreżenta r-riżultati tal-valutazzjoni lill-Kummissjoni. Jekk l-awtorità kompetenti jkollha dubji dwar jekk kuntratt iqegħidx f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stat Membru jew reġjun, jenħtieġ li tinnotifika l-kuntratt lill-Kummissjoni għall-valutazzjoni.*** Dan ma jfissirx li kuntratti oħrajn għal forniment tal-gass mhumiex rilevanti għas-sigurtà tal-provvista tal-gass. Għalhekk, ***fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-aktar affettwat jew il-Kummissjoni tqis li kuntratt*** għal forniment ***tal-gass li ma jkunx soġġett għal notifika awtomatika taħt dan ir-Regolament jista', minħabba l-ispeċifiċità tiegħu, il-grupp ta' klijenti moqdi, jew ir-rilevanza tiegħu għas-sigurtà għall-provvista tal-gass, iqiegħed f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-gass*** ta' Stat Membru***, ta' reġjun f***l-Unjoni ***jew*** tal-Unjoni***, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni tkun tista' titlob dak il-kuntratt sabiex tivvaluta l-impatt tiegħu fuq is-sigurtà tal-provvista tal-gass. Dan jista' jintalab, pereżempju, f'każ ta' bdil fil-mudell tal-provvista tal-gass lil xerrej jew xerrejja partikolari fi Stat Membru li ma jkunx mistenni jekk is-swieq ikunu qegħdin jiffunzjonaw b'mod normali u li jista' jaffettwa l-provvista tal-gass tal-Unjoni jew partijiet minnha. Tali mekkaniżmu jiżgura li jkun garantit*** l-aċċess għal ***kuntratti ewlenin oħra*** għal forniment ***tal-gass rilevanti għas-sigurtà tal-provvista. Jenħtieġ li għal tali talba jingħataw ir-raġunijiet, b'kont meħud tal-bżonn li jiġi limitat kemm jista' jkun il-piż amministrattiv ta' dik il-miżura.***

*(53)* Il-Kummissjoni tista' tipproponi li l-Istati Membri jemendaw ***il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza*** sabiex dawn jieħdu kont tal-informazzjoni miksuba mill-kuntratti.▌ Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu bla ħsara għad-dritt tal-Kummissjoni li tniedi proċedimenti ta' ksur skont l-Artikolu 258 tat-***TFUE*** u li tinforza r-regoli tal-kompetizzjoni, inklużi dawk dwar l-għajnuna ***mill-Istat***.

*(54)* ***Il-kuntratti kollha jew l-informazzjoni kuntrattwali kollha riċevuta f'dak il-qafas, inklużi l-valutazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti jew il-Kummissjoni, jenħtieġu li jibqgħu kunfidenzjali, partikolarment sabiex tiġi protetta informazzjoni kummerċjalment sensittiva, l-integrità u l-funzjonament korrett tas-sistema tal-iskambju ta' informazzjoni. Din il-kunfidenzjalità tista' tkun rilevanti wkoll għas-sigurtà pubblika minħabba l-importanza li prodott bażiku essenzjali bħall-gass naturali jista' jkollu għall-Istati Membri. Barra minn hekk, valutazzjonijiet sinifikanti u komprensivi mill-awtoritajiet kompetenti jew il-Kummissjoni ser ikun fihom, b'mod partikolari, informazzjoni marbuta mas-sigurtà pubblika, informazzjoni kummerċjali jew referenzi għalihom. Għaldaqstant hu meħtieġ li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-valutazzjonijiet. Huwa daqstant importanti li dawk li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali skont dan ir-Regolament ikunu marbutin bl-obbligu tas-segretezza professjonali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, il-korpi jew il-persuni li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali skont dan ir-Regolament jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jirċievu.***

***(55) Jenħtieġ li jkun hemm sistema proporzjonata ta' maniġġar ta' kriżijiet u skambju ta' informazzjoni msejsa fuq tliet livelli ta' kriżi: twissija bikrija, allert u emerġenza. Fejn l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tiddikjara wieħed mil-livelli ta' kriżi, jenħtieġ li minnufih tgħarraf lill-Kummissjoni kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li magħhom l-Istat Membru ta' dik l-awtorità kompetenti huwa direttament konness. Fil-każ ta' dikjarazzjoni ta' emerġenza, l-Istati Membri fil-grupp ta' riskju wkoll jenħtieġ li jiġu mgħarrfa. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddikjara emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni fuq it-talba ta' mill-inqas żewġ awtoritajiet kompetenti li jkunu ddikjaraw emerġenza. Biex jiġi żgurat livell xieraq ta' skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni fil-każ ta' emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkoordina l-azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li tqis b'mod sħiħ l-informazzjoni rilevanti minn, u r-riżultati ta', il-konsultazzjoni tal-GCG. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddikjara t-tmiem tal-emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni jekk, wara valutazzjoni tas-sitwazzjoni, tikkonkludi li dikjarazzjoni ta' emerġenza ma għadhiex ġustifikata.***

(*56*) Jenħtieġ li l-***GCG*** jaġixxi bħala konsulent għall-Kummissjoni sabiex jgħin fil-koordinazzjoni tas-sigurtà tal-miżuri tal-provvista tal-gass f'każ ta' emerġenza tal-Unjoni. Jenħtieġ li jissorvelja wkoll l-adegwatezza u l-idoneità tal-miżuri li għandhom jittieħdu skont dan ir-Regolament, inkluż il-konsistenza tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza mfassla mill-***gruppi ta' riskju*** differenti.

(*57)* ***Kriżi tal-gass tista' testendi lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni, u tinvolvi wkoll*** lil Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija. ***Bħala Parti għat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija, l-Unjoni tenħtieġ li tippromwovi emendi għal dak it-Trattat bl-għan li jinħoloq suq integrat u spazju regolatorju waħdani billi tipprovdi qafas regolatorju xieraq u stabbli. Sabiex sadanittant*** jiġi żgurat maniġġar effiċjenti tal-kriżijiet fil-fruntieri bejn ▌ l-Istati Membri u l-Partijiet Kontraenti, ***huma mistednin jikkooperaw mill-qrib fil-prevenzjoni, it-tħejjija għal u t-trattament ta' kriżi tal-gass***.

(***58***) Minħabba li l-provvisti tal-gass minn pajjiżi terzi huma fundamentali għas-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkoordina l-azzjoni fir-rigward ta' pajjiżi terzi, taħdem ma' pajjiżi fornituri u ta' tranżitu fuq arranġamenti għall-maniġġar tas-sitwazzjonijiet ta' kriżi u tiżgura fluss ta' gass stabbli lejn l-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun intitolata tuża task force biex tissorvelja l-flussi tal-gass fl-Unjoni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, ***wara konsultazzjoni mal-Istati Membri u*** l-pajjiżi terzi involuti, u, fejn tinħoloq kriżi minħabba diffikultajiet f'pajjiż terz, sabiex taġixxi bħala medjatur u faċilitatur. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-GCG.***

(*59*) Fejn ikun hemm informazzjoni affidabbli dwar sitwazzjoni barra l-Unjoni li thedded is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stat Membru wieħed jew aktar u li tista' tagħti bidu għal mekkaniżmu ta' twissija bikrija li jinvolvi lill-Unjoni u pajjiż terz, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinforma lill-***GCG*** mingħajr dewmien u l-Unjoni għandha tieħu azzjoni xierqa sabiex tipprova ttaffi s-sitwazzjoni.

(***60)*** Minħabba ***li*** l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jissalvagwarda s-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni***, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti billi l-Istati Membri jaġixxu waħedhom, iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb*** aħjar fil-livell tal-Unjoni***, l-***Unjoni tista' ▌ tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà ***kif*** stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(*61*) ***Sabiex*** ikun possibbli rispons rapidu tal-Unjoni għaċ-ċirkostanzi li jkunu qed jinbidlu ***fir-rigward tas-***sigurtà tal-provvista tal-gass, jenħtieġ li s-setgħa sabiex jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-***TFUE*** tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-***kompożizzjoni tal-gruppi ta' riskju kif ukoll*** il-mudelli għal***l-***valutazzjonijiet tar-riskju u għall-pjanijiet ***ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza***. Huwa ***ta' importanza partikolari*** li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, ***u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet***[18]***. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati,*** il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ***jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.***

18 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

***(62) Id-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-kondizzjonijiet biex jiġu sfruttati r-riżorsi tal-enerġija tagħhom skont l-Artikolu 194(2) tat-TFUE mhuwiex milqut minn dan ir-Regolament.***

(*63*) Jenħtieġ li jitħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010. Madankollu, sabiex tiġi evitata ***inċertezza legali***, il-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u ***l-***pjanijiet ta' emerġenza mfassla ***skont dak ir-***Regolament jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ sa meta l-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza ġodda ***mfassla skont*** dan ir-Regolament jiġu adottati għall-ewwel darba,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jissalvagwardaw ▌ is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni billi jiżguraw il-funzjonament tajjeb u kontinwu tas-suq intern tal-gass naturali ("gass"), billi jippermetti li jiġu implimentati miżuri eċċezzjonali meta s-suq ma jibqax f'pożizzjoni li jikkonsenja l-provvisti tal-gass meħtieġa***, inkluża miżura ta' solidarjetà tal-aħħar għażla,*** u billi jipprevedi d-definizzjoni u l-attribuzzjoni ċari tar-responsabbiltajiet fost l-impriżi tal-gass naturali, l-Istati Membri u l-Unjoni fir-rigward kemm tal-azzjoni preventiva kif ukoll tar-reazzjoni għal interruzzjonijiet konkreti tal-provvista tal-gass. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' trasparenza ***li jikkonċernaw***, fi spirtu ta' solidarjetà, ▌ il-koordinazzjoni tal-ippjanar, u r-reazzjoni, għal emerġenzi fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ▌ japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'sigurtà' tfisser sigurtà kif definita fil-punt 32 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;

(2) 'klijent' tfisser klijent kif definita fil-punt 24 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;

(3) 'klijent domestiku' tfisser klijent domestiku kif definita fil-punt 25 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;

(4) "servizz soċjali essenzjali" tfisser servizz ▌ relatat ma' kura tas-saħħa, ***kura soċjali essenzjali,*** emerġenza, sigurtà, ***amministrazzjoni edukattiva jew pubblika;***

(5) 'klijent protett' tfisser klijent domestiku li jkun konness ma' netwerk ta' distribuzzjoni tal-gass u, barra minn hekk, fejn l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi dan, tista' tfisser ukoll waħda jew aktar minn dawn li ġejjin, dment li ***intrapriżi jew servizzi msemmijin fil-punti (a) u (b) ma jirrappreżentawx flimkien aktar minn 20 % tal-konsum finali annwali totali tal-gass f'dak l-Istat Membru***:

(a) intrapriża żgħira jew ta' daqs medju, dment li tkun konnessa ma' netwerk ta' distribuzzjoni tal-gass;

(b) servizz soċjali essenzjali, dment li jkun konness ma' netwerk ta' distribuzzjoni jew ta' trasmissjoni tal-gass; ▌

(c) installazzjoni tat-tisħin distrettwali sa fejn din tikkonsenja t-tisħin lill-klijenti domestiċi***, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jew servizzi soċjali essenzjali,*** dment li tali installazzjoni ma tkunx tista' taqleb għal karburanti oħrajn ***għajr il-gass;***

***(6) 'klijent protett mis-solidarjetà' tfisser klijent domestiku li jkun konness ma' netwerk ta' distribuzzjoni tal-gass, u addizzjonalment jista' jinkludi waħda minn, jew it-tnejn ta', dawn li ġejjin:***

***(a) installazzjoni tat-tisħin distrettwali jekk din tkun klijent protett fl-Istat Membru rilevanti u biss sa fejn tikkonsenja t-tisħin lil unitajiet domestiċi jew lil servizzi soċjali essenzjali għajr servizzi edukattivi u ta' amministrazzjoni pubblika;***

***(b) servizz soċjali essenzjali jekk ikun klijent protett fl-Istat Membru rilevanti, għajr servizzi edukattivi u ta' amministrazzjoni pubblika;***

***(7)*** ***"awtorità kompetenti" tfisser awtorità governattiva nazzjonali jew awtorità regolatorja nazzjonali nominata minn Stat Membru biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament;***

(8) "awtorità regolatorja nazzjonali" tfisser awtorità regolatorja nazzjonali nominata skont l-Artikolu 39(1) tad-Direttiva 2009/73/KE;

***(9)*** ***"impriża tal-gass naturali" tfisser impriża tal-gass naturali kif definita fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;***

***(10)*** ***"kuntratt għal forniment tal-gass" tfisser kuntratt għal forniment tal-gass kif definita fil-punt 34 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;***

***(11)*** ***"trasmissjoni" tfisser trasmissjoni kif definita fil-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;***

***(12)*** ***"operatur tas-sistema ta' trasmissjoni" tfisser operatur tas-sistema ta' trasmissjoni kif definita fil-punt 4 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;***

*(13) "distribuzzjoni" tfisser distribuzzjoni kif definita fil-punt 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;*

*(14) "operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni" tfisser operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni kif definita fil-punt 6 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;*

*(15) "interkonnettur" tfisser interkonnettur kif definita fil-punt 17 tal-Artikolu 2 tad-irettiva 2009/73/KE;*

*(16) "kurituri tal-provvista ta' emerġenza" tfisser rotot tal-provvista tal-gass tal-Unjoni li jgħinu lill-Istati Membri jtaffu aħjar l-effetti ta' interruzzjoni potenzjali tal-provvista jew tal-infrastruttura;*

*(17) "kapaċità ta' ħżin" tfisser kapaċità ta' ħżin kif definita fil-punt 28 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) 715/2009;*

*(18) "kapaċità teknika" tfisser kapaċità teknika kif definita fil-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;*

*(19) "kapaċità kostanti" tfisser kapaċità kostanti kif definita fil-punt 16 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;*

*(20) "kapaċità interruttibbli" tfisser kapaċità interruttibbli kif definita fil-punt 13 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;*

*(21) "il-kapaċità ta' faċilità LNG" tfisser il-kapaċità ta' faċilità LNG kif definita fil-punt 24 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;*

(22) *"faċilità tal-LNG" tfisser faċilità tal-LNG kif definita fil-punt 11 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;*

(23) *"faċilità tal-ħżin" tfisser faċilità tal-ħżin kif definita fil-punt 9 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;*

(24) *"sistema" tfisser sistema kif definita fil-punt 13 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;*

(25) *"utent tas-sistema" tfisser utent tas-sistema kif definita fil-punt 23 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE;*

(26) *"servizzi anċillari" tfisser servizzi anċillari kif definita fil-punt 14 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE.*

Artikolu 3

Responsabbiltà għas-sigurtà tal-provvista tal-gass

1. Is-sigurtà tal-provvista tal-gass għandha tkun ***ir-***responsabbiltà kondiviża tal-impriżi tal-gass naturali, l-Istati Membri, ***b'mod partikolari*** permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, u l-Kummissjoni, fl-oqsma ta' ***attività*** u kompetenza rispettivi tagħhom.

2. Kull Stat Membru għandu jinnomina ▌ awtorità kompetenti ▌. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtorità kompetenti sabiex tiddelega kompiti speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament lil korpi oħrajn. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jiddelegaw il-kompitu tad-dikjarazzjoni ta' xi wieħed mil-livelli ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 11(1), huma għandhom jagħmlu dan biss lil awtorità pubblika, lil operatur tas-sistema ta' ***trasmissjoni jew lil operatur tas-sistema*** ta' distribuzzjoni. Il-kompiti delegati għandhom jitwettqu taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti u għandhom ikunu speċifikati fil-***pjan ta' azzjoni preventiva u fil-pjan ta' emerġenza***.

3. Kull Membru Stat għandu, mingħajr dewmien**,** jinnotifika lill-Kummissjoni dwar***, u jagħmel pubbliku,*** l-isem tal-awtorità kompetenti ***tiegħu*** u kwalunkwe tibdil fih. ▌

4. Meta jiġu implimentati l-miżuri previsti f’dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi differenti kkonċernati b'tali mod li jiġi żgurat ▌ approċċ fuq tliet livelli ▌ li jinvolvi, l-ewwel, lill-impriżi tal-gass naturali rilevanti***, lill-impriżi tal-elettriku meta jkun xieraq,*** u lill-industrija, it-tieni, lill-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew reġjonali, u t-tielet, lill-Unjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha ▌ tikkoordina l-azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fil-livelli reġjonali u tal-Unjoni, skont dan ir-Regolament, fost l-oħrajn, permezz tal-GCG jew, b'mod partikolari, f'każ ta' emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni ***skont*** l-Artikolu 12(1), permezz tal-grupp għall-maniġġar ta' kriżijiet imsemmi fl-Artikolu 12(4).

6. ***Fil-każ ta'  emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni, l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni bl-użu tas-Sistema ReCo għall-Gass stabbilita mill-ENTSOG. L-ENTSOG għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati kif meħtieġ.***

*7.* ***F'konformità mal-Artikolu 7(2), riskji transnazzjonali kbar għas-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni għandhom jiġu identifikati u gruppi ta' riskju għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' dan. Dawk il-gruppi ta' riskju għandhom iservu bħala l-bażi għal kooperazzjoni reġjonali mtejba biex tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-gass u għandhom jippermettu qbil dwar miżuri transkonfinali xierqa u effettivi bejn l-Istati Membri kollha kkonċernati fil-gruppi ta' riskju jew barra mill-gruppi ta' riskju tul il-kurituri tal-provvista ta' emerġenza.***

Il-lista ta' tali ***gruppi ta' riskju*** u l-kompożizzjoni tagħhom ***jinsabu*** fl-Anness I. ***Il-kompożizzjoni tal-gruppi ta' riskju ma għandha tipprevjeni ebda forma oħra ta' kooperazzjoni reġjonali li tkun ta' benefiċċju għas-sigurtà tal-provvista.***

***8.*** Il-Kummissjoni ***hija mogħtija*** s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament biex ***tiġi aġġornata l-kompożizzjoni tal-gruppi ta' riskju li jinsabu fl-Anness I bl-emendar ta' dak l-Anness biex jirrifletti l-evoluzzjoni tar-riskji transnazzjonali kbar għas-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni u l-impatt tagħha fuq l-Istati Membri, b'kont meħud tar-riżultat tas-simulazzjonijiet mal-Unjoni kollha tax-xenarji ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass u tal-infrastruttura li jitwettqu mill-ENTSOG f'konformità mal-Artikolu 7(1). Qabel ma tipproċedi bl-aġġornar, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-GCG fix-xenarju previst fl-Artikolu 4(4) rigward l-abbozz tal-aġġornament***.

Artikolu 4

Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass

1. Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass (GCG, *Gas Coordination Group*) huwa stabbilit sabiex jiffaċilita l-koordinazzjoni ta' miżuri li jikkonċernaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass. Il-***GCG*** għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, b'mod partikolari ***rappreżentanti*** tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, kif ukoll mill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (l-Aġenzija), mill-ENTSOG u mill-korpi rappreżentattivi tal-industrija kkonċernata u dawk ta' klijenti rilevanti. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tal-GCG, filwaqt li tiżgura li jkun rappreżentattiv għalkollox. Il-Kummissjoni għandha tippresiedi l-***GCG***. Il-***GCG*** għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

2. Il-GCG għandu jiġi kkonsultat u għandu jassisti lill-Kummissjoni b'mod partikolari rigward il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) is-sigurtà tal-provvista tal-gass, f'kull ħin u b'mod aktar speċifiku fil-każ ta' emerġenza;

(b) l-informazzjoni kollha rilevanti għas-sigurtà tal-provvista tal-gass f'livell nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni;

(c) l-aħjar prattiki u linji gwida possibbli lill-partijiet ikkonċernati kollha;

(d) il-livell ta' sigurtà tal-provvista tal-gass, il-livelli ta' riferiment u l-metodoloġiji ta' valutazzjoni;

(e) ix-xenarji nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni u l-ittestjar tal-livelli ta' tħejjija;

(f) il-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza***, il-koerenza bejn diversi pjanijiet,*** u l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fihom;

(g) il-koordinazzjoni ta' miżuri li jindirizzaw emerġenza fl-Unjoni, ▌ mal-***Partijiet Kontraenti*** tal-Komunità tal-Enerġija u ma' pajjiżi terzi oħrajn;

(h) assistenza meħtieġa mill-Istati Membri l-aktar affettwati.

3. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-***GCG*** fuq bażi regolari u għandha tikkondividi l-informazzjoni li tirċievi mill-awtoritajiet kompetenti filwaqt li żżomm il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

4. Il-Kummissjoni tista' tlaqqa' l-GCG f'formazzjoni li tkun limitata għar-rappreżentanti tal-Istati Membri u b'mod partikolari tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-GCG f'din il-formazzjoni limitata jekk rappreżentant wieħed jew aktar tal-Istati Membri, u b'mod partikolari tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, jitolbu dan. F'dan il-każ, ma għandux japplika l-Artikolu 16(2).

Artikolu 5

Standard tal-infrastruttura

1. Kull Stat Membru jew, fejn Stat Membru jipprovdi hekk, l-awtorità kompetenti tiegħu għandha tiżgura li jittieħdu l-miżuri neċessarji biex f'każ ta' interruzzjoni fl-akbar infrastruttura unika tal-gass, il-kapaċità teknika tal-bqija tal-infrastruttura, determinata skont il-formula N - 1 kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness II, tkun tista', mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tissodisfa d-domanda tal-gass totali taż-żona kkalkulata matul ġurnata ta' domanda eċċezzjonalment għolja għall-gass li sseħħ bi probabbiltà statistika ta' darba f'20 sena. Dan ***għandu jsir b'kont meħud tax-xejriet tal-konsum tal-gass, l-impatti fit-tul tal-miżuri ta' effiċjenza enerġetika u r-rati ta' użu tal-infrastruttura eżistenti.***

***L-obbligu stabbilit fl-ewwel subparagrafu*** ta' dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni li jagħmlu l-investimenti korrispondenti u għall-obbligi tal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 715/2009 u fid-Direttiva 2009/73/KE.

2. L-obbligu li jiġi żgurat li l-bqija tal-infrastruttura jkollha l-kapaċità teknika li tissodisfa d-domanda totali għall-gass, kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandu jitqies ukoll li jkun ġie sodisfatt fejn l-awtorità kompetenti turi fil-pjan ta' azzjoni preventiva li l-interruzzjoni tal-provvista tal-gass tista' tkun ikkumpensata b'mod suffiċjenti, fi żmien xieraq, permezz ta' miżuri adatti min-naħa tad-domanda bbażati fuq is-suq. Għal dak il-għan, il-formula N - 1 għandha tiġi kkalkulata kif deskritt fil-punt 4 tal-Anness II.

3. Fejn adatt, ***skont*** il-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fl-Artikolu 7, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-viċinat jistgħu jaqblu li jissodisfaw, b'mod konġunt, l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. F'każ bħal dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu fil-***valutazzjoni tar-riskju*** l-kalkolu tal-formula N - 1 flimkien ma' spjegazzjoni ***fil-kapitoli reġjonali tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva*** ta' kif l-arranġamenti miftiehma jissodisfaw dak l-obbligu. Għandu japplika l-punt 5 tal-Anness II.

4. L-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom jippermettu kapaċità fiżika permanenti għat-trasport tal-gass fiż-żewġ direzzjonijiet ("kapaċità bidirezzjonali") fuq ***l-interkonnessjonijiet*** kollha bejn l-Istati Membri, minbarra:

(a) fil-każ ta' konnessjonijiet għall-faċilitajiet tal-produzzjoni, għall-faċilitajiet LNG u għan-netwerks ta' distribuzzjoni; jew

(b) fejn tkun ingħatat eżenzjoni minn dak l-obbligu***, wara valutazzjoni ddettaljata u wara konsultazzjoni mal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni f'konformità mal-Anness III.***

Għall-proċedura li tippermetti jew li ssaħħaħ il-kapaċità bidirezzjonali fuq ***interkonnessjoni*** jew għall-ksib jew l-estensjoni ta' eżenzjoni minn dak l-obbligu, għandu japplika l-Anness III. ***Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblika l-lista ta' eżenzjonijiet u żżommha aġġornata.***

5. ***Proposta biex tiġi permessa jew tittejjeb il-kapaċità bidirezzjonali jew it-talba biex tingħata jew tiġi estiża eżenzjoni għandha tinkludi analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji mħejjija fuq il-bażi tal-metodoloġija skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] u għandha tkun ibbażata fuq l-elementi li ġejjin:***

***(a) valutazzjoni tad-domanda tas-suq;***

***(b) projezzjonijiet tad-domanda u l-provvista;***

***(c) l-impatt ekonomiku possibbli fuq l-infrastruttura eżistenti;***

***(d) studju tal-fattibbiltà;***

***(e) l-ispejjeż għall-kapaċità bidirezzjonali li jinkludu r-rinfurzar neċessarju tas-sistema ta' trasmissjoni; u***

***(f) il-benefiċċji għas-sigurtà tal-provvista tal-gass filwaqt li jitqies il-kontribut possibbli tal-kapaċità bidirezzjonali biex jintlaħaq l-istandard fl-infrastruttura stabbilit f'dan l-Artikolu.***

6. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom iqisu l-ispejjeż imġarrba b'mod effiċjenti biex jiġi sodisfatt l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** u l-ispejjeż li jippermettu ▌ l-kapaċità bidirezzjonali sabiex jingħataw l-inċentivi adatti meta jiġu ffissati jew approvati, b'mod trasparenti u dettaljat, it-tariffi jew il-metodoloġiji skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 u l-Artikolu 41(8) tad-Direttiva 2009/73/KE.

---

**19** Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

7. Sa fejn investiment li jippermetti jew isaħħaħ il-kapaċità ▌ bidirezzjonali mhuwiex meħtieġ mis-suq ***iżda jitqies neċessarju għal skopijiet tas-sigurtà tal-provvista*** tal-gass u fejn dak l-investiment iwassal għal spejjeż f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fi Stat Membru wieħed għall-benefiċċju ta' Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri kollha kkonċernati għandhom ***jieħdu deċiżjoni koordinata*** dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni dwar investiment. L-allokazzjoni tal-ispejjeż għandha ***tqis il-prinċipji deskritti u l-elementi li jinsabu fl-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013,*** b'mod partikolari l-proporzjon tal-benefiċċji tal-investimenti fl-infrastruttura biex tiżdied ***is***-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-Istati Membri kkonċernati kif ukoll l-investimenti li diġà saru fl-infrastruttura inkwistjoni. ***L-allokazzjoni tal-ispejjeż m'għandhiex toħloq distorsjoni b'mod indebitu tal-kompetizzjoni u l-funzjonament effettiv tas-suq intern u għandha tipprova tevita kwalunkwe effett ta' distorsjoni indebita fis-suq.***

8. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li kwalunkwe infrastruttura ġdida ta' trasmissjoni tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista tal-gass permezz tal-iżvilupp ta' netwerk konness tajjeb, inkluż, fejn adatt, b'mezzi ta' numru suffiċjenti ta' punti ta' dħul u ħruġ transkonfinali relattivi għad-domanda tas-suq u r-riskji identifikati.

L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta fil-valutazzjoni tar-riskju jekk***, b'perspettiva integrata dwar is-sistemi tal-gass u tal-elettriku,*** jeżistux ostakli interni u jekk kapaċità ta' dħul u infrastruttura nazzjonali, b'mod partikolari netwerks ta' trasmissjoni, jistgħux jaddattaw il-flussi tal-gass transkonfinali u nazzjonali għax-xenarju ta' interruzzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass fil-livell nazzjonali u l-akbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni għall-***grupp ta' riskju*** identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju.

9. ***Bħala eċċezzjoni mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu,*** u suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu, il-Lussemburgu, is-Slovenja u l-Iżvezja ma għandhomx ikunu marbutin bl-obbligu stabbilit f'dak il-paragrafu, iżda għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jissodisfawh, filwaqt li jiżguraw il-provvisti tal-gass lill-klijenti protetti skont l-Artikolu 6.

***L-eċċezzjoni*** għandha tapplika għal-Lussemburgu sakemm dan:

(a) ikollu mill-inqas żewġ interkonnetturi ma' Stati Membri oħrajn;

(b) ikollu mill-inqas żewġ sorsi differenti ta' provvista tal-gass; u

(c) ma jkollu l-ebda faċilità ta' ħżin tal-gass fit-territorju tiegħu.

***L-eċċezzjoni*** għandha tapplika għas-Slovenja sakemm din:

(a) ikollha mill-inqas żewġ interkonnetturi ma' Stati Membri oħrajn;

(b) ikollha mill-inqas żewġ sorsi differenti ta' provvista tal-gass; u

(c) ma jkollha l-ebda faċilità ta' ħżin tal-gass jew faċilità ta' LNG fit-territorju tagħha.

L-eċċezzjoni għandha tapplika għall-Iżvezja sakemm din:

(a) ma jkollha l-ebda tranżitu ta' gass għall-Istati Membri l-oħrajn fit-territorju tagħha;

(b) ikollha konsum annwali gross intern tal-gass ta' inqas minn 2 Mtoe; u

(c) ikollha inqas minn 5% tal-konsum totali tal-enerġija primarja mill-gass.

Il-Lussemburgu, is-Slovenja u l-Iżvezja ▌ għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla li taffettwa il-kondizzjonijiet stabbiliti f'***dan il-paragrafu***. ***L-eċċezzjoni*** stabbilita f'***dan il-paragrafu*** għandha tieqaf tapplika fejn mill-inqas waħda minn dawk il-kondizzjonijiet ma tibqax iżjed sodisfatta.

***Bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali mwettqa f'konformità mal-Artikolu 7(3)*** il-Lussemburgu, is-Slovenja u l-Iżvezja għandhom ***jiddeskrivu*** s-sitwazzjoni fir-rigward tal-kondizzjonijiet rispettivi stabbiliti f'dan il-***paragrafu*** u l-prospetti għall-konformità mal-obbligu fil-paragrafu ***1 ta' dan l-Artikolu,*** b'kont meħud tal-impatt ekonomiku meta jintlaħaq l-istandard tal-infrastruttura, ▌ tal-iżvilupp tas-suq tal-gass u tal-proġetti tal-infrastruttura tal-gass fil-***grupp ta' riskju***. Abbażi tal-***informazzjoni pprovduta fil-valutazzjoni tar-riskju*** nazzjonali u jekk il-kondizzjonijiet rispettivi stabbiliti f'dan il-***paragrafu*** jibqgħu sodisfatti, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-eċċezzjoni tista' tkompli tapplika għal erba' snin oħra. F'każ ta' deċiżjoni pożittiva, il-proċedura stabbilita f'dan is-subparagrafu għandha tiġi ripetuta wara erba' snin.

Artikolu 6

Standard tal-provvista tal-gass

1. L-awtorità kompetenti għandha titlob lill-impriżi tal-gass naturali, li hija tidentifika, sabiex jieħdu miżuri sabiex il-provvista tal-gass tiġi żgurata lill-klijenti protetti tal-Istat Membru f'kull każ li ġej:

(a) temperaturi estremi waqt perijodu bl-ogħla valuri ta' sebat ijiem bi probabbiltà statistika ta' darba f'20 sena;

(b) kwalunkwe perijodu ta' 30 ġurnata ta' domanda eċċezzjonalment għolja ta' gass, li jseħħ bi probabbiltà statistika ta' darba f'20 sena;

(c) għal perijodu ta' 30 ġurnata f'każ ta' interruzzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass f'kondizzjonijiet xitwin medji.

***Sa … [ĠU, jekk jogħġbok daħħal id-data: tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],*** kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-definizzjoni tiegħu ta' klijenti protetti, il-volumi ta' konsum annwali ta' gass tal-klijenti protetti u l-perċentwal li dawk il-volumi ta' konsum jirrappreżentaw tal-konsum totali annwali finali tal-gass f'dak l-Istat Membru. Fejn Stat Membru jinkludi fid-definizzjoni tiegħu ta' klijenti protetti l-kategoriji msemmijin fil-punt 5(a) jew (b) tal-Artikolu 2, huwa għandu jispeċifika l-volumi tal-konsum ta' gass li jikkorrispondu għal klijenti li jappartjenu għal dawk il-kategoriji u l-perċentwal li kull wieħed minn dawn il-gruppi ta' klijenti jirrappreżenta fil-***konsum totali*** annwali finali ▌ tal-gass.

L-awtorità kompetenti għandha tidentifika l-impriżi tal-gass naturali msemmijin fl-ewwel subparagrafu ***ta' dan il-paragrafu*** u għandha tispeċifikahom fil-pjan ta' azzjoni preventiva.

Kwalunkwe miżura ġdida mhux ibbażata fuq is-suq prevista sabiex tiżgura l-istandard tal-provvista tal-gass għandha tkun konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9(4) ***sa (9)***.

L-Istati Membri jistgħu jikkonformaw mal-obbligu stabbilit fl-ewwel subparagrafu ***permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika jew*** billi jissostitwixxu l-gass b'sors differenti tal-enerġija***, fost l-oħrajn b'sorsi tal-enerġija rinnovabbli,*** dment li jinkiseb l-istess livell ta' protezzjoni.

2. Kwalunkwe standard tal-provvista tal-gass miżjud li jaqbeż il-perijodu ta' 30 ġurnata msemmi fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 jew kwalunkwe obbligu addizzjonali impost għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista tal-gass għandu jkun ibbażat fuq il-valutazzjoni tar-riskju ▌***,*** għandu jkun rifless fil-pjan ta' azzjoni preventiva u għandu:

(a) ikun konformi mal-Artikolu 8(1);

(b) ma jkollux impatt negattiv fuq il-kapaċità ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor li jipprovdi l-gass lill-klijenti protetti tiegħu skont dan l-Artikolu fil-każ ta' emerġenza nazzjonali, reġjonali jew tal-Unjoni; u

(c) ikun konformi mal-Artikolu 12(5) fil-każ ta' emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni.

***Il-Kummissjoni tista' titlob*** ġustifikazzjoni li turi konformità ta' ***kwalunkwe miżura*** msemmija fl-ewwel subparagrafu mal-kondizzjonijiet stabbiliti ***fih. Tali ġustifikazzjoni għandha tiġi ppubblikata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jintroduċi l-miżura.***

Barra minn hekk, kwalunkwe miżura ġdida mhux ibbażata fuq is-suq skont l-ewwel subparagrafu ***ta' dan il-paragrafu, adottata fi jew wara … [ĠU, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],*** għandha tikkonforma mal-proċedura stabbilita fl-***Artikolu*** 9(4) ***sa (9)***.

3. Wara l-iskadenza tal-perijodi definiti mill-awtorità kompetenti skont il-paragrafi 1 u 2, jew taħt kondizzjonijiet aktar serji minn dawk stabbiliti fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti u l-impriżi tal-gass naturali għandhom jagħmlu ħilithom sabiex iżommu, kemm jista' jkun possibbli, il-provvista tal-gass, b'mod partikolari għall-klijenti protetti.

4. L-obbligi imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali biex jiġu sodisfatti l-istandards tal-provvista tal-gass stabbiliti f'dan l-Artikolu m'għandhomx ikunu diskriminatorji u m'għandhomx jimponu piż indebitu fuq dawk l-impriżi.

5. L-impriżi tal-gass naturali għandhom ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom ***abbażi ta'*** dan l-Artikolu fil-livell reġjonali jew tal-Unjoni, fejn adatt. L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jeħtieġu li l-istandards tal-provvista tal-gass stabbiliti f'dan l-Artikolu jiġu sodisfatti abbażi tal-infrastruttura li tinsab fit-territorju tagħhom biss.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet għall-provvisti lill-klijenti protetti jiġu stabbiliti mingħajr preġudizzju għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-enerġija u bi prezz li jirrispetta l-valur tas-suq tal-provvisti.

Artikolu 7

Il-valutazzjoni tar-riskju

***1.*** Sal-1 ta' Novembru 2017 l-ENTSOG għandu jwettaq simulazzjoni mal-Unjoni kollha ta' xenarji ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass u tal-infrastruttura. Is-simulazzjoni għandha tinkludi ***l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-kurituri tal-provvista tal-gass ta' emerġenza u għandha wkoll tidentifika liema Stati Membri jistgħu jindirizzaw ir-riskji identifikati, inkluż fir-rigward tal-LNG.*** Ix-xenarji ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass u tal-infrastruttura u ***l-metodoloġija*** tas-simulazzjoni għandhom jiġu definiti mill-ENTSOG f'***kooperazzjoni*** mal-***GCG. L-ENTSOG għandu jiżgura livell adatt ta' trasparenza u aċċess għall-preżunzjonijiet tal-mudell li jintużaw fix-xenarji tiegħu.*** Is-simulazzjoni mal-Unjoni kollha tax-xenarji ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass u fl-infrastruttura għandha tiġi ripetuta kull erba' snin sakemm iċ-ċirkostanzi ma jkunux jeħtieġu aġġornamenti ***aktar frekwenti***.

2. L-awtoritajiet kompetenti ***f'***kull ***grupp ta' riskju*** elenkat fl-Anness I għandhom jagħmlu valutazzjoni komuni fil-***livell ta' grupp ta' riskju ("valutazzjoni tar-riskju komuni") tal-fatturi ta' riskju*** rilevanti kollha bħal diżastri naturali, riskji teknoloġiċi, kummerċjali, soċjali, politiċi u riskji oħra***, li jistgħu jwasslu biex jimmaterjalizza r-riskju transnazzjonali kbir*** għa***s-sigurtà tal-provvista tal-gass li għalih inħoloq il-grupp ta' riskju. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu r-riżultati tas-simulazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għat-tħejjija tal-valutazzjonijiet tar-riskju, il-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza.***

L-awtoritajiet kompetenti f'kull ***grupp ta' riskju*** għandhom jaqblu dwar mekkaniżmu ta' kooperazzjoni biex jagħmlu l-valutazzjoni tar-riskju ***komuni*** u jirrappurtawha lill-***GCG ħdax***-il xahar qabel id-data ta' skadenza għan-notifika tal-valutazzjoni tar-riskju ***komuni*** u l-aġġornamenti ***tagħha***. ***Fuq it-talba*** ta' ***awtorità kompetenti,*** ▌ il-Kummissjoni jista' jkollha rwol ta' faċilitazzjoni fit-tħejjija tal-valutazzjoni tar-riskju ***komuni***, b'mod partikolari għall-istabbiliment tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Jekk l-awtoritajiet kompetenti fi ***grupp ta' riskju*** ma jaqblux dwar mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni ***għandha*** tipproponi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għal dak ***il-grupp ta' riskju, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.*** L-awtoritajiet

kompetenti ***kkonċernati għandhom jaqblu dwar mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għal dak il-grupp ta' riskju b'konsiderazzjoni massima tal-proposta tal-Kummissjoni.***

***Għaxar xhur qabel id-data ta' skadenza għan-notifika tal-valutazzjoni tar-riskju komuni*** jew l-aġġornamenti ***tagħha, kull awtorità kompetenti għandha tikkondividi u taġġorna, ,*** fil-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni miftiehem, id-data nazzjonali kollha ▌ neċessarja għat-tħejjija tal-valutazzjoni tar-riskju ***komuni***, ***b'mod partikolari*** biex jitwettqu d-diversi xenarji msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu ***4.***

3. ***L-awtorita' kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tagħmel valutazzjoni nazzjonali tar-riskju ("valutazzjoni nazzjonali tar-riskju") fir-rigward tar-riskji rilevanti kollha li jaffettwaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass. Tali valutazzjoni għandha tkun konsistenti b'mod sħiħ mal-preżunzjonijiet u r-riżultati tal-valutazzjoni jew valutazzjonijiet ta' riskju komuni.***

4. ***Il-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu*** għandhom***, kif rilevanti,*** jitwettqu:

   (a) bl-użu tal-istandards speċifikati fl-Artikoli 5 u 6. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tiddeskrivi l-kalkolu tal-formula N - 1 fil-livell nazzjonali u ***fejn adatt*** tinkludi kalkolu tal-formula N - 1 fil-livell reġjonali. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tinkludi wkoll il-preżunzjonijiet użati, inkluż ***fejn applikabbli*** dawk għall-kalkolu tal-formula N - 1 fil-livell reġjonali, u d-data meħtieġa għal tali kalkolu. Il-kalkolu tal-formula N - 1 fil-livell nazzjonali għandu jkun akkumpanjat minn simulazzjoni ta’ interruzzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass bl-użu ta' ▌ ***mudell idrawliku għat-territorju nazzjonali*** kif ukoll ***minn*** kalkolu tal-formula N - 1 b'kont meħud tal-livell ta' gass f'ħażniet ta' 30% u 100% tal-***volum ta' ħidma massimu***;

(b) b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali u ***transnazzjonali*** rilevanti kollha, b'mod partikolari d-daqs tas-suq, il-konfigurazzjoni tan-netwerk, il-flussi attwali, inkluż il-flussi ta' ħruġ mill-Istat Membru kkonċernat, il-possibbiltà ta' flussi fiżiċi ta' gass fiż-żewġ direzzjonijiet inkluż il-ħtieġa potenzjali għal rinfurzar konsegwenti tas-sistema ta' trasmissjoni, il-preżenza ta' produzzjoni u ħażna u r-rwol tal-gass fit-taħlitiet tal-enerġija, b'mod partikolari rigward it-tisħin distrettwali u l-ġenerazzjoni tal-elettriku u għall-operazzjoni tal-industriji, u konsiderazzjonijiet tal-kwalità tas-sigurtà u tal-gass;

(c) b'simulazzjoni tax-xenarji varji ta' domanda eċċezzjonalment għolja ta' gass u interruzzjoni tal-provvista tal-gass, filwaqt li jitqiesu l-istorja, il-probabbiltà, l-istaġun, il-frekwenza u t-tul tal-okkorrenza tagħhom u l-valutazzjoni tal-konsegwenzi probabbli tagħhom, bħal:

  (i) interruzzjoni tal-infrastruttura rilevanti għas-sigurtà tal-provvista tal-gass, b'mod partikolari infrastruttura ta' trasmissjoni, ħażniet jew terminali tal-LNG, inkluż l-akbar infrastruttura tal-gass identifikata għall-kalkolu tal-formula N - 1; u

  (ii) interruzzjoni tal-provvisti minn fornituri ta' pajjiż terz, kif ukoll, fejn meħtieġ, riskji ġeopolitiċi;

(d) bl-identifikazzjoni tal-interazzjoni u l-korrelazzjoni ta' riskji fost l-Istati Membri fil-***grupp ta' riskju*** u ma' Stati Membri oħrajn ***jew gruppi ta' riskju oħrajn***, kif adatt, inkluż fir-rigward ta' interkonnessjonijiet, provvisti transkonfinali, aċċess transkonfinali għal faċilitajiet ta' ħżin u kapaċità bidirezzjonali;

***(e) billi jitqiesu r-riskji marbuta mal-kontroll tal-infrastruttura rilevanti għas-sigurtà tal-provvista*** tal-gass ***sa fejn jistgħu jinvolvu, fost affarijiet oħra, riskji ta' sottoinvestiment, theddida għad-diversifikazzjoni, l-użu ħażin tal-infrastruttura eżistenti jew ksur tad-dritt tal-Unjoni;***

(f) b'kont meħud tal-kapaċità massima tal-interkonnessjoni ta' kull punt ta' dħul u ħruġ fil-fruntiera u d-diversi livelli ta' mili għall-ħżin.

5. Il-***valutazzjonijiet tar-riskju komuni u nazzjonali*** għandhom jitħejjew f'konformità mal-mudell ***rilevanti*** deskritt fl-Anness IV jew V. ***Jekk ikun neċessarju, l-Istati Membri jistgħu jinkludu xi informazzjoni addizzjonali.*** Il-Kummissjoni ***hija mogħtija*** s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament biex temenda l-mudelli deskritti fl-Annessi IV u V***, wara konsultazzjoni mal-GCG, sabiex tiġi riflessa l-esperjenza li tittieħed mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u biex tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri.***

6. L-impriżi tal-gass naturali, il-klijenti tal-gass industrijali, l-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-klijenti ta' unitajiet domestiċi u l-klijenti tal-gass industrijali kif ukoll l-Istati Membri u, fejn dawn ma jkunux l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti u jipprovdulhom fuq talba tagħhom l-informazzjoni neċessarja kollha għall-***valutazzjonijiet tar-riskju komuni u nazzjonali***.

7. ***Sal***-1 ta' Ottubru 2018 l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-***ewwel valutazzjoni*** tar-riskju komuni ladarba jintlaħaq qbil dwarha mill-Istati Membri kollha fil-***grupp ta' riskju u l-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali***. Il-***valutazzjonijiet*** tar-riskju għandhom jiġu aġġornati kull erba' snin ***wara dan*** sakemm iċ-ċirkostanzi ma jeħtiġux aġġornamenti aktar frekwenti. Il-***valutazzjonijiet*** tar-riskju għandhom iqisu l-progress li jkun sar fl-investimenti meħtieġa sabiex jagħmlu tajjeb għall-istandard tal-infrastruttura definit fl-Artikolu 5 u ta' diffikultajiet speċifiċi għal pajjiż li wieħed jiltaqa' magħhom fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda alternattivi. ***Huma*** għandhom jibbażaw ukoll fuq l-esperjenza miksuba permezz tas-simulazzjoni tal-pjanijiet ta' emerġenza li jinsabu fl-Artikolu 10(3).

Artikolu 8

Stabbiliment ta' pjanijiet ta' azzjoni preventiva u pjanijiet ta' emerġenza

1. Il-miżuri sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista ***tal-gass*** li jinsabu fi pjan ta' azzjoni preventiva u fi pjan ta' emerġenza għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, proporzjonati, mhux diskriminatorji u verifikabbli, m'għandhomx joħolqu indebitament distorsjoni fil-kompetizzjoni jew fil-funzjonament effettiv tas-suq intern tal-gass u ma għandhomx jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni

2. L-***awtorità*** kompetenti ta' kull ***Stat Membru għandha***, wara li tikkonsulta mal-impriżi tal-gass naturali, l-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-klijenti tal-gass domestiċi u dawk industrijali, inkluż il-produtturi tal-elettriku, ***l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni tal-elettriku,*** u fejn din ma tkunx l-awtorità kompetenti, l-***awtorità*** regolatorja nazzjonali, tistabbilixxi ▌:

   (a) pjan ta' azzjoni preventiva li jkollu fih il-miżuri ***meħtieġa*** biex jitneħħew jew jittaffew ir-riskji identifikati ▌, inkluż miżuri marbutin mal-***effetti tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri min-naħa tad-domanda*** fil-***valutazzjonijiet*** tar-riskju komuni u nazzjonali ***u*** skont l-Artikolu 9.

(b) pjan ta' emerġenza li jkollu fih il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jitneħħa jew jittaffa l-impatt ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass▌ skont l-Artikolu 10.

***3. Il-pjan ta' azzjoni preventiva u l-pjan ta' emerġenza għandhom ikollhom fihom kapitolu reġjonali, jew diversi kapitoli reġjonali, fejn Stat Membru jkun membru ta' gruppi ta' riskju differenti kif definit fl-Anness I.***

***Il-kapitoli reġjonali għandhom jiġu żviluppati b'mod konġunt mill-Istati Membri kollha fil-grupp ta' riskju qabel ma jiġu inkorporati fil-pjanijiet nazzjonali rispettivi. Il-Kummissjoni għandha taġixxi bħala faċilitatur sabiex tagħmel possibbli li l-kapitoli reġjonali b'mod kollettiv isaħħu s-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni, u, ma jwasslu għal ebda kontradizzjoni, u tegħleb kull xkiel għall-kooperazzjoni.***

***Il-kapitoli reġjonali għandhom ikollhom fihom miżuri transkonfinali xierqa u effettivi, inkluż fir-rigward tal-LNG, suġġett għal qbil bejn l-Istati Membri li jimplimentaw il-miżuri mill-istess grupp ta' riskju jew gruppi ta' riskju differenti affettwati mill-miżura abbażi tas-simulazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1) u l-valutazzjoni tar-riskju komuni.***

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw b'mod regolari lill-***GCG*** rigward il-progress li jkun sar fit-tħejjija u l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza***, b'mod partikolari fil-kapitoli reġjonali***. B'mod partikolari***,*** l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jaqblu dwar mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għat-tħejjija tal-pjan ta' azzjoni preventiva u l-pjan ta' emerġenza, inkluż l-iskambju ta' abbozzi ta' pjanijiet. Huma*** għandhom ***jirrapportaw lill-GCG dwar tali*** mekkaniżmu ta' kooperazzjoni miftiehem ***16***-il xahar qabel id-data ta' skadenza għall-***qbil dwar dawk*** il-pjanijiet u l-aġġornamenti ta' ***dawk*** il-pjanijiet.

Il-Kummissjoni jista' jkollha rwol ta' faċilitazzjoni fil-preparazzjoni tal-pjan ***ta' azzjoni preventiva u*** l-pjan ***ta' emerġenza***, b'mod partikolari għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Jekk l-awtoritajiet kompetenti fi ***grupp ta' riskju*** ma jaqblux dwar mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni ***għandha*** tipproponi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għal dak ***il-grupp ta' riskju***. ***L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jaqblu dwar il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għal dak il-grupp ta' riskju b'konsiderazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni. L-awtoritajiet kompetenti*** għandhom jiżguraw il-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-pjan ***ta' azzjoni preventiva u*** l-pjan ***ta' emerġenza***.

5. Il-pjan ta' azzjoni preventiva u l-pjan ta' emerġenza għandhom jiġu żviluppati skont il-mudelli li fih l-Annessi VI u VII. Il-Kummissjoni ***hija mogħtija*** s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 ***ta' dan ir-Regolament*** biex temenda l-mudelli deskritti fl-Annessi VI u VII***, wara konsultazzjoni mal-GCG, sabiex tiġi riflessa l-esperjenza li tittieħed mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri.***

***6. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-viċinat għandhom fi żmien debitu jikkonsultaw lil xulxin bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-pjanijiet tagħhom ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet tagħhom ta' emerġenza.***

***L-awtoritajiet kompetenti għandhom, f'kull grupp ta' riskju, jiskambjaw abbozzi ta' pjanijiet ta' azzjoni preventiva u pjanijiet ta' emerġenza bi proposti għall-kooperazzjoni, mhux aktar tard minn ħames xhur qabel id-data ta' skadenza biex jitressqu l-pjanijiet.***

***Il-verżjonijiet finali tal-kapitoli reġjonali msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jiġu miftiehma mill-Istati Membri kollha fil-grupp ta' riskju. Il-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza għandhom ikollhom fihom ukoll il-miżuri nazzjonali neċessarji għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-miżuri transkonfinali fil-kapitoli reġjonali***.

7. Il-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u ***l-***pjanijiet ta' emerġenza għandhom ▌ isiru pubbliċi u jiġu notifikati lill-Kummissjoni ***sa***l-1 ta' Marzu 2019. ▌ Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-***GCG*** bin-notifika tal-pjanijiet u għandha tippubblikahom fuq is-sit web ***tal-***Kummissjoni.

▌ Fi żmien erba' xhur min-notifika mill-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni għandha tivvaluta ***l-***pjanijiet waqt li tqis ▌ il-fehmiet espressi fil-***GCG.***

***8***. Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni lill-***awtorità*** kompetenti bir-rakkomandazzjoni sabiex tirrevedi pjan ta' azzjoni preventiva rilevanti jew pjan ta' emerġenza jekk ikun japplika wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin:

(a) ***huwa*** ma jkunx effettiv sabiex itaffi r-riskji kif identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju;

(b) ***huwa*** jkun inkonsistenti max-xenarji tar-riskju vvalutati jew mal-pjanijiet ta' ***Stat Membru ieħor jew grupp ta' riskju***;

(c) huwa ma jkunx jikkonforma mar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 li m'għandux joħoloq indebitament distorsjoni tal-kompetizzjoni jew tal-funzjonament effettiv tas-suq ▌ intern;

(d) ***huwa*** ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew ma' dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi tal-Unjoni.

▌

9. Fi żmien tliet xhur min-notifika tal-opinjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 8***, l-awtorità*** kompetenti kkonċernata għandha tinnotifika l-pjan ta' azzjoni preventiva emendat jew il-pjan ta' emerġenza emendat lill-Kummissjoni, jew għandha tinforma lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għalfejn ***ma taqbilx*** mar-rakkomandazzjonijiet.

Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil ***marbut mal-elementi msemmijin fil-paragrafu 8***, il-Kummissjoni tista', fi żmien ***erba'*** xhur mit-tweġiba tal-***awtorità kompetenti, tirtira t-talba tagħha jew tiltaqa' mal-awtorità kompetenti u, fejn il-Kummissjoni tqis li dan ikun meħtieġ, mal-GCG, sabiex jikkunsidraw il-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha tistipula r-raġunijiet dettaljati tagħha biex titlob kwalunkwe emenda tal-pjan*** ta' azzjoni preventiva jew tal-pjan ta' emerġenza***. L-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tikkunsidra b'mod sħiħ ir-raġunijiet dettaljati tal-Kummissjoni.***

***Fejn applikabbli, l-awtorità kompetenti kkonċernata għandha bla dewmien temenda u tagħmel pubbliku*** l-pjan ta' azzjoni preventiva emendat jew il-pjan ta' emerġenza emendat***.***

***Fejn il-pożizzjoni finali tal-awtorità kompetenti kkonċernata tkun differenti mir-raġunijiet dettaljati tal-Kummissjoni, dik l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi u tagħmel pubblika, flimkien mal-pożizzjoni tagħha u r-raġunijiet dettaljati tal-Kummissjoni, il-ġustifikazzjoni li ssostni l-pożizzjoni tagħha fi żmien xahrejn mir-riċezzjoni tar-raġunijiet dettaljati tal-Kummissjoni.***

***10.*** ***Għall-miżuri mhux ibbażati fuq is-suq adottati fi jew wara … [ĠU, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], għandha tapplika l-proċedura deskritta fl-Artikolu 9(4), (6), (8) u (9).***

11. Il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva għandha tiġi ppreservata.

12. Pjanijiet ta' azzjoni preventiva u pjanijiet ta' emerġenza żviluppati taħt ir-Regolament (UE) Nru 994/2010, aġġornati ***skont dak ir-Regolament***, għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm il-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza msemmija fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** jiġu stabbiliti għall-ewwel darba.

Artikolu 9

Kontenut ta’ pjanijiet ta' azzjoni preventiva

1. Il-pjan ta' azzjoni preventiva għandu jikkontjeni:

(a) ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u sommarju tax-xenarji kkunsidrati, kif imsemmijin fil-punt (c) tal-Artikolu 7(***4);***

(b) id-definizzjoni ta' klijenti protetti ▌ u l-informazzjoni deskritta fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1);

(c) il-miżuri, il-volumi u l-kapaċitajiet meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti l-istandards tal-infrastruttura u tal-provvista tal-gass▌ stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6, inkluż, fejn applikabbli, il-punt sa fejn il-miżuri min-naħa tad-domanda jistgħu jikkumpensaw b'mod suffiċjenti, fil-ħin, għal interruzzjoni tal-provvista tal-gass kif imsemmi fl-Artikolu 5(2), l-identifikazzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5(3), il-volumi tal-gass neċessarji għal kull kategorija ta' klijenti protetti u għal kull xenarju kif imsemmi fl-Artikolu 6(1), u kwalunkwe standard tal-provvista tal-gass miżjud inkluż kwalunkwe ġustifikazzjoni li turi konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(2) u deskrizzjoni ta' mekkaniżmu sabiex jitnaqqas temporanjament kwalunkwe standard tal-provvista tal-gass miżjud jew obbligu addizzjonali skont l-Artikolu 11(3);

(d) obbligi imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali***, impriżi tal-elettriku meta jkun xieraq,*** u korpi rilevanti oħrajn li probabbli jkollhom impatt fuq is-sigurtà tal-provvista tal-gass, bħal obbligi għall-operazzjoni mingħajr periklu tas-sistema tal-gass;

(e) miżuri preventivi oħrajn imfasslin sabiex jindirizzaw ir-riskji identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju, bħal dawk relatati mal-ħtieġa sabiex jissaħħu l-interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri ġirien***, biex tkompli tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, biex titnaqqas id-domanda għall-gass*** u l-possibbiltà li jiġu diversifikati r-rotot tal-gass u s-sorsi tal-provvista tal-gass ***u l-użu reġjonali tal-kapaċitajiet eżistenti ta' ħżin u tal-LNG***, jekk ikun adatt, biex tinżamm provvista tal-gass għall-klijenti kollha sa fejn ikun possibbli;

(f) informazzjoni fuq l-impatt ekonomiku, l-effikaċja u l-effiċjenza tal-miżuri li jinsabu fil-pjan, inklużi l-obbligi msemmijin fil-punt (k);

(g) deskrizzjoni tal-effetti tal-miżuri li hemm fil-pjan dwar il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija kif ukoll swieq nazzjonali, inklużi l-obbligi msemmijin fil-punt (k);

(h) deskrizzjoni tal-impatt tal-miżuri fuq l-ambjent u fuq il-klijenti;

(i) il-mekkaniżmi li għandhom jintużaw għal kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn, inkluż il-mekkaniżmi għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u pjanijiet ta' emerġenza;

(j) informazzjoni dwar l-interkonnessjonijiet ***u l-infrastruttura*** eżistenti u futuri, inklużi dawk li jipprovdu aċċess għas-***suq intern***, il-flussi transkonfinali, l-aċċess transkonfinali għal ħżin u faċilitajiet ta' LNG u l-kapaċità bidirezzjonali, b'mod partikolari fil-każ ta' emerġenza;

(k) informazzjoni dwar l-obbligi kollha ta' servizz pubbliku relatati mas-sigurtà tal-provvista tal-gass.

***Informazzjoni kritika relattiva għall-punti (a), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu li, jekk tiġi żvelata, tista' tipperikola s-sigurtà tal-provvista tal-gass tista' tiġi eskluża.***

2. Il-pjan ta' azzjoni preventiva, b'mod partikolari l-azzjonijiet sabiex jissodisfaw l-istandard tal-infrastruttura kif stabbilit fl-Artikolu 5, għandu jqis it-***TYNDP*** fl-Unjoni kollha mfassal mill-ENTSOG skont l-Artikolu 8(10) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009.

3. Il-pjan ta' azzjoni preventiva għandu primarjament ikun ibbażat fuq il-miżuri bbażati fuq is-suq u m'għandux ipoġġi piż bla bżonn fuq l-impriżi tal-gass naturali, jew ikollu impatt negattiv fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-gass.

4. L-Istati Membri ***u b'mod partikolari l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, għandhom jiżguraw li*** l-miżuri preventivi kollha mhux ibbażati fuq is-suq***, bħal dawk imsemmija fl-Anness VIII,*** li jiġu adottati fi jew wara ... ***[ĠU, jekk jogħġbok daħħal*** id-***data tad-***dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***], irrispettivament minn jekk ikunux parti mill-pjan ta' azzjoni preventiva jew jiġux adottati sussegwentement, jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2).***

***5. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel pubblika kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 4 li tkun għadha ma ġietx inkluża fil-pjan ta' azzjoni preventiva, u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deskrizzjoni ta' kwalunkwe tali miżura u tal-impatt tagħha fuq is-suq nazzjonali tal-gass u, sa fejn ikun possibbli, fuq is-swieq tal-gass tal-Istati Membri l-oħra.***

***6. Jekk il-Kummissjoni tiddubita jekk miżura msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu tikkonformax mal-kriterji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) hija għandha titlob lill-Istati Membru kkonċernat in-notifika ta' valutazzjoni tal-impatt.***

7. ***Valutazzjoni tal-impatt skont il-paragrafu 6*** għandha tkopri mill-inqas dan li ġej:

(a) l-impatt ***potenzjali*** ▌ fuq l-iżvilupp tas-suq tal-gass nazzjonali u l-kompetizzjoni fil-livell nazzjonali;

(b) l-impatt ***potenzjali*** ▌ fuq is-suq intern tal-gass;

(c) ***l-***impatt potenzjali fuq is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stati Membri ġirien, b'mod partikolari għal dawk il-miżuri li jistgħu jnaqqsu l-likwidità fis-swieq reġjonali jew jillimitaw il-flussi lejn Stati Membri ġirien;

(d) l-ispejjeż u l-benefiċċji ▌, ivvalutati meta mqabbla ma' miżuri alternattivi bbażati fuq is-suq;

(e) valutazzjoni tan-neċessità u l-proporzjonalità ▌ meta mqabbla ma' miżuri possibbli bbażati fuq is-suq;

(f) apprezzament dwar jekk il-miżura tiżgurax possibbiltajiet indaqs għall-parteċipanti kollha tas-suq;

(g) strateġija ta' eliminazzjoni gradwali, it-tul mistenni tal-miżura prevista u kalendarju adatt ta' rieżami.

L-analiżi msemmija fil-punti (a) u (b) għandha ssir mill-***awtorità*** regolatorja nazzjonali. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tiġi ppubblikata mill-awtorità kompetenti u għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

***8.*** ***Fejn, abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni tqis li l-miżura probabbilment tipperikola s-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stat Membri oħra jew tal-Unjoni hija għandha tieħu deċiżjoni fi żmien erba' xhur min-notifika tal-valutazzjoni tal-impatt u tirrikjedi, sa fejn meħtieġ,*** l-emenda jew l-irtirar ***tal-***miżura **.**

Il-miżura adottata għandha tidħol fis-seħħ biss meta tiġi approvata mill-Kummissjoni jew tkun ġiet emendata skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

***Il-perijodu ta' erba' xhur għandu jibda mill-jum wara riċezzjoni ta' notifika sħiħa. Il-perijodu ta' erba' xhur jista' jiġi estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-awtorità kompetenti.***

***9.*** ***Fejn, abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni tqis li l-miżura ma tikkonformax mal-kriterji stabbiliti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6(2), hija tista' toħroġ opinjoni fi żmien erba' xhur min-notifika tal-valutazzjoni tal-impatt. Għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8(8) u (9).***

***Il-perijodu ta' erba' xhur għandu jibda mill-jum wara riċezzjoni ta' notifika sħiħa. Il-perijodu ta' erba' xhur jista' jiġi estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-awtorità kompetenti.***

***10. L-Artikolu 8(9) għandu japplika għal kwalunkwe miżura soġġetta għall-paragrafi 6 sa 9 ta' dan l-Artikolu.***

11. Il-pjan ta' azzjoni preventiva għandu jiġu aġġornat kull erba' snin wara l-1 ta' Marzu 2019 jew iktar frekwentement jekk iċ-ċirkostanzi jkunu jenħtieġu dan jew fuq talba tal-Kummissjoni. Il-pjan aġġornat għandu jirrifletti l-valutazzjoni tar-riskju aġġornata u r-riżultati tat-testijiet imwettqin skont l-Artikolu 10(3). L-Artikolu 8▌ għandu japplika għall-pjan aġġornat.

Artikolu 10

Kontenut ta’ pjanijiet ta' emerġenza

1. Il-pjan ta' emerġenza għandu:

(a) jibbaża fuq il-livelli ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 11(1);

(b) jiddefinixxi r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-impriżi tal-gass naturali***, l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni għall-elettriku jekk rilevanti*** u tal-klijenti tal-gass industrijali inkluż il-produtturi rilevanti tal-elettriku, waqt li jqis il-livelli differenti sa fejn ikunu affettwati f'każ ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass, u l-interazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet kompetenti u fejn adatt mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'kull wieħed mil-livelli ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 11(1);

(c) jiddefinixxi r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti u tal-korpi l-oħrajn li lilhom ikunu ġew delegati l-kompiti kif imsemmi fl-Artikolu 3(2) f'kull wieħed mil-livelli ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 11(1);

(d) jiżgura li l-impriżi tal-gass naturali u l-klijenti tal-gass industrijali inkluż il-produtturi rilevanti tal-elettriku jingħataw opportunità biżżejjed sabiex iwieġbu għal-livelli ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 11(1);

(e) jidentifika, jekk ikun adatt, il-miżuri u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex jittaffa l-impatt potenzjali ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass fuq it-tisħin distrettwali u l-provvista tal-elettriku ġġenerata mill-gass***, inkluż permezz ta' perspettiva integrata tal-operazzjonijiet tas-sistemi tal-enerġija tal-elettriku u l-gass jekk rilevanti***;

(f) jistabbilixxi proċeduri u miżuri dettaljati li għandhom jiġu segwiti għal-livelli ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 11(1), inklużi l-iskemi korrispondenti dwar il-flussi ta' informazzjoni;

(g) jinnomina maniġer ta' kriżi ▌ u jiddefinixxi r-rwol tiegħu;

(h) jidentifika l-kontribut tal-miżuri abbażi tas-suq biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni f'livell ta' allert u biex tittaffa s-sitwazzjoni f'livell ta' emerġenza;

(i) jidentifika l-kontribut ta' miżuri mhux ibbażati fuq is-suq ippjanati jew li għandhom jiġu implimentati għal-livell ta' emerġenza, u jivvaluta l-livell ta' kemm l-użu ta' tali miżuri mhux ibbażati fuq is-suq huwa meħtieġ sabiex tiġi indirizzata kriżi. L-effetti tal-miżuri mhux ibbażati fuq is-suq għandhom jiġu vvalutati u jiġu identifikati l-proċeduri għall-implimentazzjoni tagħhom. Miżuri mhux ibbażati fuq is-suq għandhom jintużaw biss meta mekkaniżmi bbażati fuq is-suq weħidhom ma jistgħux jibqgħu jiżguraw il-provvisti, b'mod partikolari lill-klijenti protetti, jew għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13;

(j) jiddeskrivi l-mekkaniżmi li jintużaw għall-kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħra għal-livelli ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 11(1) ***u l-arranġamenti għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti***;

(k) jiddeskrivi l-obbligi ta' rappurtar imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali ***u, fejn xieraq, l-impriżi tal-elettriku*** fil-livelli ta' allert u ta' emerġenza;

(l) jiddeskrivi l-arranġamenti tekniċi jew legali fis-seħħ sabiex jipprevjenu konsum mhux dovut tal-gass minn klijenti li jkunu konnessi ma' netwerk ta' distribuzzjoni jew ta' trasmissjoni tal-gass iżda li ma jkunux klijenti protetti**.**

(m) jiddeskrivi l-arranġamenti tekniċi***, legali*** u finanzjarji fis-seħħ sabiex jiġu applikati l-obbligi tas-solidarjetà stabbiliti fl-Artikolu 13;

***(n) jagħti stima tal-volumi tal-gass li jistgħu jiġu kkunsmati mill-konsumaturi protetti mis-solidarjetà li tkopri mill-inqas il-każijiet deskritti fl-Artikolu 6(1).***

(o) jistabbilixxi lista ta' azzjonijiet predefiniti sabiex jagħmel il-gass disponibbli fil-każ ta' emerġenza, inkluż ftehimiet kummerċjali bejn il-partijiet involuti f'tali azzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' kumpens għall-impriżi tal-gass naturali fejn adatt, waqt li titqies il-kunfidenzjalità tad-data sensittiva. Azzjonijiet bħal dawn jistgħu jinvolvu ftehimiet transkonfinali bejn l-Istati Membri u/jew l-impriżi tal-gass naturali.

***Sabiex jiġi evitat konsum eċċessiv tal-gass waqt emerġenza, kif imsemmi fil-punt (l) tal-ewwel subparagrafu, jew waqt l-applikazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 11(3) u fl-Artikolu 13, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tinforma lill-klijenti mhux protetti li huma mitluba jwaqqfu jew inaqqsu l-konsum tal-gass tagħhom mingħajr ma joħolqu sitwazzjonijiet teknikament mhux sikuri.***

2. Il-pjan ta' emerġenza għandu jiġu aġġornat kull erba' snin wara l-1 ta' Marzu 2019 jew iktar frekwentement jekk iċ-ċirkostanzi jkunu jenħtieġu dan jew fuq talba tal-Kummissjoni. Il-pjanijiet aġġornati għandhom jirriflettu l-valutazzjoni tar-riskju aġġornat u r-riżultati tat-testijiet imwettqin skont il-paragrafu 3 ***ta' dan*** l-Artikolu***. L-Artikolu 8***(***4***) sa (11) għandhom japplikaw għall-pjan aġġornat.

3. Il-miżuri, l-azzjonijiet u l-proċeduri li jinsabu fil-pjan ta' emerġenza għandhom jiġu ttestjati mill-inqas ***darba*** bejn l-aġġornamenti tiegħu kull erba' snin imsemmija fil-paragrafu 2. Sabiex jiġi ttestjat il-pjan ta' emerġenza, ***l-awtorità kompetenti*** għandha tagħmel simulazzjoni tax-xenarji ta' impatt għoli u medju u tar-reazzjonijiet f'ħin reali skont dak il-pjan ta' emerġenza. Ir-riżultati tat-testijiet għandhom jiġu ppreżentati fil-***GCG*** mill-***awtorità*** kompetenti.

4. Il-pjan ta' emerġenza għandu jiżgura li l-aċċess transkonfinali għall-infrastruttura skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 jinżamm kemm jista' jkun mil-lat tekniku u ta' sikurezza fil-każ ta' emerġenza u m'għandux jintroduċi xi miżura li tirrestrinġi indebitament il-fluss tal-gass bejn il-fruntieri.

Artikolu 11

Dikjarazzjoni ta' kriżi

1. Għandu jkun hemm tliet livelli ta' kriżi, li ġejjin:

(a) livell ta' twissija bikrija ('twissija bikrija'): fejn ikun hemm informazzjoni konkreta, serja u affidabbli li avveniment li probabbilment jirriżulta f'deterjorament sinifikanti tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-gass jista’ jseħħ u li probabbilment iwassal biex jiġi azzjonat il-livell ta' allert jew ta' emerġenza; il-livell ta' twissija bikrija jista' jiġi attivat b'mekkaniżmu ta' twissija bikrija;

(b) livell ta' allert ('allert'): fejn interruzzjoni tal-provvista tal-gass jew domanda eċċezzjonalment għolja ta' gass li tirriżulta f'deterjorament sinifikanti tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-gass isseħħ iżda s-suq xorta jkun għadu jlaħħaq ma' dik l-interruzzjoni jew domanda mingħajr il-ħtieġa li jirrikorri għall-miżuri mhux ibbażati fuq is-suq;

(c) livell ta' emerġenza ('emerġenza'): fejn jkun hemm domanda eċċezzjonalment għolja ta' gass, interruzzjoni sinifikanti tal-provvista tal-gass jew deterjorament sinifikanti ieħor tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-gass u l-miżuri kollha rilevanti bbażati fuq is-suq ikunu ġew implimentati iżda l-provvista tal-gass ma tkunx suffiċjenti sabiex tlaħħaq mal-bqija tad-domanda tal-gass biex b'hekk ikollhom jiġu introdotti addizzjonalment miżuri mhux ibbażati fuq iss-suq bil-ħsieb li, b'mod partikolari, jiġu salvagwardati l-provvisti tal-gass lill-klijenti protetti skont l-Artikolu 6.

2. Meta l-awtorità kompetenti tiddikjara xi wieħed mil-livelli ta' kriżi msemmija fil-paragrafu ***1,*** hija għandha immedjatament tinforma lill-Kummissjoni ***kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li magħhom l-Istat Membru ta' dik l-awtorità kompetenti jkun konness direttament*** u ***tipprovdilhom*** l-informazzjoni neċessarja kollha, b'mod partikolari l-informazzjoni dwar l-azzjoni li biħsiebha tieħu. Fil-każ ta' emerġenza li tista' tirriżulta f'appell għal assistenza mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha mingħajr dewmien tinnotifika liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza (ERCC, *Emergency Response Coordination Centre*) tal-Kummissjoni.

3. Fejn Stat Membru jkun iddikjara emerġenza ***u indika li tenħtieġ azzjoni transkonfinali,*** kwalunkwe standard tal-provvista tal-gass miżjud jew obbligu addizzjonali ***taħt l-Artikolu 6(2)*** impost fuq l-impriżi tal-gass naturali fi Stati Membri oħrajn ***fl-istess grupp ta' riskju*** għandu jitnaqqas b'mod temporanju għal-livell stabbilit fl-Artikolu 6(1).

***L-obbligi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma jibqgħux japplikaw immedjatament wara li l-awtorità kompetenti tiddikjara t-tmiem ta' emerġenza, jew wara li l-Kummissjoni tikkonkludi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 8, li d-dikjarazzjoni ta' emerġenza mhijiex jew m'għadhiex ġustifikata.***

4. Meta l-awtorità kompetenti tiddikjara emerġenza [redacted] hija għandha ssegwi l-azzjoni predefinita kif tinsab fil-pjan ta' emerġenza tagħha u għandha immedjatament tinforma lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti fil-***grupp ta' riskju kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li magħhom l-Istat Membru ta' dik l-awtorità kompetenti jkun konness direttament*** b'mod partikolari bl-azzjoni li biħsiebha tieħu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali debitament ġustifikati, l-awtorità kompetenti tista' tieħu azzjoni li tiddevja mill-pjan ta' emerġenza. L-awtorità kompetenti għandha immedjatament tinforma lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti fil-***grupp ta' riskju tagħha kif deskritt fl-Anness I, kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li magħhom l-Istat Membru ta' dik l-awtorità kompetenti jkun konness direttament,*** bi kwalunkwe tali azzjoni u għandha tipprovdi ġustifikazzjoni għad-devjazzjoni.

***5. L-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandu jiżgura li meta tiġi ddikjarata emerġenza fi Stat Membru ġar, il-kapaċità fil-punti ta' interkonnessjoni lejn dak l-Istat Membru, irrispettivament minn jekk tkunx kostanti jew interrompibbli, u jekk tkunx riżervata qabel jew waqt l-emerġenza, għandha prijorità fuq il-kapaċità li tikkompeti fil-punti ta' ħruġ fil-faċilitajiet tal-ħżin. L-utent tas-sistema tal-kapaċità prijoritizzata għandu jħallas minnufih kumpens ġust lill-utent tas-sistema tal-kapaċità kostanti għat-telf finanzjarju mġarrab bħala riżultat ta' prijoritizzazzjoni inkluż rimborż proporzjonat għall-ispiża li tirriżulta mill-interruzzjoni tal-kapaċità kostanti. Il-proċess għad-determinazzjoni u l-ħlas tal-kumpens ma għandux jaffettwa l-implimentazzjoni tar-regola ta' prijorità.***

6. L-Istati Membri u, b'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li:

(a) m'għandha tiġi introdotta l-ebda miżura li tillimita bla bżonn il-fluss tal-gass fis-suq intern f'kull ħin;

(b) ma għandha tiġi introdotta l-ebda miżura li probabbilment tipperikola serjament is-sitwazzjoni tal-provvista tal-gass fi Stat Membru ieħor; u

(c) l-aċċess transkonfinali għall-infrastruttura f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 715/2009 jinżamm kemm jista' jkun mil-lat tekniku u ta' sikurezza fil-każ ta' emerġenza, skont il-pjan ta' emerġenza.

*7. Waqt emerġenza u għal motivi raġonevoli, fuq talba tal-operatur rilevanti tas-sistema ta' trasmissjoni tal-elettriku jew tal-gass, Stat Membru jista' jiddeċiedi li jipprijoritizza l-provvista tal-gass għal ċerti impjanti kritiċi li jaħdmu bil-gass qabel il-provvista tal-gass ta' ċerti kategoriji ta' klijenti protetti, jekk in-nuqqas ta' provvista ta' gass għal tali impjanti kritiċi li jaħdmu bil-gass jew:*

*(a) jista' jirrizulta fi ħsarat serji fil-funzjonament tas-sistema tal-elettriku; jew*

*(b) ixekkel il-produzzjoni u/jew it-trasport tal-gass.*

*L-Istati Membri għandhom jibbażaw kwalunkwe tali miżura fuq il-valutazzjoni tar-riskju.*

*L-impjanti kritiċi li jaħdmu bil-gass, kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu, għandhom ikunu identifikati b'mod ċar flimkien mal-volumi tal-gass possibbli li jkunu soġġetti għal tali miżura u inklużi fil-kapitoli reġjonali tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza. L-identifikazzjoni tagħhom għandha ssir f'kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni tas-sistema tal-elettriku u tas-sistema tal-gass tal-Istat Membru kkonċernat.*

8. Il-Kummissjoni għandha tivverifika, kemm jista' jkun malajr, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien ħamest ijiem ***minn meta*** tirċievi l-informazzjoni ▌ msemmija fil-paragrafu 2 ***mill-awtorità kompetenti,*** jekk id-dikjarazzjoni ta' emerġenza hijiex ġustifikata skont il-punt (c) tal-paragrafu 1 u jekk il-miżuri meħudin isegwux kemm jista' jkun mill-qrib l-azzjonijiet elenkati fil-pjan ta' emerġenza u li ma jkunux qed jimponu piż indebitu fuq l-impriżi tal-gass naturali u li jkunu konformi mal-paragrafu 6. Il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' awtorità kompetenti ***oħra***, ta' impriżi tal-gass naturali jew fuq inizjattiva tagħha stess, titlob lill-awtorità kompetenti sabiex timmodifika l-miżuri meta dawn imorru kontra l-kondizzjonijiet imsemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll lill-awtorità kompetenti biex tiddikjara t-tmiem tal-emerġenza fejn hija ***tikkonkludi*** li d-dikjarazzjoni ta’ emerġenża mhijiex jew ma għadhiex aktar ġustifikata skont il-punt (c) tal-paragrafu 1.

Fi żmien tlett ijiem min-notifika tat-talba tal-Kummissjoni, l-awtorità kompetenti għandha timmodifika l-miżuri u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'dan, jew għandha tinforma lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għalfejn hija ma taqbilx mat-talba. Fil-każ tal-aħħar, il-Kummissjoni tista', fi żmien tlett ijiem minn meta tkun informata, temenda jew tirtira t-talba tagħha jew, sabiex tikkunsidra l-kwistjoni, tlaqqa' lill-awtorità kompetenti jew, fejn adatt, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, u, fejn il-Kummissjoni tqis li dan ikun neċessarju, il-***GCG***. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-raġunijiet dettaljati tagħha għalfejn tkun talbet kwalunkwe modifika għall-azzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra bis-sħiħ il-pożizzjoni tal-Kummissjoni. Fejn id-deċiżjoni finali tal-awtorità kompetenti tiddevja mill-pożizzjoni tal-Kummissjoni, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi r-raġunijiet li jsostu tali deċiżjoni.

***9. Meta l-awtorità kompetenti tiddikjara t-tmiem ta' xi wieħed mil-livelli ta' kriżi msemmija fil-paragrafu 1, hija għandha tinforma lill-Kummissjoni kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li magħhom l-Istat Membru ta' dik l-awtorità kompetenti jkun konness direttament.***

Artikolu 12

Rispons ta' emerġenza reġjonali u tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni tista' tiddikjara emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni fuq it-talba ta' awtorità kompetenti li tkun iddikjarat emerġenza u wara l-verifika f'konformità mal-Artikolu 11(8).

Il-Kummissjoni għandha tiddikjara, kif adatt, emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni fuq it-talba ta' mill-inqas żewġ awtoritajiet kompetenti li jkunu ddikjaraw emerġenza u wara l-verifika f'konformità mal-Artikolu 11(8), u fejn ir-raġunijiet għal tali emerġenzi jkunu relatati ma' xulxin.

Fil-każijiet kollha, fejn hija tiddikjara emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni, il-Kummissjoni, filwaqt li tuża l-aktar mezzi ta' komunikazzjoni adatti għas-sitwazzjoni, għandha tiġbor l-opinjonijiet u tieħu inkonsiderazzjoni l-informazzjoni kollha rilevanti mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn. Fejn il-Kummissjoni, tiddeċiedi, wara valutazzjoni, li l-bażi għall-emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni ma għadhiex aktar tiġġustifika d-dikjarazzjoni ta' emerġenza, hija għandha tiddikjara tmiem għall-emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni u għandha tagħti r-raġunijiet tagħha u tinforma lill-Kunsill bid-deċiżjoni tagħha.

2. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' lill-***GCG*** mill-mument meta hi tiddikjara emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni. ▌

3. F'emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li tieħu inkonsiderazzjoni b'mod sħiħ l-informazzjoni rilevanti minn, u r-riżultati ta', il-konsultazzjoni tal-***GCG***. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha:

(a) tiżgura l-iskambju tal-informazzjoni;

(b) tiżgura l-konsistenza u l-effikaċja tal-azzjoni fil-livell tal-Istat Membru u dak reġjonali b'rabta mal-livell tal-Unjoni;

(c) tikkoordina l-azzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi.

4. Il-Kummissjoni tista' tlaqqa' grupp għall-immaniġġar ta' kriżijiet li jkun magħmul minn maniġers ta' kriżijiet imsemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 10(1), tal-Istati Membri kkonċernati mill-emerġenza. Il-Kummissjoni, bi qbil mal-maniġers ta' kriżijiet, tista' tistieden lill-partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn sabiex jipparteċipaw. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-GCG ikun informat b'mod regolari dwar ix-xogħol imwettaq mill-grupp għall-immaniġġar ta' kriżijiet.

5. L-Istati Membri u b'mod partikolari l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li:

(a) ma tiġi introdotta l-ebda miżura li tirrestrinġi bla bżonn il-fluss tal-gass fi ħdan is-suq intern fi kwalunkwe ħin; b'mod partikolari l-fluss tal-gass lis-swieq affettwati;

(b) ma għandha tiġi introdotta l-ebda miżura li probabbilment tipperikola serjament is-sitwazzjoni tal-provvista tal-gass fi Stat Membru ieħor; u

(c) l-aċċess transkonfinali għall-infrastruttura f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 715/2009 jinżamm kemm jista' jkun mil-lat tekniku u ta' sikurezza fil-każ ta' emerġenza, skont il-pjan ta' emerġenza.

6. Fejn, fuq it-talba ta' awtorità kompetenti jew impriża tal-gass naturali jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tikkunsidra li, f'emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni, azzjoni meħuda minn Stat Membru jew awtorità kompetenti jew l-imġiba ta' impriża tal-gass naturali tmur kontra l-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha titlob lil dak l-Istat Membru jew dik l-awtorità kompetenti sabiex jimmodifikaw l-azzjoni tagħhom jew sabiex jieħdu azzjoni biex jiżguraw konformità mal-paragrafu 5, filwaqt li tinformahom bir-raġunijiet għal dan. Għandha tingħata l-attenzjoni dovuta għall-ħtieġa li s-sistema tal-gass topera b'mod sikur f'kull ħin.

Fi żmien tlett ijiem min-notifika tat-talba tal-Kummissjoni, l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti għandhom jimmodifikaw l-azzjoni tagħhom u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan il-fatt jew għandhom jispjegaw lill-Kummissjoni r-raġunijiet għala ma jaqblux mat-talba. Fil-każ tal-aħħar, il-Kummissjoni tista', fi żmien tlett ijiem minn meta tiġi informata, temenda jew tirtira t-talba tagħha jew tiltaqa' mal-Istat Membru jew mal-awtorità kompetenti u, fejn il-Kummissjoni tqis li dan ikun meħtieġ, mal-GCG sabiex jikkunsidraw il-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-raġunijiet dettaljati tagħha għalfejn tkun talbet kwalunkwe modifika għall-azzjoni. L-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti għandhom jieħdu inkonsiderazzjoni b'mod sħiħ il-pożizzjoni tal-Kummissjoni. Fejn id-deċiżjoni finali tal-awtorità kompetenti jew tal-Istat Membru tiddevja mill-pożizzjoni tal-Kummissjoni, l-awtorità kompetenti jew l-Istat Membru għandhom jipprovdu r-raġunijiet li fuqu tkun ibbażata tali deċiżjoni.

7. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta l-GCG, għandha tistabbilixxi lista ta' riserva permanenti għal task force ta' monitoraġġ li tikkonsisti minn esperti u rappreżentanti industrijali tal-Kummissjoni. It-task force ta' monitoraġġ tista' tiġi stazzjonata barra l-Unjoni meta jkun meħtieġ u għandha timmonitorja u tirrapporta dwar il-flussi tal-gass lejn l-Unjoni, b'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fornituri u ta' transitu.

8. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-ERCC tal-Kummissjoni l-informazzjoni dwar kwalunkwe ħtieġa ta' assistenza. L-ERCC għandu jivvaluta s-sitwazzjoni ġenerali u għandu jagħti parir dwar l-assistenza li għandha tiġi pprovduta lill-Istati Membri l-aktar affettwati, u fejn adatt lil pajjiżi terzi.

Artikolu 13

Solidarjetà

***1. Jekk Stat Membru jkun talab l-applikazzjoni tal-miżura ta' solidarjetà skont dan l-Artikolu, Stat Membru li jkun direttament konness mal-Istat Membru rikjedenti jew, fejn l-Istat Membru jipprovdi hekk, l-awtorità kompetenti tiegħu jew l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni tiegħu jew l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni tiegħu għandhom jieħdu, sa fejn ikun possibbli mingħajr ma jinħolqu sitwazzjonijiet perikolużi, il-miżuri meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-provvista tal-gass lil klijenti għajr klijenti protetti mis-solidarjetà fit-territorju tiegħu titnaqqas jew ma tkomplix sa fejn ikun meħtieġ u dment li l-provvista ta' gass lil klijenti protetti mis-solidarjetà fl-Istat Membru rikjedenti ma tkunx sodisfatta. L-Istat Membru rikjedenti għandu jiżgura wkoll li l-volum ta' gass rilevanti jkun konsenjat effettivament lill-klijenti protetti mis-solidarjetà fit-territorju tiegħu.***

***F'ċirkostanzi eċċezzjonali u fuq talba debitament raġunata mill-operatur rilevanti tas-sistema ta' trasmissjoni tal-elettriku jew tal-gass lill-awtorità kompetenti tiegħu, il-provvista tal-gass tista' tkompli wkoll għal ċerti impjanti kritiċi tal-enerġija li jitħaddmu bil-gass kif definit skont l-Artikolu 11(7) fl-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà jekk in-nuqqas ta' provvista tal-gass lil tali impjanti jista' jirriżulta f'dannu serju fil-funzjonament tas-sistema tal-elettriku jew jista' jfixkel il-produzzjoni u/jew it-trasportazzjoni tal-gass.***

2. *Stat Membru għandu wkoll jipprovdi l-miżura ta' solidarjetà lil Stat Membru ieħor li miegħu jkun konness permezz ta' pajjiż terz sakemm il-flussi ma jkunux ristretti permezz tal-pajjiż terz. Tali estensjoni tal-miżura għandha tkun soġġetta għall-ftehim tal-Istati Membri rilevanti, li għandhom jinvolvu, kif adatt, lill-pajjiż terz li permezz tiegħu huma jkunu konnessi.*

3. *Miżura ta' solidarjetà għandha titqies bħala l-aħħar għażla u għandha tapplika biss jekk l-Istat Membru rikjedenti:*

   *(a) ma kienx kapaċi jkopri n-nuqqas fil-provvista tal-gass għall-klijenti tiegħu protetti s-solidarjetà minkejja l-applikazzjoni tal-miżura msemmija fl-Artikolu 11(3) ;*

   *(b) ikun eżawrixxa l-miżuri kollha bbażati fuq is-suq u l-miżuri kollha previsti fil-pjan ta' emerġenza tiegħu;*

   *(c) ikun innotifika talba espliċita lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li magħhom huwa konness direttament jew skont il-paragrafu 2 permezz ta' pajjiż terz, akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-miżuri implimentati msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu;*

(d) *ikun impenja ruħu li jħallas kumpens ġust minnufih lill-Istat Membru li jipprovdi solidarjetà skont il-paragrafu 8.*

4. *Jekk ikun hemm aktar minn Stat Membru wieħed li jkun jista' jipprovdi s-solidarjetà lil Stat Membru rikjedenti, l-Istat Membru rikjedenti għandu, wara li jikkonsulta l-Istati Membri kollha meħtieġa li jipprovdu solidarjetà, ifittex l- offerta l-aktar vantaġġuża abbażi tal-ispejjeż, il-veloċità tal-konsenja, l-affidabbiltà u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħmlu tali offerti abbażi ta' miżuri volontarji min-naħa tad-domanda sa fejn possibbli u għall-itwal żmien possibbli, qabel ma jirrikorru għal miżuri mhux ibbażati fuq is-suq.*

5. *Fejn miżuri bbażati fuq is-suq jirriżultaw insuffiċjenti għall-Istat Membru li jipprovdi solidarjetà biex jindirizza n-nuqqas fil-provvista tal-gass lil klijenti protetti mis-solidarjetà fl-Istat Membru rikjedenti, l-Istat Membru li jipprovdi solidarjetà jista' jintroduċi miżuri mhux ibbażati fuq is-suq sabiex jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.*

6. *L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjedenti għandha tinforma immedjatament lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jipprovdu solidarjetà meta tiġi sodisfatta l-provvista tal-gass lil klijenti protetti mis-solidarjetà fit-territorju tiegħu jew fejn l-obbligi fil-paragrafi 1 u 2 jiġu, abbażi tal-ħtiġijiet tiegħu, imnaqqsa, jew jiġu sospiżi fuq it-talba tal-Istat Membru li jirċievi solidarjetà.*

7. *L-obbligi stabbiliti fl-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw soġġetti għat-tħaddim teknikament sikur u affidabbli tas-sistema tal-gass ta' Stat Membru li jipprovdi solidarjetà u għal-limitu tal-kapaċità massima ta' esportazzjoni tal-interkonnessjoni tal-infrastruttura tal-Istat Membru rilevanti lejn l-Istat Membru rikjedenti. L-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji jistgħu jirriflettu tali ċirkostanzi b'mod partikolari dawk li taħthom is-suq ser jipprovdi sal-kapaċità massima tal-interkonnessjoni.*

8. *Is-solidarjetà taħt dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta abbażi ta' kumpens. L-Istat Membru li jitlob solidarjetà għandu jħallas minnufih jew jiżgura l-ħlas minnufih ta' kumpens ġust lill-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà. Tali kumpens ġust għandu jkopri mill-inqas:*

   (a) *il-gass konsenjat fit-territorju tal-Istat Membru rikjedenti;*

   (b) *l-ispejjeż rilevanti u raġonevoli kollha l-oħra mġarrba meta tiġi pprovduta s-solidarjetà, inkluż, fejn xieraq, l-ispejjeż ta' tali miżuri li setgħu ġew stabbiliti minn qabel;*

*(c) rimborż għal kwalunkwe kumpens li jirrizulta minn proċedimenti ġudizzjarji, proċedimenti ta' arbitraġġ jew proċedimenti simili u soluzzjonijiet u spejjeż relatati ta' tali proċedimenti li jinvolvu lill-Istat Membru li jipprovdi solidarjetà fil-konfront ta' entitajiet involuti fl-għoti ta' tali solidarjetà.*

*Kumpens ġust skont l-ewwel subparagrafu għandu jinkludi, fost l-oħrajn, l-ispejjeż raġonevoli kollha li l-Istat Membru li jipprovdi s-solidarjetà jġarrab minn obbligu li jħallas kumpens minħabba d-drittijiet fundamentali garantiti mid-dritt tal-Unjoni u minħabba l-obbligi internazzjonali applikabbli meta jiġi implimentat dan l-Artikolu u spejjeż raġonevoli ulterjuri mġarrba mill-ħlas ta' kumpens skont regoli nazzjonali dwar il-kumpens.*

*Sal-1 ta' Diċembru 2018, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa, b'mod partikolari l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji skont il-paragrafu 10, biex jiġu implimentati l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu. Tali miżuri jistgħu jipprevedu l-modalitajiet prattiċi għal ħlas minnufih.*

9. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu f'konformità mat-Trattati, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-obbligi internazzjonali applikabbli. Huma għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa għal dak l-għan.***

10. ***Sal-1 ta' Diċembru 2018, l-Istati Membri*** għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa, ***inkluż dawk miftiehma fl-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji, biex jiġi żgurat li l-gass jiġi pprovdut lil klijenti protetti mis-solidarjetà fl-Istat Membru rikjedenti f'konformità mal-paragrafi 1 u 2.*** L-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji neċessarji ***għandhom jiġu miftiehma bejn l-Istati Membri li huma direttament konnessi jew, skont il-paragrafu 2, permezz ta' pajjiż terz, u għandhom jiġu deskritti fil-pjanijiet ta' emerġenza rispettivi tagħhom. Tali arranġamenti jistgħu jkopru, fost affarijiet oħra, l-elementi li ġejjin:***

***(a) is-sikurezza operazzjonali tan-networks;***

*(b)* *il-prezzijiet tal-gass li għandhom jiġu applikati u/jew il-metodoloġija għall-iffissar tal-prezzijiet, filwaqt li jittieħed kont tal-impatt fuq il-funzjonament tas-suq;*

*(c)* *l-użu tal-interkonnessjonijiet, inkluż il-kapaċità bidirezzjonali u l-ħżin tal-gass taħt l-art;*

*(d)* *il-volumi tal-gass jew il-metodoloġija għall-iffissar tal-volumi;*

*(e)* *il-kategoriji tal-ispejjeż li jridu jiġu koperti permezz ta' kumpens ġust u fil-pront, li jistgħu jinkludu danni għall-industrija affettwata;*

*(f)* *indikazzjoni tal-metodu li bih jista' jiġi kkalkulat kumpens ġust.*

*L-arranġament finanzjarju miftiehem bejn l-Istati Membri qabel ma tintalab is-solidarjetà għandu jkun fih dispożizzjonijiet li jippermettu l-kalkolu tal-kumpens ġust tal-anqas għall-ispejjeż rilevanti u raġonevoli kollha mġarrba meta tiġi pprovduta solidarjetà u garanzija li tali kumpens ser jitħallas.*

*Kwalunkwe mekkaniżmu ta' kumpens għandu jipprovdi inċentivi favur parteċipazzjoni f'soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq bħal irkanti u mekkaniżmi fin-naħa tad-domanda. M'għandux joħloq inċentivi perversi, inkluż fit-termini finanzjarji, għall-atturi tas-suq biex jipposponu l-azzjoni tagħhom sakemm jiġu applikati miżuri mhux ibbażati fuq is-suq. Il-mekkaniżmi ta' kumpens kollha jew tal-inqas is-sommarju tagħhom għandu jiġi inkluż fil-pjani ta' emerġenza.*

*11. Sakemm Stat Membru jkun jista' jkopri l-konsum tal-gass għall-klijenti tiegħu protetti mis-solidarjetà mill-produzzjoni tiegħu stess, huwa għandu jkun eżentat mill-obbligu li jikkonkludi arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji ma' Stati Membri li magħhom huwa direttament konness jew, f'konformità mal-paragrafu 2, permezz ta' pajjiż terz, għall-fini li jirċievi s-solidarjetà. Tali eżenzjoni m'għandhiex taffettwa l-obbligu tal-Istat Membru rilevanti li jipprovdi solidarjetà lil Stati Membri oħra skont dan l-Artikolu.*

*12. Sal-1 ta' Diċembru 2017, u wara li tkun ikkonsultat il-GCG, il-Kummissjoni għandha tagħti gwida mhux legalment vinkolanti għall-elementi prinċipali tal-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji speċjalment dwar kif jiġu applikati fil-prattika l-elementi deskritti fil-paragrafi 8 u 10.*

13. ***Fejn*** Stati Membri ma jaqblux dwar l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji meħtieġa ***sal-1 ta' Ottubru 2018,*** il-Kummissjoni, ***wara li tikkonsulta l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati,*** tista' tipproponi qafas għal tali miżuri ***li jistipula l-prinċipji meħtieġa biex dawn isiru operattivi li għandu jkun ibbażat fuq il-gwida tal-Kummissjoni stipulata fil-paragrafu 12. L-Istati Membri għandhom jiffinalizzaw l-arranġamenti tagħhom sal-1 ta' Diċembru 2018 billi jikkunsidraw bl-akbar attenzjoni l-proposta tal-Kummissjoni.***

***14. L-applikabbiltà ta' dan l-Artikolu m'għandhiex tkun affettwata jekk l-Istati Membri ma jaqblux jew ma jiffinalizzawx l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji tagħhom. F'tali sitwazzjoni l-Istati Membri kkonċernati għandhom jaqblu dwar il-miżuri ad hoc meħtieġa u l-Istat Membru li jitlob solidarjetà għandu jagħti impenn f'konformità mal-punt (d) tal-paragrafu 3.***

***15. L-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jibqgħu japplikaw immedjatament wara d-dikjarazzjoni tat-tmiem ta' emerġenza jew wara li l-Kummissjoni tikkonkludi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(8) li d-dikjarazzjoni ta' emerġenza mhijiex jew m'għadhiex ġustifikata.***

16. ***Fejn l-Unjoni ġġarrab spejjeż minħabba kwalunkwe responsabbiltà, għajr atti illegali jew kondotta illegali skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 tat-TFUE, fir-rigward ta' miżuri li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu skont dan l-Artikolu, dawk l-ispejjeż għandhom jiġu rimborżati lilha mill-Istat Membru li jirċievi s-solidarjetà.***

Artikolu 14

Skambju tal-informazzjoni

1. ***Fejn Stat Membru jkun iddikjara xi wieħed mil-livelli ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 11(1)***, l-impriżi tal-gass naturali kkonċernati għandhom kuljum iqiegħdu b'mod partikolari l-informazzjoni li ġejja għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti ***tal-Istat Membru kkonċernat***:

(a) it-tbassir dwar id-domanda u l-provvista ta' kuljum għall-gass għat-tlitt ijiem sussegwenti, ***f'miljuni ta' metri kubiċi kuljum (mcm/d)***;

(b) il-fluss ta' gass ta' kuljum fil-punti kollha ta' dħul u ħruġ transkonfinali kif ukoll il-punti kollha li jikkonnettjaw faċilità ta' produzzjoni, faċilità ta' ħżin jew terminal LNG man-netwerk, f'miljuni ta' metri kubiċi kuljum (mcm/d);

(c) il-perijodu, indikat fi ġranet, li għalih huwa mistenni li tkun tista' tiġi ggarantita l-provvista tal-gass lill-klijenti protetti.

2. Fil-każ ta' emerġenza reġjonali jew tal-Unjoni, il-Kummissjoni ***tista'*** titlob li l-awtorità kompetenti ***msemmija fil-paragrafu 1 tipprovdilha mingħajr dewmien tal-inqas***:

(a) l-informazzjoni stipulata fil-paragrafu 1;

(b) informazzjoni dwar il-miżuri ppjanati li għandhom isiru u dawk diġà implimentati mill-awtorità kompetenti sabiex tittaffa l-emerġenza, u l-informazzjoni dwar l-effikaċja tagħhom;

(c) it-talbiet li saru għal miżuri addizzjonali li għandhom jittieħdu minn awtoritajiet kompetenti oħrajn;

(d) il-miżuri implimentati fuq it-talba ta' awtoritajiet kompetenti oħrajn.

3. Wara emerġenza, l-awtorità kompetenti ***msemmija fil-paragrafu 1*** għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara t-tneħħija tal-emerġenza, valutazzjoni ddettaljata tal-emerġenza u l-effikaċja tal-***miżuri*** implimentati, inkluż valutazzjoni tal-impatt ekonomiku tal-emerġenza, l-impatt fuq is-settur tal-elettriku u l-assistenza pprovduta lill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jew riċevuta minnhom. Tali valutazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-***GCG*** u għandha tiġi riflessa fl-aġġornamenti tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza.

Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-valutazzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti u għandha tinforma lill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew u lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass bir-riżultati tal-analiżi tagħha f'forma aggregata.

4. F'ċirkostanzi debitament ġustifikati, irrispettivament minn dikjarazzjoni ta' emerġenza, l-awtorità kompetenti ***tal-Istat Membru l-aktar affettwat*** tista' tirrikjedi li l-impriżi tal-gass ***naturali*** jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jew l-informazzjoni addizzjonali neċessarja sabiex tkun tista' tivvaluta s-sitwazzjoni ġenerali tal-provvista tal-gass fl-Istat Membru jew fi Stati Membri oħrajn, inkluża l-informazzjoni kuntrattwali***, għajr l-informazzjoni dwar il-prezz***. Il-Kummissjoni tista' titlob mill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni pprovduta mill-impriżi tal-gass naturali ***taħt dan il-paragrafu, dment li l-istess informazzjoni ma tkunx intbagħtet diġà lill-Kummissjoni***.

5. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li l-provvista tal-gass ***fl-***Unjoni jew ***f'parti mill-***Unjoni tkun ***f'riskju*** jew probabbilment tkun ***f'riskju li jista' jwassal għad-dikjarazzjoni ta' wieħed mil-livelli ta' kriżi msemmijin fl-Artikolu 11(1),*** hija tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti ***kkonċernati*** biex jiġbru u jippreżentaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni tal-provvista tal-gass ▌. Il-Kummissjoni ***għandha*** tikkondividi l-valutazzjoni tagħha mal-***GCG***.

6. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jivvalutaw is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-provvista f'livell nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni, ***kull impriża*** tal-gass naturali għandha tinnotifika:

(a) lill-***awtorità*** kompetenti kkonċernata, id-dettalji li ġejjin tal-kuntratti għal forniment tal-gass ***b'dimensjoni transkonfinali u*** tul ta' żmien ta' aktar minn ***sena li hija tkun ikkonkludiet biex takkwista l-gass***:

(i) it-tul ta' żmien tal-kuntratt;

(ii) il-volumi ***kuntrattati annwalment*** ▌;

(iii) il-volumi massimi ta' kuljum ikkuntrattati fil-każ ta' allert jew emerġenza;

(iv) il-punti ta' konsenja kkuntrattati;

(v) il-volumi ta' gass minimi ta' kuljum ***u*** ta' kull xahar ▌;

(vi) il-kondizzjonijiet għas-sospensjoni tal-konsenji ta' gass;

(*vii)* ***indikazzjoni jekk il-kuntratt individwalment jew b'mod kumulattiv mal-kuntratti tagħha mal-istess fornitur jew l-affiljati tiegħu huwiex ekwivalenti jew jaqbiżx il-limitu ta' 28% kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 6 fl-Istat Membru l-aktar affettwat.***

(b) lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-aktar affettwat immedjatament wara l-konklużjoni jew il-modifika tal-kuntratti għal forniment tal-gass tagħha li jkunu itwal minn sena konklużi jew modifikati fi jew wara … [ĠU, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] li individwalment jew b'mod kumulattiv ma' kuntratti tagħha mal-istess fornitur jew l-affiljati tiegħu jkunu ekwivalenti għal 28% jew aktar tal-konsum tal-gass naturali fis-sena ▌ f'dak l-Istat Membru li għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-aktar data reċenti disponibbli. ***Barra minn hekk, sa ... [ĠU, jekk jogħġbok daħħal id-data: 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-impriżi tal-gass naturali għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti bil-kuntratti eżistenti kollha li jissodisfaw l-istess kondizzjonijiet.***. L-obbligu ta' notifika ***ma għandux ikopri informazzjoni dwar il-prezz u*** ma għandux japplika għall-modifiki relatati biss mal-prezz tal-gass. L-obbligu ta' notifika għandu japplika wkoll għall-ftehimiet kummerċjali kollha li huma rilevanti għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt għal forniment tal-gass ***esklużа l-informazzjoni dwar il-prezz***.

L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika d-data elenkata fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni ***f'forma anonimizzata. F'każ li jkunu qed jiġu konklużi kuntratti ġodda jew ikunu qed isiru bidliet f'kuntratti eżistenti, is-sett kollu tad-data għandu jiġi nnotifikat*** sal-aħħar ta' Settembru ***tas-sena rilevanti***. ***Fejn l-awtorità kompetenti jkollha dubji dwar jekk kuntratt partikolari miksub taħt il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu jqegħidx is-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' Stat Membru jew reġjun f'riskju, hija għandha tinnotifika l-kuntratt lill-Kummissjoni***.

7. F'***ċirkostanzi*** debitament iġġustifikati ***mill-ħtieġa li tiġi ggarantita t-trasparenza ta' kuntratti*** għal forniment ***tal-gass prinċipali rilevanti għas-sigurtà tal-provvista tal-gass, u*** fejn l-awtorità kompetenti ***tal-Istat Membru l-aktar affettwat*** jew il-Kummissjoni tikkunsidra li kuntratt għal forniment tal-gass ***jista' jipperikola*** s-sigurtà tal-provvista ***tal-gass*** ta' Stat Membru, ta' reġjun jew tal-Unjoni, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ▌ jew il-Kummissjoni tista' titlob lill-impriża tal-gass naturali biex tipprovdi l-kuntratt***, eskluża l-informazzjoni dwar il-prezz,*** għall-valutazzjoni tal-impatt tiegħu fuq is-sigurtà tal-provvista ***tal-gass***. It-talba ***għandha tkun raġunata u*** tista' tkopri wkoll ***dettalji ta'*** kwalunkwe ftehim kummerċjali ieħor li huwa rilevanti għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt għal forniment tal-gass ***eskluża l-informazzjoni dwar il-prezz. Din il-ġustifikazzjoni għandha tinkludi l-proporzjonalità tal-piż amministrattiv involut.***

***8.*** ***L-awtoritajiet kompetenti li jirċievu informazzjoni abbażi tal-punt (b) tal-paragrafu 6 jew il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu għandhom jivvalutaw l-informazzjoni li jirċievu għall-finijiet tas-sigurtà tal-provvista tal-gass fi żmien tliet xhur u għandhom jippreżentaw ir-riżultati tal-valutazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni.***

9. L-awtorità kompetenti għandha tieħu inkonsiderazzjoni l-informazzjoni li tirċievi skont dan l-Artikolu fit-tħejjija tal-valutazzjoni tar-riskju, il-pjan ta' azzjoni preventiva u l-pjan ta' emerġenza jew l-aġġornamenti rispettivi tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tadotta ***opinjoni li tipproponi lill-***awtorità kompetenti biex temenda l-***valutazzjonijiet tar-riskju jew*** il-pjanijiet abbażi tal-informazzjoni riċevuta skont dan l-***Artikolu. L-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tagħmel rieżami tal-valutazzjoni tar-riskju u l-pjanijiet ikkonċernati mit-talba skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 8(9).***

*10.* *Sa... [ĠU, jekk jogħġbok daħħal id-data:18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur minn impriżi tal-gass naturali tal-paragrafi 6 jew 7 ta' dan l-Artikolu, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.*

11. *Għall-fini ta' dan l-Artikolu, "l-Istat Membru l-aktar affettwat" għandha tfisser Stat Membru fejn parti kontraenti ta' kuntratt partikolari jkollha l-biċċa l-kbira tal-bejgħ tal-gass jew tal-klijenti tagħha.*

*12.* *Il-kuntratti jew l-informazzjoni kuntrattwali kollha riċevuti abbażi tal-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll il-valutazzjonijiet rispettivi mill-awtoritajiet kompetenti jew il-Kummissjoni għandhom jibqgħu kunfidenzjali. L-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità sħiħa.*

*Artikolu 15*

***Segretezza Professjonali***

***1. Kwalunkwe informazzjoni kummerċjalment sensittiva riċevuta, skambjata jew mibgħuta skont l-Artikolu 14(4), (5), (6), (7) u (8) u l-Artikolu 18 eskluż ir-riżultati tal-valutazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(3) u (5) għandha tkun kunfidenzjali u soġġetta għall-kondizzjonijiet tas-segretezza professjonali stabbilita f'dan l-Artikolu.***

***2. L-obbligu tas-segretezza professjonali għandu japplika għall-persuni li ġejjin, li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali f'konformità ma' dan ir-Regolament:***

***(a) persuni li jaħdmu jew li kienu jaħdmu mal-Kummissjoni;***

***(b) awdituri u esperti mogħtija struzzjonijiet mill-Kummissjoni;***

***(c) persuni li jaħdmu jew li kienu jaħdmu mal-awtoritajiet kompetenti u mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn;***

***(d) awdituri u esperti mogħtija struzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti u mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew minn awtoritajiet rilevanti oħrajn.***

3. *Mingħajr preġudizzju għal każijiet koperti mil-liġi kriminali, għad-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' dan ir-Regolament jew għal liġi rilevanti oħra tal-Unjoni, l-informazzjoni kunfidenzjali li jirċievu l-persuni msemmija fil-paragrafu 2 matul il-qadi ta' dmirijiethom ma tista' tiġi żvelata lill-ebda persuna jew awtorità oħra, ħlief f'forma mqassra jew aggregata b'tali mod li parteċipant individwali fis-suq jew suq individwali ma jkunx jista' jiġi identifikat.*

4. *Mingħajr preġudizzju għall-każijiet koperti mil-liġi kriminali, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, il-korpi jew il-persuni li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali skont dan ir-Regolament jistgħu jużaw l-informazzjoni kunfidenzjali biss fil-qadi ta' dmirijiethom u għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Awtoritajiet, korpi, jew persuni oħrajn jistgħu jużaw dik l-informazzjoni għall-fini li għalih kienet ipprovduta lilhom jew fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji speċifikament relatati mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.*

Artikolu 16

Kooperazzjoni mal-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija

1. ***Fejn l-Istati Membri u l-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija jikkooperaw fil-proċess tal-istabbiliment tal-valutazzjonijiet tar-riskju u tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza, tali kooperazzjoni tista' tinkludi, b'mod partikolari, l-identifikazzjoni tal-interazzjoni u l-korrelazzjoni tar-riskji u l-konsultazzjonijiet bl-għan li tiġi żgurata l-konsistenza tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza tul il-fruntiera kollha.***

2. F'dak ir-rigward, il-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija jistgħu jipparteċipaw fil-GCG fuq stedina mill-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet kollha ta' interess komuni.

Artikolu 17

Monitoraġġ mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ kontinwu ta’ miżuri għas-sigurtà tal-provvista tal-gass u għandha tirrapporta b'mod regolari lill-***GCG***.

Il-Kummissjoni, abbażi tal-valutazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 8(7) għandha tasal***, sal-1 ta' Settembru 2023,*** għall-konklużjonijiet rigward il-mezzi possibbli biex iżżid is-sigurtà tal-provvista tal-***gass*** fil-livell tal-Unjoni u għandha ***tippreżenta*** rapport lill-Parlament Ewropew u ***lill-***Kunsill dwar l-***applikazzjoni*** ta' dan ir-Regolament, inkluż, fejn adatt, ***il-proposti leġislattivi biex jiġi emendat*** dan ir-Regolament.

Artikolu 18

Notifiki

Il-valutazzjoni tar-riskju, il-pjanijiet ta' azzjoni preventiva, il-pjanijiet ta' emerġenza u d-dokumenti l-oħrajn kollha għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni b'mod elettroniku permezz tal-pjattaforma CIRCABC.

Il-korrispondenza kollha b'rabta ma' notifika għandha tintbagħat b'mod elettroniku.

Artikolu 19

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati ***hija mogħtija*** lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu ***3(8), fl-Artikolu*** 7(5) u fl-Artikolu 8(5) ***hija mogħtija*** lill-Kummissjoni għal perijodu ta’ ħames snin minn ***... [ĠU,*** jekk jogħġbok daħħal ***id-***data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat sa mhux aktar tard minn disa’ xhur qabel tmiem l-perijodu ta’ ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi tal-istess tul ta' żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.***

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu ***3(8),*** l-Artikolu 7(5) u l-Artikolu 8(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar 'il quddiem speċifikata fiha. Hija ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

***4. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.***

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat li jkun ġie adottat skont l-***Artikolu 3(8),*** l-Artikolu 7(5) u l-Artikolu 8(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 20

Deroga

***1.*** Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal Malta u Ċipru dment li ma jiġi pprovdut l-ebda gass fit-territorji rispettivi tagħhom. Għal Malta u Ċipru, l-obbligi stabbiliti, u l-għażliet li dawk l-Istati Membri huma intitolati li jagħmlu, skont id-dispożizzjonijiet segwenti għandhom jitwettqu u jsiru fiż-żmien speċifikat ***ikkalkulat mid-***data meta l-gass ikun ipprovdut għall-ewwel darba fit-territorji rispettivi tagħhom:

(a) għall-punt 5 tal-Artikolu 2, l-Artikolu 3(2), l-Artikolu 7(5) u l-punt (a) tal-Artikolu 14(6): 12-il xahar;

(b) għall-Artikolu 6(1): 18 xahar;

(c) għall-Artikolu 8(7): 24 xahar;

(d) għall-Artikolu 5(4): 36 xahar;

(e) għall-Artikolu 5(1): 48 xahar.

***Sabiex jonoraw l-obbligu msemmi fl-Artikolu 5(1), Malta u Ċipru jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(2), inkluż billi jużaw miżuri fin-naħa tad-domanda u mhux ibbażati fuq is-suq.***

***2. Obbligi relatati mal-ħidma tal-gruppi ta' riskju stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 fir-rigward tal-gruppi ta' riskju tal-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran għandhom jibdew japplikaw mid-data meta l-infrastruttura/pipeline prinċipali jibda jitħaddem bi prova.***

***3. Dment li l-Iżvezja jkollha aċċess għall-gass permezz ta' interkonnessjonijiet esklużivament mid-Danimarka bħala l-uniku sors ta' gass tagħha u l-uniku fornitur possibbli ta' solidarjetà tagħha, id-Danimarka u l-Iżvezja għandhom ikunu eżentati mill-obbligu msemmi fl-Artikolu 13(10) li jikkonkludu arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji għall-fini li l-Iżvezja tipprovdi solidarjetà lid-Danimarka. Dan ma għandux jaffettwa l-obbligu li d-Danimarka tipprovdi solidarjetà u li tikkonkludi l-arranġamenti tekniċi, legali u finanzjarji meħtieġa għal dak l-għan skont l-Artikolu 13.***

Artikolu 21

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IX.

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fir-raba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

***Huwa għandu japplika minn ... [ĠU, daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

***Madankollu, l-Artikolu 13(1) sa (6), l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 13(8), u l-Artikolu 13(14) u (15) għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2018.***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ▌,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

ANNESS I

Kooperazzjoni reġjonali

Il-***gruppi ta' riskju tal-Istati Membri li jservu bħala l-bażi għall-kooperazzjoni assoċjata mar-riskju*** msemmija fl-Artikolu 3(7) huma dawn li ġejjin:

***1. Gruppi ta' riskju tal-provvista tal-gass tal-Lvant:***

(a) ***L-Ukrajna: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja;***

(b) ***Il-Belarussja: il-Belġju, ir-Repubblika Ċekail-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovakkja;***

(c) ***Il-Baħar Baltiku: il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, is-Slovakkja, l-Iżvezja;***

(d) ***Il-Grigal***: l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Finlandja;

(e) ***Trans-Balkani: il-Bulgarija, il-Greċja, ir-Rumanija.***

*2. Gruppi ta' riskju tal-provvista tal-gass tal-Baħar tat-Tramuntana:*

*(a) in-Norveġja: il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, l-Iżvezja, ir-Renju Unit;*

*(b) Gass klorifiku baxx: il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, in-Netherlands;*

*(c) id-Danimarka: id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Iżvezja;*

*(d) ir-Renju Unit: il-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands, ir-Renju Unit.*

*3. Gruppi ta' riskju tal-provvista tal-gass tal-Afrika ta' Fuq:*

*(a) l-Alġerija: il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Malta, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja;*

*(b) il-Libja: il-Kroazja, l-Italja, Malta, l-Awstrija, is-Slovenja.*

*4. Gruppi ta' riskju tal-provvista tal-gass tax-Xlokk:*

*(a) Il-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar - Kaspju: il-Bulgarija, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja;*

*(b) Il-Lvant tal-Mediterran: il-Greċja, l-Italja, Ċipru, Malta.*

ANNESS II

Kalkolu tal-formula N - 1

1. Definizzjoni tal-formula N - 1

Il-formula N – 1 tiddeskrivi l-ħila tal-kapaċità teknika tal-infrastruttura tal-gass li tissodisfa d-domanda totali ta' gass fiż-żona kkalkolata f'każ ta' interruzzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass matul ġurnata ta' domanda eċċezzjonalment għolja ta' gass li għandha probabbiltà statistika li sseħħ darba kull 20 sena.

L-infrastruttura tal-gass għandha tkopri n-netwerk tat-trasmissjoni tal-gass inklużi l-interkonnessjonijiet, kif ukoll il-faċilitajiet ta' produzzjoni, LNG u ħżin konnessi maż-żona kkalkolata.

Il-kapaċità teknika tal-kumplament tal-infrastruttura tal-gass kollha disponibbli f'każ ta' interruzzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass trid għandha tal-inqas daqs it-total tad-domanda ta' gass ta' kuljum taż-żona kkalkolata waqt ġurnata ta' domanda eċċezzjonalment għolja ta' gass li għandha probabbiltà statistika li sseħħ darba kull 20 sena.

Ir-riżultati tal-formula N – 1, kif ikkalkolati hawn taħt, għandhom tal-inqas ikunu ugwali għal 100 %.

2. Metodu ta' kalkolu tal-formula N - 1

$$N - 1\,[\%] = \frac{EP_m + P_m + S_m + LNG_m - I_m}{D_{max}} \times 100 \quad , N - 1 \geq 100\ \%$$

Il-parametri użati għall-kalkolu għandhom ikunu deskritti u ġustifikati b'mod ċar.

Għall-kalkolu tal-$EP_m$, għandha tiġi pprovduta lista dettaljata tal-punti ta' dħul u l-kapaċità individwali tagħhom.

3. Definizzjonijiet tal-parametri tal-formula N – 1

"Żona kkalkolata" tfisser żona ġeografika li għaliha hija kkalkolata l-formula N – 1, kif iddeterminat mill-awtorità kompetenti.

Definizzjoni fin-naħa tad-domanda

"$D_{max}$" tfisser it-total tad-domanda ta' gass ta' kuljum (f'mcm/d) taż-żona kkalkolata waqt ġurnata ta' domanda eċċezzjonalment għolja ta' gass li għandha probabbiltà statistika li sseħħ darba kull 20 sena.

Definizzjonijiet tan-naħa tal-provvista

"$EP_m$": kapaċità teknika ta' punti ta' dħul (f'mcm/d), minbarra l-faċilitajiet ta' produzzjoni, LNG u ħżin koperti b'$P_m$, $LNG_m$ u $S_m$, tfisser it-total tal-kapaċità teknika tal-punti kollha ta' dħul tal-fruntiera li huma kapaċi jipprovdu gass liż-żona kkalkolata.

"$P_m$": kapaċità massimali tal-produzzjoni teknika (f'mcm/d) tfisser it-total tal-kapaċità massimali tal-produzzjoni teknika ta' kuljum tal-faċilitajiet kollha tal-produzzjoni tal-gass li jista' jitwassal sal-punti ta' dħul fiż-żona kkalkolata.

"$S_m$": kapaċità teknika massimali ta' twassil ta' ħżin (f'mcm/d) tfisser it-total tal-kapaċità massimali tal-irtirar tekniku ta' kuljum tal-faċilitajiet kollha ta' ħżin li tista' titwassal lejn il-punti ta' dħul taż-żona kkalkolata, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi fiżiċi rispettivi tagħhom.

"$LNG_m$": kapaċità massimali tal-faċilità teknika tal-LNG (f'mcm/d) tfisser it-total tal-kapaċitajiet tekniċi massimali tal-bgħit ta' kuljum mill-faċilitajiet kollha tal-LNG fiż-żona kkalkolata, filwaqt li jitqiesu l-elementi kritiċi bħall-ħatt, is-servizzi anċillari, il-ħżin temporanju u r-rigassifikazzjoni tal-LNG kif ukoll kapaċità ta' bgħit teknika lejn is-sistema.

"$I_m$" tfisser il-kapaċità teknika tal-akbar infrastruttura unika tal-gass (f'mcm/d) bl-ogħla kapaċità li tipprovdi liż-żona kkalkolata. Meta diversi infrastrutturi tal-gass ikunu konnessi ma' infrastruttura tal-gass komuni upstream jew downstream u ma jistgħux jitħaddmu separatament, dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala infrastruttura unika tal-gass.

4. Kalkolu tal-formula N – 1 bl-użu tal-miżuri fin-naħa tad-domanda

$$N - 1\,[\%] = \frac{EP_m + P_m + S_m + LNG_m - I_m}{D_{max} - D_{eff}} \times 100$$

, $N - 1 \geq 100\ \%$

Definizzjoni fin-naħa tad-domanda

"$D_{eff}$" tfisser il-parti (f'mcm/d) ta' $D_{max}$ li f'każ ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass tista' tiġi koperta biżżejjed u fil-ħin b'miżuri fin-naħa tad-domanda u bbażati fuq is-suq f'konformità mal-***punt (c) tal-***Artikolu 9(1) ▌ u l-Artikolu 5(2).

5. Kalkolu tal-formula N – 1 f'livell reġjonali

Iż-żona kkalkolata msemmija fil-punt 3 għandha tiġi estiża għal-livell reġjonali adatt***, fejn ikun applikabbli, kif determinat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati. Il-kalkolu jista' jiġi estiż ukoll għal-livell reġjonali tal-grupp ta' riskju, jekk dan jintlaħaq qbil dwaru mal-awtoritajiet kompetenti tal-grupp ta' riskju***. Għall-kalkolu tal-formula N – 1 f'livell reġjonali, għandha tintuża l-akbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni. L-akbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni għal reġjun għandha tkun l-ikbar infrastruttura tal-gass fir-reġjun li direttament jew indirettament tikkontribwixxi għall-provvista tal-gass tal-Istati Membri ta' dak ir-reġjun u għandha tiġi ddefinita fil-valutazzjoni tar-riskju.

Il-kalkolu tal-formula N – 1 fil-livell reġjonali jista' jissostitwixxi l-kalkolu tal-formula N – 1 fil-livell nazzjonali biss fejn l-akbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni hija ta' importanza kbira għall-provvista tal-gass għall-Istati Membri kollha kkonċernati skont il-valutazzjoni tar-riskju ***komuni***.

***Fil-livell tal-grupp ta' riskju, għall-***kalkoli msemmija fl-Artikolu 7(***4***), għandha tintuża l-akbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni għall-***gruppi ta' riskju*** kif elenkata fl-Anness I.

ANNESS III

Kapaċità bidirezzjonali permanenti

***1.*** ***Għall-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness, l-awtorità regolatorja nazzjonali tista' taġixxi bħala l-awtorità kompetenti jekk l-Istat Membru jiddeċiedi hekk.***

2. Sabiex issir operattiva jew tittejjeb il-kapaċità bidirezzjonali fuq interkonnessjoni jew sabiex tinkiseb jew tiġi estiża eżenzjoni minn dak l-obbligu, l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni fuq iż-żewġ naħat tal-***interkonnessjoni*** għandhom jippreżentaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom ("l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati") u ***lill-awtoritajiet regolatorji tagħhom ("l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati")*** wara konsultazzjoni mal-operaturi kollha tas-sistema ta' trasmissjoni ***potenzjalment ikkonċernati***:

(a) proposta ***sabiex issir operattiva kapaċità fiżika permanenti biex jiġi ttrasportat il-gass fiż-żewġ direzzjonijiet*** għal kapaċità bidirezzjonali permanenti li tikkonċerna d-direzzjoni opposta ("kapaċità fiżika ta' fluss fid-direzzjoni opposta"); jew

(b) talba għal eżenzjoni mill-obbligu li ssir operattiva kapaċità bidirezzjonali.

***L-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom jagħmlu ħilithom biex jippreżentaw proposta konġunta jew talba għal eżenzjoni. Fil-każ ta' proposta biex ssir operattiva kapaċità bidirezzjonali, l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni jistgħu jagħmlu proposta motivata għal allokazzjoni transkonfinali tal-ispejjeż.*** Tali preżentazzjoni għandha ssir sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2018 għall-***interkonnessjonijiet*** kollha li jkunu jeżistu fi...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u wara li titlesta l-fażi tal-istudju tal-fattibbiltà iżda qabel ***il-***bidu tal-fażi tad-disinn tekniku dettaljat għal interkonne***ssjonijiet*** ġodda.

▌

3. Malli jirċievu l-proposta jew it-talba għal eżenzjoni, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jikkonsultaw mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti u, fejn dawn ma jkunux l-awtoritajiet kompetenti, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, ***tal-Istat Membru li jista', skont il-valutazzjoni tar-riskju, jibbenefika mill-kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta,*** l-Aġenzija u l-Kummissjoni dwar il-proposta jew it-talba għal eżenzjoni. L-awtoritajiet ikkonsultati jistgħu jagħtu opinjoni fi żmien erba' xhur minn meta jirċievu t-talba għall-konsultazzjoni.

4. ***Fi żmien sitt xhur minn meta jirċievu l-proposta konġunta, skont l-Artikolu 5(6) u (7) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati għandhom jieħdu deċiżjonijiet koordinati, wara li jikkonsultaw l-promoturi tal-proġetti kkonċernati, dwar l-allokazzjoni transkonfinali tal-ispejjeż ta' investiment li għandhom jiġġarrbu minn kull operatur tas-sistema ta' trasmissjoni tal-proġett. Fejn l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati ma jkunux laħqu ftehim sa dik l-iskadenza, huma għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati mingħajr dewmien.***

5. ***L-***awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju, l-informazzjoni elenkata fl-***Artikolu 5(5) ta' dan ir-Regolament***, l-opinjonijiet li jirċievu wara l-konsultazzjoni skont il-punt 3 ***ta' dan l-Anness*** u b'kunsiderazzjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u l-kontribut għas-suq intern tal-gass, jieħdu deċiżjoni ***koordinata***. ***Dik id-deċiżjoni koordinata għandha tittieħed fi żmien xahrejn. Il-perijodu ta' xahrejn għandu jibda wara l-perijodu ta' erba' xhur allokat għall-opinjonijiet imsemmija fil-punt 3, sakemm l-opinjonijiet kollha ma jkunux ġew riċevuti qabel, jew wara l-perijodu ta' sitt xhur imsemmi fil-punt 4 għall-awtoritajiet regolatorji kkonċernati biex jadottaw deċiżjoni koordinata. Id-deċiżjoni koordinata għandha***:

   (a) ▌taċċetta l-proposta għal kapaċità ***bidirezzjonali. Tali*** deċiżjoni għandu jkun fiha analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji▌, skeda taż-żmien għall-implimentazzjoni u l-arranġamenti għall-użu sussegwenti tagħha ***u għandha tkun akkumpanjata mid-deċiżjoni koordinata dwar l-allokazzjoni transkonfinali tal-ispejjeż imsemmija fil-punt 4 u għandha titħejja mill-awtoritajiet regolatorji kkonċernati;***

(b) ▌ tagħti jew testendi eżenzjoni temporanja għal perijodu massimu ta' erba' snin jekk l-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji inkluża fid-deċiżjoni turi li l-kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta ma żżid is-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-ebda Stat Membru ***rilevanti*** ▌ jew jekk l-ispejjeż ta' investiment jaqbżu b'mod sinifikanti l-benefiċċji prospettivi għas-sigurtà tal-provvista tal-gass; ***jew***

(c) ▌ tirrikjedi lill-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni jemendaw u jippreżentaw mill-ġdid il-proposta jew it-talba għal eżenzjoni tagħhom ***f'perijodu massimu ta' erba' xhur***.

***6.*** L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jippreżentaw mingħajr dewmien id-deċiżjoni ***koordinata*** lill-awtoritajiet kompetenti ***u lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li jkunu taw opinjoni f'konformità mal-punt 3, lill-awtoritajiet regolatorji kkonċernati,*** lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni u jinkludu l-opinjonijiet li jkunu rċevew wara l-konsultazzjoni skont il-punt 3.

***7.*** Fi żmien xahrejn minn meta jirċievu d-deċiżjoni ***koordinata***, l-awtoritajiet kompetenti ***msemmijin fil-punt 6*** jistgħu jippreżentaw l-oġġezzjonijiet tagħhom għad-deċiżjoni ***koordinata*** u jippreżentawhom lill-awtoritajiet kompetenti ***kkonċernati*** li jadottawhom, lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni. L-oġġezzjonijiet għandhom ikunu limitati għal fatti u valutazzjoni, b'mod partikolari allokazzjoni transkonfinali tal-ispejjeż li ma kinitx soġġetta għal konsultazzjoni skont il-punt 3.

***8.*** Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi d-deċiżjoni ***koordinata*** skont il-punt 6, l-Aġenzija għandha tagħti opinjoni dwar ***l-***elementi tad-deċiżjoni ***koordinata*** filwaqt li tieħu inkonsiderazzjoni kwalunkwe oġġezzjoni possibbli u tippreżenta l-opinjoni lill-awtoritajiet kompetenti ***kkonċernati kollha u lill-awtoritajiet kompetenti msemmijin fil-punt 6*** u lill-Kummissjoni.

9. Fi żmien erba' xhur minn meta tirċievi l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija skont il-punt 8, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li titlob modifiki għad-deċiżjoni ***koordinata***. ***Kwalunkwe tali deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tittieħed abbażi tal-kriterji stipulati fil-punt 5, ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet ikkonċernati u l-opinjoni tal-Aġenzija. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jikkonformaw mat-talba tal-Kummissjoni billi jemendaw id-deċiżjoni tagħhom fi żmien erba' ġimgħat.***

***Fil-każ li l-Kummissjoni ma taġixxix fil-perijodu ta' erba' xhur imsemmi hawn fuq, għandu jitqies li hija ma qajmet l-ebda oġġezzjoni għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.***

***10.*** Jekk l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati ma jkunx jistgħu jadottaw deċiżjoni ***koordinata*** sal-iskadenza stabbilita fil-punt 5 ***jew jekk l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati ma jkunux jistgħu jilħqu qbil dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż sal-iskadenza*** stabbilita ***fil-punt 4***, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni ***mhux aktar tard*** mill-jum ta' wara l-iskadenza. Fi żmien ***erba'*** xhur minn meta tirċievi dik l-informazzjoni, il-***Kummissjoni, wara konsultazzjoni possibbli mal-***Aġenzija***,*** għandha tadotta ***deċiżjoni*** li tkopri l-elementi kollha ta' deċiżjoni ***koordinata*** elenkati fil-punt 5 ***bl-eċċezzjoni ta' allokazzjoni transkonfinali tal-ispejjeż*** u għandha tippreżenta dik id-***deċiżjoni*** lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati u lill-***Aġenzija.***

*11.* ***Jekk id-deċiżjoni tal-Kummissjoni skont il-punt 10 ta' dan l-Anness tirrikjedi kapaċità bidirezzjonali, l-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni li tkopri l-allokazzjoni transkonfinali tal-ispejjeż f'konformità mal-Artikolu 5(7) ta' dan ir-Regolament fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Qabel tieħu tali deċiżjoni, l-Aġenzija għandha tikkonsulta mal-awtoritajiet regolatorji kkonċernati u mal-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni. Il-perijodu ta' tliet xhur jista' jiġi estiż b'perijodu addizzjonali ta' xahrejn fejn l-Aġenzija jkollha titlob informazzjoni addizzjonali. Il-perijodu addizzjonali għandu jibda fil-jum wara r-riċezzjoni tal-informazzjoni kompluta.***

*12.* Il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni għandhom iżommu l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

*13.* L-***eżenzjonijiet*** mill-obbligu li ssir operattiva kapaċità bidirezzjonali mogħtija taħt ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 għandhom jibqgħu validi▌ sakemm ***il-Kummissjoni jew l-Istat Membru kkonċernat l-ieħor ma jitlobx reviżjoni jew*** sakemm ma jiskadix il-perijodu ta' żmien tagħhom ▌.

ANNESS IV

Mudell għall-valutazzjoni tar-riskju ***komuni***

Il-mudell li ġej għandu jimtela ***b'lingwa miftiehma fil-grupp ta' riskju***.

INFORMAZZJONI ĠENERALI

– L-Istati Membri fil-***grupp ta' riskju***

– L-isem tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli mit-tħejjija ▌ tal-valutazzjoni tar-riskju[20]

1. DESKRIZZJONI TAS-SISTEMA

1.1. ***Agħti*** deskrizzjoni qasira ▌ tas-sistema tal-gass tal-***grupp ta' riskju***, li tkopri:

(a) iċ-ċifri ewlenin tal-konsum tal-gass[21]: il-konsum finali annwali tal-gass (bcm) u t-tqassim skont it-tip ta' klijenti[22], l-ogħla domanda (total u tqassim skont il-kategorija ta' klijenti f'mcm/d).

[20] Fejn dan il-kompitu jkun ġie ddelegat minn xi awtorità kompetenti,▌ indika l-isem tal-korp jew korpi responsabbli mit-tħejjija ta' din il-valutazzjoni tar-riskju għan-nom tagħha.

[21] Għall-ewwel valutazzjoni, inkludi data mill-aħħar sentejn. Għall-aġġornamenti, inkludi data mill-aħħar erba' snin.

[22] Inklużi klijenti industrijali, ġenerazzjoni tal-elettriku, tisħin distrettwali, residenzjali u servizzi u oħrajn (jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' klijenti inklużi hawn). Indika wkoll il-volum tal-konsum tal-klijenti protetti.

(b) deskrizzjoni tal-funzjonament tas-sistema tal-gass fil-***grupp ta' riskju***: il-flussi ewlenin (dħul/ħruġ/transitu), il-kapaċità tal-punti ta' dħul/ħruġ tal-infrastruttura lejn u barra mir-reġjun u għal kull Stat Membru, inkluż ir-rata ta' użu, il-faċilitajiet tal-LNG (il-kapaċità massimali ta' kuljum, ir-rata ta' użu u r-reġim ta' aċċess), eċċ. ▌

(c) ***tqassim***, sa fejn ***possibbli,*** tas-sorsi ta' importazzjoni ta' gass skont il-pajjiż ta' oriġini[23].

(d) deskrizzjoni tar-rwol tal-faċilitajiet ta' ħżin rilevanti għall-***grupp ta' riskju***, inkluż aċċess transkonfinali:

(i) il-kapaċità ta' ħżin (gass totali u gass attiv) meta mqabbla mad-domanda fl-istaġun tat-tisħin;

(ii) il-kapaċità massimali tal-irtirar ta' kuljum f'livelli differenti ta' mili (idealment fil-livell ta' ħażniet sħaħ u l-livell tal-aħħar tal-istaġun).

---

23 Iddeskrivi l-metodoloġija applikata.

(e) deskrizzjoni tar-rwol ta' produzzjoni domestika fil-***grupp ta' riskju***:

(i) il-v***olum*** tal-produzzjoni fir-rigward tal-konsum finali annwali tal-gass;

(ii) il-kapaċità massimali ta' produzzjoni ta' kuljum.

(f) deskrizzjoni tar-rwol tal-gass fil-produzzjoni tal-elettriku (eż. importanza, rwol bħala riżerva għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli), inkluż il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mill-ħruq tal-gass (total (MWe) u bħala perċentwal tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku totali) u koġenerazzjoni (total (MWe) u bħala perċentwal tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku totali).

2. STANDARD TAL-INFRASTRUTTURA (ARTIKOLU 5)

***Iddeskrivi l-kalkoli tal-formula jew formuli N – 1 f'livell reġjonali għall-grupp ta' riskju, jekk ikun hemm qbil dwar dan mal-awtoritajiet kompetenti tal-grupp ta' riskju,*** u l-kapaċitajiet bidirezzjonali eżistenti, kif ġej:

(a) Formula N – 1

(i) l-identifikazzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni għall-***grupp ta' riskju;***

(ii) il-kalkolu tal-formula N – 1 f'livell reġjonali;

(iii) deskrizzjoni tal-valuri użati għall-elementi kollha fil-formula N – 1, inklużi ċifri intermedji użati għall-kalkolu (eż. għal $EP_m$ indika l-kapaċità għall-punti ta' dħul kollha kkunsidrati taħt dan il-parametru);

(iv) indikazzjoni tal-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet użati, jekk ikun il-każ, għall-kalkolu tal-parametri fil-formula N – 1 (eż. $D_{max}$) (uża annessi għal spjegazzjonijiet dettaljati).

(b) Kapaċità bidirezzjonali

(i) Indika l-punti ta' interkonnessjoni mgħammra bil-kapaċità bidirezzjonali u l-kapaċità massimali ta' flussi bidirezzjonali;

(ii) Indika l-arranġamenti li jirregolaw l-użu tal-kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta (eż. kapaċità interrompibbli);

(iii) Indika l-punti ta' interkonnessjoni fejn tkun ingħatat eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(4), it-tul tal-eżenzjoni u r-raġunijiet li għaliha ngħatat.

## 3. IDENTIFIKAZZJONI TAR-RISKJI

Iddeskrivi ***l-akbar riskju transnazzjonali li għalih inħoloq il-grupp kif ukoll il-fatturi ta' riskju f'diversi okkażjonijiet*** li jistgħu ***jwasslu sabiex jimmaterjalizza ruħu dak ir-riskju***, il-probabbiltà li jseħħu l-konsegwenzi tagħhom.

Lista mhux eżawrjenti tal-***fatturi ta' riskju li għandhom jiġu inklużi fil-valutazzjoni jekk applikabbli biss skont l-awtorità kompetenti rilevanti***:

(a) Politiku

– interruzzjoni tal-provvista tal-gass minn pajjiżi terzi minħabba raġunijiet differenti,

– inkwiet politiku (jew fil-pajjiż ta' oriġini jew fil-pajjiż ta' transitu),

– gwerra / gwerra ċivili (jew fil-pajjiż ta' oriġini jew fil-pajjiż ta' transitu),

– terroriżmu.

(b) Teknoloġiku

– splużjoni/nirien,

– nirien (interni f'faċilità partikolari),

– tnixxijiet,

– nuqqas ta' manutenzjoni adegwata,

– ħsara fit-tagħmir (ma jistax jinxtegħel, ħsara meta jkun qiegħed jitħaddem, eċċ.),

– nuqqas ta' elettriku (jew sors ta' enerġija ieħor),

– ħsara fl-ICT (ħsara fil-hardware jew fis-software, l-internet, problemi SCADA, eċċ.),

– attakk ċibernetiku,

– impatt minħabba xogħol tal-iskavar (tħaffir, ġbir f'munzell), xogħlijiet tal-art, eċċ..

(c) Kummerċjali / suq / finanzjarju

– ftehim ma' fornituri minn pajjiżi terzi,

– tilwim kummerċjali,

– kontroll ta' infrastruttura rilevanti għas-sigurtà tal-provvista tal-gass minn entitajiet ta' pajjiżi terzi, li jista' jimplika, fost l-oħrajn, riskji ta' nuqqas ta' investiment, theddida għad-diversifikazzjoni jew nuqqas ta' ħarsien tad-dritt tal-Unjoni,

– volatilità tal-prezzijiet,

– sottoinvestiment,

– domanda għolja f'daqqa mhux mistennija,

– riskji oħrajn li jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' riżultati strutturali.

(d) soċjali

– strajks (f'setturi relatati differenti, bħas-settur tal-gass, tal-portijiet, tat-trasport, eċċ.);

– sabotaġġ,

– vandaliżmu,

– serq,

(e) naturali

– terremoti,

– uqigħ tal-art,

– għargħar (xita qawwija, xmara),

– maltempati (baħar),

– valangi,

– kundizzjonijiet ta' temp estremi,

– nirien (esterni għall-faċilità, bħal foresti fil-qrib, mergħat, eċċ.).

3.1. ***Analiżi***

(a) ***iddeskrivi l-akbar riskju transnazzjonali u kwalunkwe fattur*** ta' riskju rilevanti ieħor għall-***grupp ta' riskju***, inklużi l-probabbiltà u l-impatt tagħhom kif ukoll l-interazzjoni u l-korrelazzjoni tar-riskji fost l-Istati Membri, kif adatt;

(b) iddeskrivi l-kriterji użati biex tiddetermina jekk sistema hijiex esposta għal riskji kbar/inaċċettabbli;

(c) stabbilixxi lista ta' xenarji ta' riskji rilevanti skont is-sorsi ta' riskji u iddeskrivi kif saret l-għażla;

(d) indika l-limitu sa fejn ix-xenarji mħejjija mill-ENTSOG ġew ikkunsidrati.

4. ANALIŻI U VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

Analizza s-sett ta' xenarji ta' riskju rilevanti identifikati fil-punt 3. Fis-simulazzjoni tax-xenarji ta' riskju inkludi l-miżuri eżistenti għas-sigurtà tal-provvista, bħal, l-istandard tal-infrastruttura kkalkukat bl-użu tal-formula N - 1 kif stabbilita fil-punt 2 tal-Anness II, ***jekk ikun il-każ,*** u l-istandard tal-provvista tal-gass. Skont ix-xenarju ta' riskju:

(a) Iddeskrivi fid-dettall ix-xenarju ta' riskju, inklużi s-suppożizzjonijiet kollha u, jekk applikabbli, il-metodoloġiji sottostanti għall-kalkolu tagħhom;

(b) Iddeskrivi fid-dettall ir-riżultati tas-simulazzjoni li tkun saret, inkluża kwantifikazzjoni tal-impatt (eż. volumi ta' gass li ma tqassamx, l-impatt soċjoekonomiku, l-impatt fuq it-tisħin distrettwali, l-impatt fuq il-ġenerazzjoni tal-elettriku).

5. KONKLUŻJONIJIET

Iddeskrivi r-riżultati ewlenin tal-valutazzjoni tar-riskju ***komuni***, inkluża l-identifikazzjoni tax-xenarji tar-riskju li jeħtieġu iktar azzjoni.

*ANNESS V*

***Mudell għall-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali***

*INFORMAZZJONI ĠENERALI*

***–Isem tal-awtorità kompetenti responsabbli mit-tħejjija ta' din il-valutazzjoni tar-riskju[24].***

*1.* *DESKRIZZJONI TAS-SISTEMA*

***1.1. Agħti deskrizzjoni konsolidata li tiddeskrivi fil-qosor is-sistema tal-gass reġjonali għal kull grupp ta' riskju[25] li fih jipparteċipa Stat Membru, li tkopri:***

***(a) iċ-ċifri ewlenin tal-konsum tal-gass[26]: il-konsum finali annwali tal-gass (bcm u MWh) u t-tqassim skont it-tip ta' klijenti[27], l-ogħla domanda (total u tqassim skont il-kategorija ta' klijenti f'mcm/d);***

---

[24] ***Fejn dan il-kompitu ġie ddelegat mill-awtorità kompetenti, indika l-isem tal-korp*** jew korpi ***responsabbli mit-tħejjija ta' din il-valutazzjoni tar-riskju għan-nom tagħha.***

[25] ***Għall-finijiet tas-sempliċità, jekk ikun possibbli ippreżenta l-informazzjoni fl-ogħla livell tal-gruppi ta' riskju u għaqqad id-dettalji kif ikun meħtieġ.***

[26] ***Għall-ewwel valutazzjoni, inkludi data mill-aħħar sentejn. Għall-aġġornamenti, inkludi data mill-aħħar erba' snin.***

[27] ***Inklużi klijenti industrijali, ġenerazzjoni tal-elettriku, tisħin distrettwali, residenzjali u servizzi u oħrajn (speċifika t-tip ta' klijenti inklużi hawn). Indika wkoll il-volum tal-konsum tal-klijenti protetti.***

*(b)* ***deskrizzjoni tal-funzjonament tas-sistema jew sistemi tal-gass fil-grupp ta' riskju rilevanti: il-flussi ewlenin (dħul/ħruġ/transitu), il-kapaċità tal-punti ta' dħul/ħruġ tal-infrastruttura lejn u barra mir-reġjun jew reġjuni tal-gruppi ta' riskju u għal kull Stat Membru, inkluż ir-rata ta' użu, il-faċilitajiet tal-LNG (il-kapaċità massimali ta' kuljum, ir-rata ta' użu u r-reġim ta' aċċess), eċċ.;***

*(c)* ***tqassim, sa fejn possibbli, tal-perċentwali ta' sorsi ta' importazzjoni ta' gass skont il-pajjiż ta' oriġini[28];***

*(d)* ***deskrizzjoni tar-rwol tal-faċilitajiet ta' ħżin rilevanti għall-grupp ta' riskju, inkluż aċċess transkonfinali:***

*(i)* ***il-kapaċità ta' ħżin (gass totali u gass attiv) meta mqabbla mad-domanda fl-istaġun tat-tisħin;***

*(ii)* ***il-kapaċità massimali tal-irtirar ta' kuljum f'livelli differenti ta' mili (idealment bil-ħażniet sħaħ u bil-livelli tal-aħħar tal-istaġun);***

*(e)* ***deskrizzjoni tar-rwol ta' produzzjoni domestika fil-grupp jew gruppi ta' riskju:***

*(i)* ***il-volum tal-produzzjoni fir-rigward tal-konsum finali annwali tal-gass;***

*(ii)* ***il-kapaċità massimali ta' produzzjoni ta' kuljum u deskrizzjoni ta' kif din tista' tkopri l-konsum massimu ta' kuljum;***

---

[28] ***Iddeskrivi l-metodoloġija applikata.***

*(f)* *deskrizzjoni tar-rwol tal-gass fil-produzzjoni tal-elettriku (eż. importanza, rwol bħala riżerva għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli), inkluż il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mill-ħruq tal-gass (total (MWe) u bħala perċentwal tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku totali) u koġenerazzjoni (total (MWe) u bħala perċentwal tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku totali).*

*1.2.* *Agħti deskrizzjoni qasira tas-sistema tal-gass tal-Istat Membru, li tkopri:*

*(a)* *iċ-ċifri ewlenin tal-konsum tal-gass: il-konsum finali annwali tal-gass (bcm) u t-tqassim skont it-tip ta' klijenti, l-ogħla domanda (mcm/d);*

*(b)* *deskrizzjoni tal-funzjonament tas-sistema tal-gass fil-livell nazzjonali, inkluż l-infrastruttura (sa fejn mhux kopert mill-punt 1.1.(b)). Jekk applikabbli, inkludi s-sistema L-gas;*

*(c)* *identifikazzjoni tal-infrastruttura prinċipali rilevanti għas-sigurtà tal-provvista tal-gass;*

*(d)* *tqassim, sa fejn possibbli fil-livell nazzjonali ta' sorsi ta' importazzjoni ta' gass skont il-pajjiż ta' oriġini;*

*(e) deskrizzjoni tar-rwol tal-ħżin u inkludi:*

*(i) il-kapaċità ta' ħżin (totali u attiva) meta mqabbla mad-domanda fl-istaġun tat-tisħin;*

*(ii) il-kapaċità massimali tal-irtirar ta' kuljum f'livelli differenti ta' mili (idealment fil-livell ta' ħażniet sħaħ u l-livell tal-aħħar tal-istaġun);*

*(f) deskrizzjoni tar-rwol tal-produzzjoni domestika u inkludi:*

*(i) il-volum tal-produzzjoni fir-rigward tal-konsum finali annwali tal-gass;*

*(ii) il-kapaċità massimali ta' produzzjoni ta' kuljum;*

*(g) deskrizzjoni tar-rwol tal-gass fil-produzzjoni tal-elettriku (eż. importanza, rwol bħala riżerva għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli), inkluż il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mill-ħruq tal-gass (total (MWe) u bħala perċentwal tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku totali) u koġenerazzjoni (total (MWe) u bħala perċentwal tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku totali).*

## *2. STANDARD TAL-INFRASTRUTTURA (ARTIKOLU 5)*

***Iddeskrivi kif jiġi osservat l-istandard tal-infrastruttura, inklużi l-valuri ewlenin użati fil-formula N – 1 u għażliet alternattivi għall-osservanza tiegħu (ma' Stati Membri konnessi direttament, miżuri fin-naħa tad-domanda) u kapaċitajiet bidirezzjonali eżistenti, kif ġej:***

***(a) Formula N – 1***

***(i) l-identifikazzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass;***

***(ii) il-kalkolu tal-formula N – 1 f'livell nazzjonali;***

***(iii) deskrizzjoni tal-valuri użati għall-elementi kollha fil-formula N – 1, inklużi l-valuri intermedji użati għall-kalkolu tagħhom (eż. għal $EP_m$ indika l-kapaċità għall-punti ta' dħul kollha kkunsidrati taħt dan il-parametru);***

***(iv) indikazzjoni tal-metodoloġiji użati, jekk ikun il-każ, għall-kalkolu tal-parametri fil-formula N – 1 (eż. Dmax) (uża annessi għal spjegazzjonijiet dettaljati);***

*(v) spjegazzjoni tar-riżultati tal-kalkolu tal-formula N – 1 filwaqt li tqis il-livelli tal-ħażniet fi 30 % u 100 % tal-volum ta' ħidma massimu;*

*(vi) spjegazzjoni tar-riżultati ewlenin tas-simulazzjoni tal-formula N – 1 bl-użu ta' mudell idrawliku;*

*(vii) jekk l-Istat Membru jiddeċiedi hekk, kalkolu tal-formula N – 1 li tuża miżuri fin-naħa tad-domanda:*

- *kalkolu tal-formula N – 1 skont il-punt 2 tal-Anness II,*

- *deskrizzjoni tal-valuri użati għall-elementi kollha fil-formula N – 1, inklużi ċifri intermedji użati għall-kalkolu (jekk differenti miċ-ċifri deskritti fil-punt 2(a)(iii),*

- *indika l-metodoloġiji użati, jekk ikun il-każ, għall-kalkolu tal-parametri fil-formula N – 1 (eż. $D_{max}$) (uża annessi għal spjegazzjonijiet dettaljati,*

- *spjega l-miżuri bbażati fuq is-suq fin-naħa tad-domanda adottati/li ser jiġu adottati biex jikkumpensaw interruzzjoni tal-provvista tal-gass u l-impatt mistenni tagħha ($D_{eff}$),*

*(viii) jekk ikun hemm qbil dwar dan mal-awtoritajiet kompetenti tal-grupp jew gruppi ta' riskju rilevanti jew ma' Stati Membri konnessi direttament, il-kalkolu jew kalkoli konġunti tal-formula N – 1:*

*–kalkolu tal-formula N – 1 skont il-punt 5 tal-Anness II,*

*–deskrizzjoni tal-valuri użati għall-elementi kollha fil-formula N – 1, inklużi ċifri intermedji użati għall-kalkolu (jekk differenti miċ-ċifri deskritti fil-punt 2(a)(iii),*

*–indika l-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet użati, jekk ikun il-każ, għall-kalkolu tal-parametri fil-formula N – 1 (eż. $D_{max}$) (uża annessi għal spjegazzjonijiet dettaljati),*

*–spjega l-arranġamenti miftiehma biex tiżgura osservanza tal-formula N – 1.*

*(b) Kapaċità bidirezzjonali:*

*(i) indika l-punti ta' interkonnessjoni mgħammra bil-kapaċità bidirezzjonali u l-kapaċità massimali ta' flussi bidirezzjonali;*

*(ii) indika l-arranġamenti li jirregolaw l-użu tal-kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta (eż. kapaċità interrompibbli);*

*(iii) indika l-punti ta' interkonnessjoni fejn tkun ingħatat eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(4), it-tul tal-eżenzjoni u r-raġunijiet li għaliha ngħatat.*

## *3. IDENTIFIKAZZJONI TAR-RISKJI*

*Iddeskrivi l-fatturi ta' riskju li jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Istat Membru, il-probabbiltà u l-konsegwenzi tagħhom.*

*Lista mhux eżawrjenti tat-tipi ta' fatturi ta' riskju li għandhom jiġu inklużi fil-valutazzjoni jekk applikabbli biss skont l-awtorità kompetenti:*

*(a) Politiku*

- *interruzzjoni tal-provvista tal-gass minn pajjiżi terzi minħabba raġunijiet differenti,*
- *inkwiet politiku (jew fil-pajjiż ta' oriġini jew fil-pajjiż ta' transitu),*
- *gwerra / gwerra ċivili (jew fil-pajjiż ta' oriġini jew fil-pajjiż ta' transitu),*
- *terroriżmu;*

***(b) Teknoloġiku :***

- ***splużjoni/nirien,***
- ***nirien (interni f'faċilità partikolari),***
- ***tnixxijiet,***
- ***nuqqas ta' manutenzjoni adegwata,***
- ***ħsara fit-tagħmir (ma jistax jinxtegħel, ħsara meta jkun qiegħed jitħaddem, eċċ.),***
- ***nuqqas ta' elettriku (jew sors ta' enerġija ieħor),***
- ***ħsara fl-ICT (ħsara fil-hardware jew fis-software, l-internet, problemi SCADA, eċċ.),***
- ***attakk ċibernetiku,***
- ***impatt minħabba xogħol tal-iskavar (tħaffir, ġbir f'munzell), xogħlijiet tal-art, eċċ.***

*(c) Kummerċjali / suq / finanzjarju:*

– *ftehim ma' fornituri minn pajjiżi terzi,*

– *tilwim kummerċjali,*

– *kontroll ta' infrastruttura rilevanti għas-sigurtà tal-provvista tal-gass minn entitajiet ta' pajjiżi terzi, li jista' jimplika, fost l-oħrajn, riskji ta' nuqqas ta' investiment, theddida għad-diversifikazzjoni jew nuqqas ta' ħarsien tad-dritt tal-Unjoni,*

– *volatilità tal-prezzijiet,*

– *sottoinvestiment,*

– *domanda għolja f'daqqa mhux mistennija,*

– *riskji oħrajn li jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' riżultati strutturali;*

*(d) Soċjali:*

– *strajks (f'setturi relatati differenti, bħas-settur tal-gass, tal-portijiet, tat-trasport, eċċ.),*

– *sabotaġġ,*

– *vandaliżmu,*

– *serq;*

*(e) Naturali:*

– ***terremoti,***

– ***uqigħ tal-art,***

– ***għargħar (xita qawwija, xmara),***

– ***maltempati (Baħar,;***

– ***valangi,***

– ***kundizzjonijiet ta' temp estremi,***

***–nirien (esterni għall-faċilità, bħal foresti fil-qrib, mergħat, eċċ.),***

***3.1. Analiżi:***

***(a) identifika l-fatturi ta' riskju rilevanti għall-Istat Membru, inklużi l-probabbiltà u l-impatt tagħhom;***

***(b) iddeskrivi l-kriterji użati biex tiddetermina jekk sistema hijiex esposta għal riskji kbar/inaċċettabbli;***

***(c) stabbilixxi lista ta' xenarji ta' riskju rilevanti skont il-fatturi ta' riskju u l-probabbiltà tagħhom u iddeskrivi kif saret l-għażla.***

4. *ANALIŻI U VALUTAZZJONI TAR-RISKJU:*

***Analizza s-sett ta' xenarji ta' riskju rilevanti identifikati fil-punt 3. Fis-simulazzjoni tax-xenarji ta' riskju inkludi l-miżuri eżistenti għas-sigurtà tal-provvista tal-gass, bħall-istandard tal-infrastruttura kkalkulat bl-użu tal-formula N - 1 kif stabbilit fl-Anness II, u l-istandard tal-provvista tal-gass. Skont ix-xenarju ta' riskju:***

***(a) iddeskrivi fid-dettall ix-xenarju ta' riskju, inklużi s-suppożizzjonijiet kollha u, jekk applikabbli, il-metodoloġiji sottostanti għall-kalkolu tagħhom;***

***(b) iddeskrivi fid-dettall ir-riżultati tas-simulazzjoni li twettqet, inkluża kwantifikazzjoni tal-impatt (eż. volumi ta' gass li ma tqassamx, l-impatt soċjoekonomiku, l-impatt fuq it-tisħin distrettwali, l-impatt fuq il-ġenerazzjoni tal-elettriku).***

5. ***KONKLUŻJONIJIET***

***Iddeskrivi r-riżultati ewlenin tal-valutazzjoni tar-riskju komuni li fiha l-Istati Membri kienu involuti, inkluża l-identifikazzjoni tax-xenarji ta' riskju li jeħtieġu iktar azzjoni.***

ANNESS VI

▌

Mudell għall-pjan ta' azzjoni preventiva

INFORMAZZJONI ĠENERALI

– L-Istati Membri fil-***grupp ta' riskju***

– L-isem tal-***awtorità*** kompetenti responsabbli mit-tħejjija tal-pjan[29]

1. DESKRIZZJONI TAS-SISTEMA

1.1. ***Agħti*** deskrizzjoni ***konsolidata*** li tiddeskrivi fil-qosor ***is-sistema*** tal-gass reġjonali ***għal kull grupp***[30] ***ta' riskju li fih jipparteċipaw l-Istat Membri,*** li tkopri:

(a) iċ-ċifri ewlenin tal-konsum tal-gass[31]: il-konsum finali annwali tal-gass (bcm) u t-tqassim skont it-tip ta' klijenti[32], l-ogħla domanda (total u tqassim skont il-kategorija ta' klijenti f'mcm/d);

---

[29] Fejn dan il-kompitu jkun ġie ddelegat minn kwalunkwe awtorità kompetenti, ▌ indika l-isem tal-korp jew korpi responsabbli mit-tħejjija ta' dan il-pjan għan-nom tagħha.

[30] ***Għall-finijiet tas-sempliċità, jekk ikun possibbli ippreżenta l-informazzjoni fl-ogħla livell tal-gruppi ta' riskju u għaqqad id-dettalji kif ikun meħtieġ***

[31] Għall-ewwel pjan, inkludi data mill-aħħar sentejn. Għall-aġġornamenti, inkludi data mill-aħħar erba' snin.

[32] Inklużi klijenti industrijali, ġenerazzjoni tal-elettriku, tisħin distrettwali, residenzjali u servizzi u oħrajn (jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' klijenti inklużi hawn).

(b) deskrizzjoni tal-funzjonament tas-sistema tal-gass fil-***gruppi ta' riskju***: il-flussi ewlenin (dħul/ħruġ/transitu), il-kapaċità tal-punti ta' dħul/ħruġ tal-infrastruttura lejn u barra mir-reġjun ***jew reġjuni*** tal-***grupp ta' riskju*** u għal kull Stat Membru, inklużi r-rata ta' użu, il-faċilitajiet tal-LNG (il-kapaċità massimali ta' kuljum, ir-rata ta' użu u r-reġim ta' aċċess), eċċ.;

(c) tqassim***, sa fejn possibbli***, tas-sorsi ta' importazzjoni ta' gass skont il-pajjiż ta' oriġini[33];

(d) deskrizzjoni tar-rwol tal-faċilitajiet ta' ħżin rilevanti għar-reġjun, inkluż aċċess transkonfinali:

(i) il-kapaċità ta' ħżin (gass totali u gass attiv) meta mqabbla mad-domanda fl-istaġun tat-tisħin;

(ii) il-kapaċità massimali tal-irtirar ta' kuljum f'livelli differenti ta' mili (idealment fil-livell ta' ħażniet sħaħ u l-livell tal-aħħar tal-istaġun);

(e) deskrizzjoni tar-rwol tal-produzzjoni domestika fir-reġjun:

(i) il-v***olum*** tal-produzzjoni fir-rigward tal-konsum finali annwali tal-gass;

(ii) il-kapaċità massimali ta' produzzjoni ta' kuljum;

---

33 Iddeskrivi l-metodoloġija applikata.

(f) deskrizzjoni tar-rwol tal-gass fil-produzzjoni tal-elettriku (eż. importanza, rwol bħala riżerva għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli), inkluż il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mill-ħruq tal-gass (total (MWe) u bħala perċentwal tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku totali) u koġenerazzjoni (total (MWe) u bħala perċentwal tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku totali);

***(g) deskrizzjoni tar-rwol tal-miżuri ta' effiċjenza enerġetika u l-effett tagħhom fuq il-konsum finali ta' gass annwali,***

1.2. ***Agħti*** deskrizzjoni qasira tas-sistema tal-gass għal kull Stat Membru, li tkopri:

(a) iċ-ċifri ewlenin tal-konsum tal-gass: il-konsum finali annwali tal-gass (bcm) u t-tqassim skont it-tip ta' klijenti, l-ogħla domanda (mcm/d);

(b) deskrizzjoni tal-funzjonament tas-sistema tal-gass fil-livell nazzjonali, inkluż l-infrastruttura (sa fejn mhux kopert mill-punt 1.1.(b));

(c) l-identifikazzjoni tal-infrastruttura prinċipali rilevanti għas-sigurtà tal-provvista;

(d) tqassim***, sa fejn possibbli,*** fil-livell nazzjonali ta' sorsi ta' importazzjoni ta' gass skont il-pajjiż ta' oriġini;

(e) deskrizzjoni tar-rwol tal-ħżin fl-Istat Membru u inkludi:

(i) il-kapaċità ta' ħżin (totali u attiva) meta mqabbla mad-domanda fl-istaġun tat-tisħin;

(ii) il-kapaċità massimali tal-irtirar ta' kuljum f'livelli differenti ta' mili (idealment fil-livell ta' ħażniet sħaħ u l-livell tal-aħħar tal-istaġun);

(f) deskrizzjoni tar-rwol tal-produzzjoni domestika u inkludi:

(i) ***il-volum*** tal-produzzjoni fir-rigward tal-konsum finali annwali tal-gass;

(ii) il-kapaċità massimali ta' produzzjoni ta' kuljum;

(g) deskrizzjoni tar-rwol tal-gass fil-produzzjoni tal-elettriku (eż. importanza, rwol bħala riżerva għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli), inkluż il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mill-ħruq tal-gass (total (MWe) u bħala perċentwal tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku totali) u koġenerazzjoni (total (MWe) u bħala perċentwal tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku totali);

***(h)*** deskrizzjoni ta***r-rwol tal-miżuri ta' effiċjenza enerġetika u l-effett tagħhom fuq il-konsum finali ta' gass annwali.***

2. SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

***Iddeskrivi*** fil-qosor ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju ***komuni u nazzjonali rilevanti*** li twettqet f'konformità mal-Artikolu 7, inklużi:

(a) lista tax-xenarji vvalutati u deskrizzjoni fil-qosor tas-suppożizzjonijiet applikati għal kull wieħed kif ukoll ir-riskji/in-nuqqasijiet identifikati;

(b) il-konklużjonijiet ewlenin tal-valutazzjoni tar-riskju.

3. STANDARD TAL-INFRASTRUTTURA (ARTIKOLU 5)

***Iddeskrivi*** kif jiġi osservat l-istandard tal-infrastruttura, inklużi l-valuri ewlenin użati fil-formula N – 1 u għażliet alternattivi għall-osservanza tiegħu (ma' Stati Membri ġirien, miżuri fin-naħa tad-domanda) u kapaċitajiet bidirezzjonali eżistenti, kif ġej:

3.1. ▌

Formula N – 1

*(i)* Identifikazzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni għar-reġjun;

(ii) Kalkolu tal-formula N – 1 f'livell reġjonali;

(iii) Deskrizzjoni tal-valuri użati għall-elementi kollha fil-formula N – 1, inklużi ċifri intermedji użati għall-kalkolu (eż. għal $EP_m$ indika l-kapaċità għall-punti ta' dħul kollha kkunsidrati taħt dan il-parametru);

(iv) indikazzjoni tal-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet użati, jekk ikun il-każ, għall-kalkolu tal-parametri fil-formula N – 1 (eż. $D_{max}$) (uża annessi għal spjegazzjonijiet dettaljati).

3.2. Livell nazzjonali

(a) Formula N - 1

(i) identifikazzjoni tal-akbar infrastruttura unika tal-gass;

(ii) kalkolu tal-formula N – 1 f'livell nazzjonali;

(iii) deskrizzjoni tal-valuri użati għall-elementi kollha fil-formula N – 1, inklużi l-valuri intermedji użati għall-kalkolu (eż. għal $EP_m$ indika l-kapaċità għall-punti ta' dħul kollha kkunsidrati taħt dan il-parametru);

(iv) indika l-metodoloġiji użati, jekk ikun il-każ, għall-kalkolu tal-parametri fil-formula N – 1 (eż. Dmax) (uża annessi għal spjegazzjonijiet dettaljati);

(v) jekk l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, kalkolu tal-formula N – 1 li tuża miżuri fin-naħa tad-domanda:

– il-kalkolu tal-formula N – 1 skont il-punt 2 tal-Anness II;

– deskrizzjoni tal-valuri użati għall-elementi kollha fil-formula N – 1, inklużi ċifri intermedji użati għall-kalkolu (jekk differenti miċ-ċifri deskritti fil-punt ***3***(a)(iii) ***ta' dan l-Anness***);

– indika l-metodoloġiji użati, jekk ikun il-każ, għall-kalkolu tal-parametri fil-formula N – 1 (eż. $D_{max}$) (uża annessi għal spjegazzjonijiet dettaljati);

– spjegazzjoni tal-miżuri bbażati fuq is-suq fin-naħa tad-domanda adottati/li ser jiġu adottati biex jikkumpensaw interruzzjoni tal-provvista tal-gass u l-impatt mistenni tagħha ($D_{eff}$);

(vi) jekk ikun hemm qbil dwar dan ***mal-***awtoritajiet kompetenti tal-***grupp jew gruppi ta' riskju rilevanti jew ma' Stati Membri konnessi direttament***, il-kalkolu ***jew kalkoli*** konġunti tal-formula N - 1:

– il-kalkolu tal-formula N – 1 skont il-punt 5 tal-Anness II;

– deskrizzjoni tal-valuri użati għall-elementi kollha fil-formula N – 1, inklużi valuri intermedji użati għall-kalkolu (jekk differenti miċ-ċifri deskritti fil-punt ***3***(a)(iii) ***ta' dan l-Anness***);

– indika l-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet użati, jekk ikun il-każ, għall-kalkolu tal-parametri fil-formula N – 1 (eż. $D_{max}$) (uża annessi għal spjegazzjonijiet dettaljati);

– spjegazzjoni tal-arranġamenti miftiehma biex tiżgura l-osservanza tal-formula N - 1.

(b) Kapaċità bidirezzjonali

(i) indikal-punti ta' interkonnessjoni mgħammra bil-kapaċità bidirezzjonali u l-kapaċità massimali ta' flussi bidirezzjonali;

(ii) indikal-arranġamenti li jirregolaw l-użu tal-kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta (eż. kapaċità interrompibbli);

(iii) indikal-punti ta' interkonnessjoni fejn tkun ingħatat eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(4), it-tul tal-eżenzjoni u r-raġunijiet li għaliha ngħatat.

4. OSSERVANZA TAL-ISTANDARD TAL-PROVVISTA (L-ARTIKOLU 6)

***Iddeskrivi*** l-miżuri adottati biex jiġi osservat l-istandard tal-provvista kif ukoll kwalunkwe standard tal-provvista tal-gass miżjud jew obbligu ieħor impost għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista tal-gass:

(a) Definizzjoni ta' klijenti protetti applikata, inklużi kategoriji ta' klijenti koperti u l-konsum ta' gass annwali tagħhom (skont il-kategorija, valur nett u perċentwal tal-konsum annwali finali nazzjonali tal-gass).

(b) Volumi ta' gass meħtieġa biex jiġi osservat l-istandard tal-provvista skont ix-xenarji deskritti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1).

(c) Kapaċità meħtieġa biex jiġi osservat l-istandard tal-provvista skont ix-xenarji deskritti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1).

(d) Miżura jew miżuri fis-seħħ biex jiġi osservat l-istandard tal-provvista:

   (i) deskrizzjoni tal-miżura jew miżuri;

   (ii) destinatarji;

   (iii3) fejn tkun teżisti, iddeskrivi kwalunkwe sistema ta' monitoraġġ ex ante għall-osservanza tal-istandard tal-provvista;

(iv) Reġim ta' sanzjonijiet, jekk applikabbli;

(v) Iddeskrivi, għal kull miżura:

– l-impatt ekonomiku, l-effikaċja u l-effiċjenza tal-miżura;

– l-impatt tal-miżura fuq l-ambjent;

– l-impatt tal-miżuri fuq il-klijent;

(vi) Fejn jiġu applikati miżuri mhux ibbażati fuq is-suq (għal kull miżura):

– iġġustifika għaliex il-miżura hija neċessarja (jiġifieri, għaliex is-sigurtà tal-provvista ma tistax tinkiseb permezz ta' miżuri bbażati fuq is-suq waħdu);

– iġġustifika għaliex il-miżura hija proporzjonata (jiġifieri, għaliex il-miżura mhux ibbażata fuq is-suq hija l-inqas mezz restrittiv biex jinkiseb l-effett maħsub);

– ipprovdi analiżi tal-impatti ta' tali miżura:

(1) fuq sigurtà tal-provvista ta' Stati Membri oħra;

(2) fuq is-suq nazzjonali;

(3) fuq is-suq intern;

(vii) Fejn miżuri ġew introdotti fi jew wara **...** [▌ĠU, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], jekk jogħġbok agħti ***sommarju qasir tal-valutazzjoni tal-impatt jew*** link għall-valutazzjoni tal-impatt pubblika tal-miżura/i li twettqu f'konformità mal-Artikolu 9(4).

(e) Jekk applikabbli, iddeskrivi kwalunkwe standard tal-provvista tal-gass miżjud jew obbligu ieħor impost għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista tal-gass:

(i) deskrizzjoni tal-miżura jew miżuri;

▌(ii) mekkaniżmi biex tnaqqasha għal valuri tas-soltu fi spirtu ta' solidarjetà u f'konformità mal-Artikolu 13;

***(iii) jekk applikabbli, iddeskrivi kwalunkwe standard tal-provvista tal-gass ġdid miżjud jew obbligu ieħor impost għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista tal-gass adottat fi jew wara...[jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament];***

***(iv)*** destinatarji;

***(v)*** volumi u kapaċitajiet ta' gass affettwati;

***(vi)*** indika kif dik il-miżura tikkonforma mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(2).

5. MIŻURI PREVENTIVI

***Iddeskrivi*** l-miżuri preventivi fis-seħħ jew li ser jiġu adottati ▌:

(a) Iddeskrivi kull miżura preventiva adottata għal kull riskju identifikat skont il-valutazzjoni tar-riskju, inkluża deskrizzjoni ta':

(i) id-dimensjoni nazzjonali jew reġjonali tagħhom;

(ii) l-impatt ekonomiku, l-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom;

▌(iii) l-impatt tagħhom fuq il-klijenti.

Fejn adatt, inkludi:

– miżuri biex ittejjeb l-interkonnessjonijiet bejn Stati Membri ġirien;

– miżuri biex tiddiversifika r-rotot tal-gass u s-sorsi ta' provvista;

– Miżuri biex tipproteġi l-infrastruttura prinċipali rilevanti għas-sigurtà tal-provvista fir-rigward tal-kontroll minn entitajiet ta' pajjiżi terzi (inkluż, fejn rilevanti, liġijiet li janalizzaw l-investiment ġenerali jew speċifiku għas-settur, drittijiet speċjali għal ċerti azzjonisti, eċċ.).

(b) Iddeskrivi miżuri oħrajn adottati għal raġunijiet oħra minbarra l-valutazzjoni tar-riskju iżda b'impatt pożittiv għas-sigurtà tal-provvista tal-Istat Membru fil-***grupp jew gruppi ta' riskju rilevanti.***

(c) Fejn jiġu applikati miżuri mhux ibbażati fuq is-suq (għal kull miżura):

(i) iġġustifika għaliex il-miżura hija neċessarja (jiġifieri, għaliex is-sigurtà tal-provvista ma tistax tinkiseb permezz ta' miżuri bbażati fuq is-suq waħdu);

(ii) iġġustifika għaliex il-miżura hija proporzjonata (jiġifieri, għaliex il-miżura mhux ibbażata fuq is-suq hija l-inqas mezz restrittiv biex jinkiseb l-effett maħsub);

(iii) ipprovdi analiżi tal-impatt ta' tali miżura:

– iġġustifika għaliex il-miżura hija neċessarja (jiġifieri, għaliex is-sigurtà tal-provvista ma tistax tinkiseb permezz ta' miżuri bbażati fuq is-suq waħdu);

– iġġustifika għaliex il-miżura hija proporzjonata (jiġifieri, għaliex il-miżura mhux ibbażata fuq is-suq hija l-inqas mezz restrittiv biex jinkiseb l-effett maħsub);

– ipprovdi analiżi tal-impatt ta' tali miżura:

(1) fuq sigurtà tal-provvista ta' Stati Membri oħra;

(2) fuq is-suq nazzjonali;

(3) fuq is-suq intern;

(4) spjega sa fejn miżuri ta' effiċjenza, inkluż fin-naħa tad-domanda, ġew ikkunsidrati li jżidu s-sigurtà tal-provvista;

(5) spjega sa fejn is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ġew ikkunsidrati li jżidu s-sigurtà tal-provvista.

6. MIŻURI U OBBLIGI OĦRAJN (EŻ. TĦADDIM SIGUR TAS-SISTEMA)

Iddeskrivi miżuri u obbligi oħrajn li ġew imposti fuq impriżi tal-gass naturali u korpi rilevanti oħrajn li x'aktarx jista' jkollhom impatt fuq is-sigurtà tal-provvista tal-gass, bħal obbligi għat-tħaddim sigur tas-sistema, inkluż min jiġi affettwat b'dak l-obbligu kif ukoll il-volumi ta' gass koperti. Spjega preċiżament meta u kif dawk il-miżuri japplikaw.

7. PROĠETTI INFRASTRUTTURALI

(a) Iddeskrivi proġetti infrastrutturali futuri, li jinkludu Proġetti ta' Interessi Komuni, fil-***gruppi ta' riskju rilevanti***, inkluż il-ħin stmat għat-tħaddim tagħhom, il-kapaċitajiet u l-impatt stmat fuq is-sigurtà tal-provvista tal-gass fil-***grupp ta' riskju.***

(b) Indika kif il-proġetti infrastrutturali jieħu inkonsiderazzjoni t-TYNDP fl-Unjoni kollha elaborat mill-ENTSOG skont l-Artikolu 8(10) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009.

## 8. OBBLIGI TAS-SERVIZZ PUBBLIKU RELATATI MAS-SIGURTÀ TAL-PROVVISTA

Indika l-obbligi tas-servizz pubbliku eżistenti relatati mas-sigurtà tal-provvista u ddeskrivihom fil-qosor (uża l-annessi għal informazzjoni iktar dettaljata). Spjega b'mod ċar min għandu josserva dawn l-obbligi u kif. Jekk applikabbli, iddeskrivi kif u meta jibdew japplikaw dawk l-obbligi tas-servizz pubbliku.

▌

## *9.* KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

F'konformità mal-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament, ▌ iddeskrivi l-mekkaniżmu użat għall-konsultazzjonijiet imwettqa u r-riżultati tagħhom, għall-iżvilupp ta' dan il-pjan kif ukoll għall-pjan ta' emerġenza, flimkien ma':

(a) impriżi tal-gass;

(b) organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-unitajiet domestiċi;

(c) organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi ta' klijenti industrijali tal-gass, inklużi l-produtturi tal-elettriku;

(d) awtorità regolatorja nazzjonali.

## *10.* *DIMENSJONI REĠJONALI*

Indika kwalunkwe ċirkostanza u miżura nazzjonali rilevanti għas-sigurtà tal-provvista u mhux koperta fit-taqsimiet preċedenti tal-pjan [redacted] .

***Indika kif ġew ikkunsidrati l-kummenti possibbli riċevuti wara l-konsultazzjoni deskritta fl-Artikolu 8(2).***

## ***11.1. Kalkolu ta' N – 1 fil-livell tal-grupp ta' riskju jekk dan intlaħaq qbil dwaru mill-awtoritajiet kompetenti tal-grupp ta' riskju***

***Formula N – 1***

***(a) identifikazzjoni tal-akbar infrastruttura unika ta' interess komuni għall-grupp ta' riskju;***

***(b) kalkolu tal-formula N – 1 fil-livell tal-grupp ta' riskju;***

***(c) deskrizzjoni tal-valuri użati għall-elementi kollha fil-formula N – 1, inklużi ċifri intermedji użati għall-kalkolu (eż. għal $EP_m$ indika l-kapaċità għall-punti ta' dħul kollha kkunsidrati taħt dan il-parametru);***

***(d) indika l-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet użati, jekk ikun il-każ, għall-kalkolu tal-parametri fil-formula N – 1 (eż. $D_{max}$) (uża annessi għal spjegazzjonijiet dettaljati).***

*11.2. Mekkaniżmi żviluppati għall-kooperazzjoni*

***Iddeskrivi l-mekkaniżmi użati għall-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fil-gruppi ta' riskju rilevanti, inkluż għall-iżvilupp ta' miżuri transkonfinali fil-pjan ta' azzjoni preventiva u l-pjan ta' emerġenza***

***Iddeskrivi l-mekkaniżmi użati għall-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħrajn fit-tfassil u l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13.***

*11.3. Miżuri preventivi*

***Iddeskrivi l-miżuri preventivi fis-seħħ jew li ser jiġu adottati fil-grupp ta' riskju jew b'riżultat ta' ftehimiet reġjonali:***

***(a) Iddeskrivi kull miżura preventiva adottata għal kull riskju identifikat skont il-valutazzjoni tar-riskju, inkluża deskrizzjoni ta':***

***(i) l-impatt tagħhom fl-Istati Membri tal-grupp ta' riskju;***

***(ii) l-impatt ekonomiku, l-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom;***

***(iii) l-impatt tagħhom fuq l-ambjent;***

*(iv) l-impatt tagħhom fuq il-klijenti.*

*Fejn adatt, inkludi:*

- *miżuri biex ittejjeb l-interkonnessjonijiet bejn Stati Membri ġirien,*
- *miżuri biex tiddiversifika r-rotot tal-gass u s-sorsi ta' provvista,*
- *miżuri biex tipproteġi l-infrastruttura prinċipali rilevanti għas-sigurtà tal-provvista fir-rigward tal-kontroll minn entitajiet ta' pajjiżi terzi (inkluż, fejn rilevanti, liġijiet li janalizzaw l-investiment ġenerali jew speċifiku għas-settur, drittijiet speċjali għal ċerti azzjonisti, eċċ.).*

*(b) Iddeskrivi miżuri oħrajn adottati għal raġunijiet oħra minbarra l-valutazzjoni tar-riskju iżda b'impatt pożittiv għas-sigurtà tal-provvista tal-grupp ta' riskju.*

*(c) Fejn jiġu applikati miżuri mhux ibbażati fuq is-suq (għal kull miżura):*

*(i) Iġġustifika għaliex il-miżura hija neċessarja (jiġifieri, għaliex is-sigurtà tal-provvista ma tistax tinkiseb permezz ta' miżuri bbażati fuq is-suq waħdu);*

*(ii) Iġġustifika għaliex il-miżura hija proporzjonata (jiġifieri, għaliex il-miżura mhux ibbażata fuq is-suq hija l-inqas mezz restrittiv biex jinkiseb l-effett maħsub);*

*(iii) Ipprovdi analiżi tal-impatt ta' tali miżura:*

- *iġġustifika għaliex il-miżura hija neċessarja (jiġifieri, għaliex is-sigurtà tal-provvista ma tistax tinkiseb permezz ta' miżuri bbażati fuq is-suq waħdu);*

- *iġġustifika għaliex il-miżura hija proporzjonata (jiġifieri, għaliex il-miżura mhux ibbażata fuq is-suq hija l-inqas mezz restrittiv biex jinkiseb l-effett maħsub);*

- *ipprovdi analiżi tal-impatt ta' tali miżura:*

  *(1) fuq sigurtà tal-provvista ta' Stati Membri oħra;*

  *(2) fuq is-suq nazzjonali;*

  *(3) fuq is-suq intern.*

*(d) spjega sa fejn miżuri ta' effiċjenza, inkluż fin-naħa tad-domanda, ġew ikkunsidrati li jżidu s-sigurtà tal-provvista.*

*(e) spjega sa fejn is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ġew ikkunsidrati li jżidu s-sigurtà tal-provvista.*

ANNESS VII

Mudell għall-pjan ta' emerġenza

INFORMAZZJONI ĠENERALI

▌

– L-isem tal-awtorità kompetenti ***responsabbli għat-***tħejjija ta' dan il-pjan[34]

1. DEFINIZZJONI TA' LIVELLI TA' KRIŻI

(a) ▌indika l-korp responsabbli għad-dikjarazzjoni ta' kull livell ta' kriżi u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'kull każ għal tali dikjarazzjonijiet.

(b) fejn ikunu jeżistu, inkludi hawn l-indikaturi jew il-parametri użati biex tikkunsidra jekk każ jistax jirrizulta f'deterjorament sinifikanti tas-sitwazzjoni tal-provvista u biex tiddeċiedi dwar id-dikjarazzjoni ta' ċertu livell ta' kriżi.

2. MIŻURI LI GĦANDHOM JIĠU ADOTTATI SKONT IL-LIVELL TA' KRIŻI[35]

2.1. Twissija Bikrija

(a) Iddeskrivi l-miżuri li għandhom jiġu applikati f'dan l-istadju, filwaqt li tindika, għal kull miżura:

(i) deskrizzjoni qasira tal-miżura u l-atturi ewlenin involuti;

[34] Fejn dan il-kompitu jkun ġie ddelegat minn kwalunkwe awtorità kompetenti, jekk jogħġbok indika l-isem tal-korp jew korpi responsabbli mit-tħejjija ta' dan il-pjan għan-nom tagħha.
[35] Inkludi miżuri reġjonali u nazzjonali.

(ii) deskrizzjoni tal-proċedura li trid tiġi segwita, jekk applikabbli;

(iii) indikazzjoni tal-kontribut mistenni mill-miżura biex tlaħħaq mal-impatt ta' kwalunkwe avveniment jew tipprepara bil-quddiem qabel ma jseħħ;

(iv) deskrizzjoni tal-flussi ta' informazzjoni fost l-atturi involuti.

2.2. Livell ta' Allert

(a) Iddeskrivi l-miżuri li għandhom jiġu applikati f'dan l-istadju, filwaqt li tindika, għal kull miżura:

(i) deskrizzjoni qasira tal-miżura u l-atturi ewlenin involuti;

(ii) deskrizzjoni tal-proċedura li trid tiġi segwita, jekk applikabbli;

(iii) indikazzjoni tal-kontribut mistenni mill-miżura biex tlaħħaq mas-sitwazzjoni tal-livell ta' allert;

(iv) deskrizzjoni tal-flussi ta' informazzjoni fost l-atturi involuti.

(b) Iddeskrivi l-obbligi ta' rappurtar imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali f'livell ta' allert.

2.3. Livell ta' emerġenza

(a) Stabbilixxi lista tal-azzjonijiet predefiniti fin-naħa tal-provvista u tad-domanda biex il-gass ikun disponibbli f'każ ta' emerġenza, inklużi l-ftehimiet kummerċjali bejn il-partijiet involuti f'azzjonijiet bħal dawn u l-mekkaniżmi ta' kumpens għall-impriżi tal-gass naturali fejn adatt.

(b) Iddeskrivi l-miżuri bbażati fuq is-suq li għandhom jiġu applikati f'dan l-istadju, filwaqt li tindika, għal kull miżura:

(i) deskrizzjoni qasira tal-miżura u l-atturi ewlenin involuti;

(ii) deskrizzjoni tal-proċedura li trid tiġi segwita;

(iii) indikazzjoni tal-kontribut mistenni mill-miżura biex tittaffa s-sitwazzjoni fil-livell ta' emerġenza;

(iv) deskrizzjoni tal-flussi ta' informazzjoni fost l-atturi involuti.

(c) iddeskrivi l-miżuri mhux ibbażati fuq is-suq ippjanati jew li għandhom jiġu implimentati għal-livell ta' emerġenza, u indika, għal kull miżura:

(i) deskrizzjoni qasira tal-miżura u l-atturi ewlenin involuti;

(ii) valutazzjoni tal-ħtieġa ta' tali miżura biex tiffaċċa kriżi, inkluż il-livell tal-użu tagħha;

(iii) deskrizzjoni fid-dettall il-proċedura ta' implimentazzjoni tal-miżura (eż. xi jwassal għall-introduzzjoni ta' din il-miżura, min jieħu d-deċiżjoni);

(iv) indikazzjoni tal-kontribut mistenni mill-miżura biex tittaffa s-sitwazzjoni fil-livell ta' emerġenza bħala komplement għal miżuri bbażati fuq is-suq;

(v) valutazzjoni ta' effetti oħra tal-miżura;

(vi) ġustifikazzjoni tal-konformità tal-miżura mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(6);

(vii) deskrizzjoni tal-flussi ta' informazzjoni fost l-atturi involuti.

(d) iddeskrivi l-obbligi ta' rappurtar imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali.

3. MIŻURI SPEĊIFIĊI GĦALL-ELETTRIKU U T-TISĦIN DISTRETTWALI

(a) Tisħin distrettwali

(i) indika fil-qosor l-impatt probabbli ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass fis-settur tat-tisħin distrettwali;

(ii) indika l-miżuri u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jitnaqqas l-impatt potenzjali ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass fuq it-tisħin distrettwali. Inkella, indika għaliex l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi mhijiex adatta.

(b) Provvista ta' elettriku ġġenerat mill-gass

(i) indika fil-qosor l-impatt probabbli ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass fis-settur tal-elettriku;

(ii) indika l-miżuri u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jitnaqqas l-impatt potenzjali ta' interruzzjoni tal-provvista tal-gass fuq is-settur tal-elettriku. Alternattivament, indika għaliex l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi mhijiex adatta;

(iii) indika l-mekkaniżmi/id-dispożizzjonijiet eżistenti biex tiġi żgurata koordinazzjoni adatta, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni, bejn l-atturi ewlenin fis-settur tal-gass u dak tal-elettriku, b'mod partikolari l-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni, f'livelli differenti ta' kriżi.

4. MANIĠER JEW TIM TA' KRIŻI

Indika min huwa l-maniġer ▌ tal-kriżi u ddefinixxi r-rwol tiegħu.

5. RWOLI U RESPONSABBILTAJIET TA' ATTURI DIFFERENTI

(a) skont il-livell ta' kriżi, iddefinixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet, inklużi l-interazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti u, fejn adatt, mal-awtorità regolatorja nazzjonali, ta':

(i) impriżi tal-gass naturali;

(ii) klijenti industrijali;

(iii) produtturi tal-elettriku rilevanti.

(b) għal kull livell ta' kriżi, iddefinixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti u l-korpi li lilhom ġew iddelegati l-kompiti.

▌

## *6.* MIŻURI RIGWARD KONSUM ŻEJJED MINN KLIJENTI LI MHUMIEX KLIJENTI PROTETTI

Iddeskrivi l-miżuri fis-seħħ għall-prevenzjoni ***sa fejn possibbli u mingħajr ma jiġi pperikolat it-tħaddim sikur u affidabbli tas-sistema tal-gass jew il-ħolqien ta' sitwazzjonijiet perikolużi,*** il-konsum minn klijenti li mhumiex klijenti protetti ta' provvista tal-gass maħsuba għal klijenti protetti matul emerġenza. Indika n-natura tal-miżura (amministrattiva, teknika, eċċ.), l-atturi ewlenin u l-proċeduri li jridu jiġu segwiti.

## *7.* TESTIJIET TA' EMERĠENZA

(a) indika l-kalendarju għas-simulazzjonijiet b'rispons f'ħin reali għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

(b) indika l-atturi involuti, il-proċeduri u x-xenarji konkreti b'impatt qawwi u medju simulati.

Għall-aġġornamenti tal-pjan ta' emerġenza: iddeskrivi fil-qosor it-testijiet imwettqa minn meta l-aħħar pjan ta' emerġenza kien ippreżentat u r-riżultati ewlenin. Indika liema miżuri ġew adottati b'riżultat ta' dawk it-testijiet.

*8. DIMENSJONI REĠJONALI*

*8.1. Miżuri li għandhom jiġu adottati skont il-livell ta' kriżi:*

*8.1.1. Twissija Bikrija:*

*(a) iddeskrivi l-miżuri li għandhom jiġu applikati f'dan l-istadju, filwaqt li tindika, għal kull miżura:*

*(i) deskrizzjoni qasira tal-miżura u l-atturi ewlenin involuti;*

*(ii) deskrizzjoni tal-proċedura li trid tiġi segwita, jekk applikabbli;*

*(iii) indikazzjoni tal-kontribut mistenni mill-miżura biex tlaħħaq mal-impatti ta' kwalunkwe avveniment jew tipprepara bil-quddiem qabel ma jseħħ;*

*(iv) deskrizzjoni tal-flussi ta' informazzjoni fost l-atturi involuti.*

*8.1.2. Livell ta' Allert:*

*(a) iddeskrivi l-miżuri li għandhom jiġu applikati f'dan l-istadju, filwaqt li tindika, għal kull miżura:*

*(i) deskrizzjoni qasira tal-miżura u l-atturi ewlenin involuti;*

*(ii) deskrizzjoni tal-proċedura li trid tiġi segwita, jekk applikabbli;*

*(iii) indikazzjoni tal-kontribut mistenni mill-miżura biex tlaħħaq mal-impatti ta' kwalunkwe avveniment jew tipprepara bil-quddiem qabel ma jseħħ;*

*(iv) deskrizzjoni tal-flussi ta' informazzjoni fost l-atturi involuti;*

*(b) iddeskrivi l-obbligi ta' rappurtar imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali f'livell ta' allert.*

*8.1.3. Livell ta' emerġenza:*

*(a) stabbilixxi lista tal-azzjonijiet predefiniti fin-naħa tal-provvista u tad-domanda biex il-gass ikun disponibbli f'każ ta' emerġenza, inklużi l-ftehimiet kummerċjali bejn il-partijiet involuti f'tali azzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' kumpens għall-impriżi tal-gass naturali fejn adatt;*

*(b) iddeskrivi l-miżuri bbażati fuq is-suq li għandhom jiġu applikati f'dan l-istadju, filwaqt li tindika, għal kull miżura:*

*(i) deskrizzjoni qasira tal-miżura u l-atturi ewlenin involuti;*

*(ii) deskrizzjoni tal-proċedura li trid tiġi segwita;*

*(iii) indikazzjoni tal-kontribut mistenni mill-miżura biex tittaffa s-sitwazzjoni fil-livell ta' emerġenza;*

*(iv) deskrizzjoni tal-flussi ta' informazzjoni fost l-atturi involuti;*

*(c) iddeskrivi l-miżuri mhux ibbażati fuq is-suq ippjanati jew li għandhom jiġu implimentati għal livell ta' emerġenza, u indika għal kull miżura:*

*(i) deskrizzjoni qasira tal-miżura u l-atturi ewlenin involuti;*

*(ii) valutazzjoni tal-ħtieġa ta' tali miżura biex tiffaċċa kriżi, inkluż il-livell tal-użu tagħha;*

*(iii) deskrizzjoni fid-dettall tal-proċedura ta' implimentazzjoni tal-miżura (eż. xi jwassal għall-introduzzjoni tal-miżura, min jieħu d-deċiżjoni);*

*(iv) indikazzjoni tal-kontribut mistenni mill-miżura biex tittaffa s-sitwazzjoni fil-livell ta' emerġenza bħala komplement għal miżuri bbażati fuq is-suq;*

*(v) valutazzjoni ta' effetti oħra tal-miżura;*

*(vi) ġustifikazzjoni tal-konformità tal-miżura mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(6);*

*(vii) deskrizzjoni tal-flussi ta' informazzjoni fost l-atturi involuti.*

*(d) iddeskrivi l-obbligi ta' rappurtar imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali.*

*8.2. Mekkaniżmi ta' kooperazzjoni:*

*(a) iddeskrivi l-mekkaniżmi fis-seħħ biex ikun hemm kooperazzjoni f'kull grupp ta riskju rilevanti u biex tiġi żgurata koordinazzjoni adatta għal kull livell ta' kriżi. Iddeskrivi, sa fejn jeżistu u jekk ma ġewx koperti fil-punt 2, il-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet għal reazzjoni adatta f'livell reġjonali f''kull livell ta' kriżi;*

*(b) iddeskrivi l-mekkaniżmi fis-seħħ biex ikun hemm kooperazzjoni ma' Stati Membri oħrajn barra mill-gruppi ta' riskju u biex jiġu kkoordinati l-azzjonijiet għal kull livell ta' kriżi.*

*8.3. Solidarjetà bejn l-Istati Membri:*

*(a) iddeskrivi l-arranġamenti miftiehma bejn l-Istati Membri konnessi direttament biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-solidarjetà msemmi fl-Artikolu 13;*

*(b) jekk applikabbli, iddeskrivi l-arranġamenti miftiehma bejn l-Istati Membri li huma konnessi direttament ma' xulxin permezz ta' pajjiż terz biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-solidarjetà msemmi fl-Artikolu 13.*

ANNESS VIII

Lista ta' miżuri għas-sigurtà tal-provvista tal-gass mhux ibbażati fuq is-suq

Fl-iżvilupp tal-pjan ta' azzjoni preventiva u l-pjan ta' emerġenza, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra il-kontribut tal-lista ta' miżuri indikattiva u mhux eżawrjenti li ġejjin f'każ ta' xi emerġenza biss:

(a) miżuri fin-naħa tal-provvista:

– użu ta' ħżin strateġiku tal-gass,

– użu obbligatorju ta' ħażniet ta' karburanti alternattivi (eż. f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE[36]),

– użu obbligatorju ta' elettriku ġġenerat minn sorsi oħrajn minbarra gass,

– żieda obbligatorja ta' livelli ta' produzzjoni ta' gass,

– irtirar obbligatorju tal-ħażniet.

[36] Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi (ĠU L 265, 9.10.2009, p. 9).

(b) miżuri fin-naħa tad-domanda:

– diversi passi ta' tnaqqis obbligatorju fid-domanda li jinkludu:

- tibdil obbligatorju ta' karburant,
- użu obbligatorju ta' kuntratti interrompibbli, fejn ma jintużawx kompletament bħala parti minn miżuri bbażati fuq is-suq,
- tnaqqis kbir obbligatorju tat-tagħbija.

ANNESS IX

Tabella ta' korrelazzjoni

| Ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 6 | Artikolu 5 |
| Artikolu 8 | Artikolu 6 |
| Artikolu 9 | Artikolu 7 |
| Artikolu 4 | Artikolu 8 |
| Artikolu 5 | Artikolu 9 |
| Artikolu 10 | Artikolu 10 |
| Artikolu 10 | Artikolu 11 |
| Artikolu 11 | Artikolu 12 |
| – | Artikolu 13 |
| Artikolu 13 | Artikolu 14 |
| Artikolu 12 | Artikolu 4 |
| – | Artikolu 15 |
| – | Artikolu 16 |

| Ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 14 | Artikolu 17 |
| – | Artikolu 18 |
| – | Artikolu 19 |
| Artikolu 16 | Artikolu 20 |
| Artikolu 15 | Artikolu 21 |
| Artikolu 17 | Artikolu 22 |
| Anness I | Anness II |
| Artikolu 7 | Anness III |
| Anness IV | Anness I |
| – | Anness IV |
| – | Anness V |
| – | Anness VI |
| – | Anness VII |
| Anness II | – |
| Anness III | Anness VIII |
| – | Anness IX |

## DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-ARTIKOLU 16 TAR-REGOLAMENT

Il-Kummissjoni tilqa' l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 16 tar-Regolament propost bħala għodda importanti biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-pjanijiet ta' azzjoni preventiva u l-pjanijiet ta' emerġenza ma' Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija.

Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat b'mod effettiv li l-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija ma jdaħħlu fis-seħħ l-ebda miżura li tista' taffettwa b'mod negattiv lill-qagħda tas-sigurtà tal-provvista fl-UE u fl-Istati Membri tagħha u *vice versa*.

F'dan ir-rigward, mingħajr preġudizzju għall-proposta inizjali tagħha tas-16 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni se tikkunsidra li, fi żmien debitu, lill-Kunsill tipproponilu rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 218 tat-TFUE għal negozjati dwar l-emendi tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija, bl-għan li jiġu stabbiliti qafas ġuridiku u mekkaniżmi xierqa li jippermettu l-applikabbiltà ta' dispożizzjonijiet partikolari tar-Regolament u ta' partijiet rilevanti oħra tal-acquis communautaire fil-qasam tal-enerġija bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u l-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija min-naħa l-oħra, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' qafas imsaħħaħ għas-sigurtà tal-provvista tal-gass.